**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0029/2023**

10.2.2023

*****I**
# RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward tas-setgħat superviżorji, tas-sanzjonijiet, tal-fergħat ta' pajjiżi terzi, u tar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza, u li temenda d-Direttiva 2014/59/UE
(COM(2021)0663 – C9-0395/2021 – 2021/0341(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Jonás Fernández



*Magħquda fid-diversità*

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ............................................................105

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI......106

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward tas-setgħat superviżorji, tas-sanzjonijiet, tal-fergħat ta' pajjiżi terzi, u tar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza, u li temenda d-Direttiva 2014/59/UE**
**(COM(2021)0663 – C9-0395/2021 – 2021/0341(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0663),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 53(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0395/2021),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-27 ta' April 2022[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta' …[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0029/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

[1] ĠU C 248, 30.6.2022, p. 87.
[2] Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

**Emenda 1**

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW[*]

għall-proposta tal-Kummissjoni

---------------------------------------------------------

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward tas-setgħat superviżorji, tas-sanzjonijiet, tal-fergħat ta' pajjiżi terzi, u tar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza, u li temenda d-Direttiva 2014/59/UE**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew[3],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[4],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti, il-persunal tagħhom u l-membri tal-korpi ta' governanza tagħhom ikunu indipendenti mill-influwenza politika u ekonomika. Ir-riskji ta' kunflitti ta' interess jimminaw l-integrità tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni u jagħmlu ħsara lill-għan ta' unjoni bankarja u tas-swieq kapitali integrata. Jenħtieġ li d-Direttiva 2013/36/UE tipprovdi dispożizzjonijiet aktar dettaljati għall-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti, inklużi l-persunal u l-maniġment tagħhom, jaġixxu b'mod indipendenti u oġġettiv. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jiġu stipulati rekwiżiti minimi għall-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interessi ***u stabbiliti limiti stretti għar-***

---

[*] Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

[3] ĠU C , , p. .

[4] ĠU C , , p. .

***"revolving doors"***. Jenħtieġ li ***l-Awtorità Superviżorja Ewropea*** (l-Awtorità Bankarja Ewropea***)*** (ABE) toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti dwar il-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interessi, fuq il-bażi tal-aħjar prattiki internazzjonali.

***(1a) L-emendar tad-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward tas-setgħat superviżorji, tas-sanzjonijiet, tal-fergħat ta' pajjiżi terzi, u tar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza, u l-emendar tad-Direttiva 2014/59/UE jenħtieġ li jkunu xprunati f'koerenza mal-loġika tal-unjoni bankarja u jwasslu għal aktar armonizzazzjoni tas-Suq Uniku għas-settur bankarju. Dan l-emendar jenħtieġ li dejjem jiżgura l-proporzjonalità tar-regoli u jkollu l-għan li jkompli jnaqqas il-kostijiet tal-konformità u tar-rappurtar, b'mod partikolari għal istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi, f'konformità ma' "Study of the Cost of Compliance with Supervisory Reporting Requirements" (Studju dwar il-Kost tal-Konformità mar-Rekwiżiti tar-Rappurtar Superviżorju) li l-ABE ppubblikat fl-2021, liema studju kellu l-għan li jnaqqas il-kostijiet tar-rappurtar b'10 % sa 20 %.***

(2) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa neċessarja li jirtiraw l-awtorizzazzjoni mogħtija lil istituzzjoni ta' kreditu meta tali istituzzjoni ta' kreditu tkun ġiet iddikjarata li qed tfalli jew probabbli li tfalli u, fl-istess ħin, ma tkunx issodisfat il-kundizzjonijiet l-oħrajn għar-riżoluzzjoni stabbiliti mid-Direttiva 2014/59/UE[5] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew mir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6]. F'tali sitwazzjoni, jenħtieġ li istituzzjoni ta' kreditu tiġi stralċjata f'konformità mal-proċedimenti nazzjonali ta' insolvenza applikabbli, jew f'tipi oħrajn ta' proċedimenti stipulati għal dawk l-istituzzjonijiet skont id-dritt nazzjonali, u għalhekk jenħtieġ li twaqqaf l-attivitajiet li għalihom tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni.

(3) Il-forniment ta' servizzi bankarji fl-Unjoni jiddependi mill-kundizzjoni li l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha awtorizzazzjoni preċedenti u preżenza fiżika permezz ta' persuna ġuridika jew fergħa fit-territorju tagħha. Huwa biss b'dak il-mod li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jkunu soġġetti għal regolamentazzjoni u għal superviżjoni prudenzjali effettivi li huma neċessarji sabiex jiġi mminimizzat ir-riskju ta' falliment u, meta jseħħ, sabiex dak il-falliment jiġi mmaniġġjat biex jiġi evitat li jinxtered b'mod diżordinat u li jwassal għall-kollass tas-sistema finanzjarja (riskju ta' kontaġju, pereż., permezz ta' assalt bankarju jew falliment bankarju kkawżat minn self imprudenti). Il-forniment ta' servizzi bankarji fl-Unjoni mingħajr tali preżenza fiżika jżid il-preżenza u l-prevalenza fis-swieq finanzjarji, fejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu involuti mill-qrib, ta' segmenti tar-riskju mhux soġġetti għar-regolamentazzjoni u għas-superviżjoni prudenzjali tal-Unjoni, li jistgħu eventwalment jheddu l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni

---

[5] Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

[6] Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1).

jew tal-Istati Membri individwali tagħha. Il-kriżi finanzjarja tal-2008-2009 hija l-aħħar preċedent storiku li jenfasizza kif segmenti żgħar tas-suq jistgħu jsiru s-sors ta' theddid sinifikanti għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha jekk jitħallew barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regolamentazzjoni u tas-superviżjoni prudenzjali. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi stipulat rekwiżit espliċitu fid-dritt tal-Unjoni li l-impriżi stabbiliti f'pajjiż terz u li jfittxu li jipprovdu servizzi bankarji fl-Unjoni jenħtieġ li tal-anqas jistabbilixxu fergħa fi Stat Membru u li t-tali fergħa tkun awtorizzata f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, sakemm l-impriża ma tkunx tixtieq tipprovdi servizzi bankarji fl-Unjoni permezz ta' sussidjarja. Madankollu, jenħtieġ li dak ir-rekwiżit li tiġi stabbilita fergħa ma japplikax għal każijiet ta' sollecitazzjoni inversa tas-servizzi, billi f'dan il-każ ikun il-klijent li javviċina lill-impriża fil-pajjiż terz sabiex jissolleċita l-forniment tas-servizz. ***Dan ir-rekwiżit jenħtieġ ukoll li ma japplikax għal każijiet ta' tranżazzjonijiet interbankarji u bejn negozjanti, bl-esklużjoni ta' tranżazzjonijiet ma' sussidjarji, jew għal servizzi pprovduti skont id-Direttiva 2014/65/UE u s-servizzi anċillari akkomodanti li l-uniku skop tagħhom ikun li jipprovdu servizzi skont dik id-Direttiva. Madankollu, l-eżerċizzju ta' tali eżenzjoni jenħtieġ li jqis il-konformità mar-regoli tal-AML/CFT kif definiti fi [daħħal ir-referenza għall-AMLD].***

(4) Jenħtieġ li s-superviżuri tal-istituzzjonijiet ta' kreditu jkollhom is-setgħat neċessarji kollha li jippermettulhom iwettqu dmirijiethom u li jkopru d-diversi operazzjonijiet imwettqin mill-entitajiet soġġetti għal superviżjoni. Għal dak l-għan u sabiex jiżdiedu l-kundizzjonijiet ekwivalenti, is-superviżuri jrid ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom is-setgħat superviżorji kollha li jippermettulhom ikopru operazzjonijiet materjali li jistgħu jitwettqu mill-entitajiet soġġetti għal superviżjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jiġu nnotifikati f'każ li operazzjoni materjali, inklużi akkwiżizzjonijiet minn entitajiet soġġetti għal superviżjoni ta' holdings materjali f'entitajiet finanzjarji jew mhux finanzjarji, trasferimenti materjali ta' assi u ta' obbligazzjonijiet minn jew lil entitajiet soġġetti għal superviżjoni, u fużjonijiet u diviżjonijiet li jinvolvu entitajiet soġġetti għal superviżjoni, imwettqa minn entità soġġetta għal superviżjoni tqajjem tħassib dwar il-profil prudenzjali tagħha, jew dwar attivitajiet possibbli ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-BĊE u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jkollhom is-setgħa li jintervjenu f'tali każijiet.

(5) Fir-rigward tal-fużjonijiet u tad-diviżjonijiet, id-Direttiva (UE) 2017/1132 tistipula regoli u proċeduri armonizzati, b'mod partikolari għall-fużjonijiet u għad-diviżjonijiet transfruntiera ta' kumpaniji b'responsabbiltà limitata. Għalhekk, jenħtieġ li l-proċedura ta' valutazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti stipulata f'din id-direttiva tkun komplementari għad-Direttiva (UE) 2017/1132 u jenħtieġ li ma tikkontradixxi l-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tagħha. Fil-każ ta' dawk il-fużjonijiet u d-diviżjonijiet transfruntiera li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2017/1132, jenħtieġ li l-opinjoni motivata maħruġa mill-awtorità superviżorja kompetenti tkun parti mill-valutazzjoni tal-konformità mal-kundizzjonijiet rilevanti kollha u t-tlestija xierqa tal-proċeduri u tal-formalitajiet kollha meħtieġa għaċ-ċertifikat ta' qabel il-fużjoni jew ta' qabel id-diviżjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-opinjoni motivata tiġi ttrasferita lill-awtorità nazzjonali nnominata responsabbli għall-ħruġ taċ-ċertifikat ta' qabel il-fużjoni jew ta' qabel id-diviżjoni skont id-Direttiva ***(UE)*** 2017/1132.

(6) Biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jintervjenu qabel ma titwettaq waħda minn dawn l-operazzjonijiet materjali, jenħtieġ li jiġu nnotifikati *ex ante*. Jenħtieġ li dik in-notifika tkun akkumpanjata mill-informazzjoni neċessarja għall-awtoritajiet kompetenti sabiex jivvalutaw l-operazzjoni ppjanata minn perspettiva prudenzjali u ta' kontra l-ħasil tal-flus u ta' kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. Jenħtieġ li dik il-valutazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tibda fil-mument li tiġi riċevuta n-notifika inkluża l-informazzjoni mitluba kollha u, fil-każ tal-akkwiżizzjoni ta' holding materjali jew tat-trasferiment materjali ta' assi u ta' obbligazzjonijiet, jenħtieġ li tkun limitata fiż-żmien.

(7) Fil-każ tal-akkwiżizzjoni ta' holding kwalifikanti, jew tat-trasferiment materjali ta' assi jew ta' obbligazzjonijiet, il-konklużjoni tal-valutazzjoni tista' twassal sabiex l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li topponi l-operazzjoni. Fin-nuqqas ta' oppożizzjoni mill-awtoritajiet kompetenti fi żmien perjodu partikolari, jenħtieġ li l-operazzjoni titqies bħala approvata.

(8) Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità u jiġi evitat piż amministrattiv żejjed, jenħtieġ li dawk is-setgħat addizzjonali tal-awtoritajiet kompetenti jkunu applikabbli biss għal operazzjonijiet meqjusin materjali. Jenħtieġ li l-operazzjonijiet li jikkonsistu f'fużjonijiet jew f'diviżjonijiet biss jiġu ttrattati awtomatikament bħala operazzjonijiet materjali, billi l-entità li tkun għadha kif inħolqot tista' tkun mistennija li tippreżenta profil prudenzjali differenti b'mod sinifikanti mill-entitajiet inizjalment involuti fil-fużjoni jew fid-diviżjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-fużjonijiet jew id-diviżjoni ma jiġux konklużi minn entitajiet li jwettquhom qabel ma tkun waslet opinjoni pożittiva minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti. Operazzjonijiet oħrajn (inkluż l-akkwiżizzjoni ta' holding u t-trasferimenti ta' assi u ta' obbligazzjonijiet), meta jitqiesu materjali, jenħtieġ li jiġu vvalutati mill-awtoritajiet kompetenti fuq il-bażi ta' proċedura ta' approvazzjoni taċita.

(9) F'xi sitwazzjonijiet (pereżempju meta jkunu involuti entitajiet stabbiliti f'diversi Stati Membri), l-operazzjonijiet jistgħu jirrikjedu notifiki u valutazzjonijiet multipli minn awtoritajiet kompetenti differenti ***inkluż minn awtoritajiet tal-AML/CFT***, liema sitwazzjonijiet jirrikjedu kooperazzjoni effiċjenti fost dawk l-awtoritajiet. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu ppreċiżati l-obbligi ta' kooperazzjoni, b'mod partikolari n-notifiki trażversali bikrija, l-iskambju bla xkiel ta' informazzjoni u l-koordinazzjoni fil-valutazzjoni.

(10) Huwa neċessarju li d-dispożizzjonijiet relatati mal-akkwiżizzjoni ta' holding kwalifikanti f'istituzzjoni ta' kreditu jiġu allinjati ma' dispożizzjonijiet dwar l-akkwiżizzjoni ta' holding kwalifikanti minn istituzzjoni, f'każ li ż-żewġ valutazzjonijiet ikunu jridu jitwettqu għall-istess operazzjoni. Tabilħaqq, mingħajr artikolazzjoni xierqa, dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jwasslu għal inkonsistenzi fil-valutazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti, u fl-aħħar mill-aħħar fid-deċiżjonijiet meħudin minnhom. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi previst żmien addizzjonali simili pprovdut lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jirrikonoxxu li rċevew in-notifika meta l-operazzjoni titqies kumplessa.

(11) Jenħtieġ li l-ABE tingħata l-mandat li tiżviluppa standards tekniċi regolatorji u standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tiżgura tfassil xieraq tal-użu ta' dawk is-setgħat superviżorji addizzjonali. Jenħtieġ li dawk l-istandards tekniċi regolatorji u l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari, jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tiġi riċevuta mill-awtoritajiet kompetenti, l-elementi li għandhom jiġu vvalutati, u l-

kooperazzjoni meta jkunu involuti aktar minn awtorità kompetenti waħda. Dawk id-diversi elementi huma kruċjali sabiex jiġi żgurat li metodoloġija superviżorja armonizzata biżżejjed tippermetti li d-dispożizzjonijiet dwar is-setgħat addizzjonali jiġu implimentati b'mod effiċjenti, bil-minimu possibbli ta' piż amministrattiv addizzjonali.

(12) Huwa kruċjali li l-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta jikkonformaw mar-rekwiżiti prudenzjali biex jiżguraw is-sikurezza u s-solidità tagħhom u jippreservaw l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, kemm fil-livell tal-Unjoni kollha kemm hi kif ukoll f'kull Stat Membru. Għalhekk, jenħtieġ li l-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkollhom is-setgħa li jieħdu miżuri f'waqthom u deċiżivi meta dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta u l-maniġers effettivi tagħhom jonqsu milli jikkonformaw mar-rekwiżiti prudenzjali jew mad-deċiżjonijiet superviżorji.

***(12a) L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu huma mistennija li jiżguraw bilanċ xieraq ta' rekwiżiti prudenzjali fi ħdan il-gruppi bankarji sabiex jiggarantixxu li l-grupp u kull waħda mis-sussidjarji tiegħu jkunu reżiljenti u kapaċi jappoġġjaw lill-klijenti tagħhom, anke f'sitwazzjonijiet ta' diffikultà; u li jqisu l-effiċjenza tal-immaniġġjar tar-riskju tal-grupp filwaqt li jiżguraw li jkun hemm biżżejjed salvagwardji fis-seħħ biex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja fl-Istati Membri kollha. Għal dan l-għan, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jirrikjedu li l-istituzzjonijiet iżommu livell xieraq ta' kapital u likwidità, u jiddependu fuq pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni biex jiżguraw li t-telf ikun jista' jiġi distribwit b'mod xieraq mal-grupp kollu u l-likwidità tkun tista' tgħaddi fejn tkun meħtieġa fi żminijiet ta' stress. Jenħtieġ li dan jiġi kkomplementat b'setgħat addizzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 għall-awtoritajiet kompetenti biex ikunu jistgħu, bħala parti mill-miżuri ta' intervent bikri tagħhom, jirrikjedu li istituzzjoni prinċipali teżegwixxi pjanijiet ta' rkupru tal-grupp meta s-sussidjarji tagħha biss jissodisfaw l-indikaturi ta' rkupru, fil-każ li l-grupp bankarju jkun daħal ukoll fi ftehim ta' appoġġ finanzjarju tal-grupp. Dawn is-setgħat addizzjonali jenħtieġ li jiġu introdotti fl-okkażjoni tar-rieżami li jmiss tal-qafas tal-UE għall-immaniġġjar tal-kriżijiet.***

(13) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti fil-qasam tas-setgħat ta' sanzjonar, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jipprevedu penali amministrattivi effettivi, proporzjonati u dissważivi, pagamenti perjodiċi ta' penali u miżuri amministrattivi oħrajn fir-rigward ta' ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva u ksur tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7]. B'mod partikolari, l-Istati Membri jistgħu jimponu penali amministrattivi meta l-ksur rilevanti jkun ukoll soġġett għad-dritt kriminali nazzjonali. Dawk il-penali amministrattivi, il-pagamenti perjodiċi ta' penali u miżuri amministrattivi oħrajn jenħtieġ li jissodisfaw ċerti rekwiżiti minimi, inklużi s-setgħat minimi li jenħtieġ li jingħataw lill-awtoritajiet kompetenti sabiex ikunu jistgħu jimponuhom, il-kriterji li l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jqisu fl-applikazzjoni tagħhom, ir-rekwiżiti ta'

---

[7] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

pubblikazzjoni jew il-livelli ta' penali amministrattivi u ta' pagamenti perjodiċi ta' penali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistipulaw regoli speċifiċi u mekkaniżmi effettivi fir-rigward tal-applikazzjoni ta' pagamenti perjodiċi ta' penali.

(14) Jenħtieġ li l-penali amministrattivi pekunjarji jkollhom effett ta' deterrent sabiex jipprevjenu li l-persuna fiżika jew ġuridika li tikser id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 2013/36/UE jew li tikser ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tinvolvi ruħha fl-istess imġiba jew f'imġiba simili fil-futur. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jipprevedu penali amministrattivi, li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jqisu kwalunkwe piena kriminali preċedenti li setgħet ġiet imposta fuq l-istess persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-istess ksur meta jiddeterminaw it-tip ta' penali amministrattivi jew ta' miżuri amministrattivi oħrajn u l-livell ta' penali amministrattivi pekunjarji. Dan sabiex jiġi żgurat li s-severità tal-penali kollha u tal-miżuri amministrattivi l-oħrajn imposti għal finijiet punittivi f'każ ta' akkumulazzjoni ta' proċedimenti amministrattivi u kriminali tkun limitata għal dak li jkun neċessarju fid-dawl tas-serjetà tal-ksur ikkonċernat. Għal dak l-għan, huwa essenzjali li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ġudizzjarji fil-każ ta' akkumulazzjoni ta' proċedimenti amministrattivi u kriminali kontra l-istess persuni responsabbli għall-istess ksur. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistipulaw regoli u mekkaniżmi speċifiċi sabiex jiffaċilitaw tali kooperazzjoni.

(15) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jimponu penali amministrattivi fuq l-istess persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-istess atti jew ommissjonijiet. Madankollu, jenħtieġ li tali akkumulazzjoni ta' proċedimenti u ta' penali fuq l-istess ksur issegwi objettivi differenti ta' interess ġenerali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistipulaw regoli li jipprevedu koordinazzjoni xierqa bejn il-proċedimenti amministrattivi u kriminali. Jenħtieġ li tali regoli jillimitaw l-impożizzjoni ta' penali kumulattivi fir-rigward tal-istess ksur fuq il-persuna fiżika jew ġuridika kkonċernata għal dak li jkun strettament neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi differenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistipulaw regoli sabiex jiżguraw li s-severità tal-penali amministrattivi u tal-pieni kriminali kollha u ta' miżuri oħrajn imposti f'każijiet ta' akkumulazzjoni ta' proċedimenti jkunu limitati għal dak li jkun neċessarju fid-dawl tas-serjetà tal-ksur ikkonċernat. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ukoll li tali duplikazzjoni tal-proċedimenti u l-penali sussegwenti jikkonformaw mal-prinċipju *ne bis in idem* u li d-drittijiet tal-persuna fiżika jew ġuridika kkonċernata jkunu protetti kif xieraq.

(16) Jenħtieġ li l-penali amministrattivi pekunjarji fuq il-persuni ġuridiċi jiġu applikati b'mod konsistenti, b'mod partikolari fir-rigward tad-determinazzjoni tal-ammont massimu tal-penali amministrattivi, li jenħtieġ li jqisu l-valur tal-fatturat nett annwali totali tal-impriża rilevanti. Madankollu, id-definizzjoni attwali tal-fatturat nett annwali totali fid-Direttiva 2013/36/UE la hija eżawrjenti biżżejjed u lanqas ċara u kompluta biżżejjed biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti fl-applikazzjoni ta' penali amministrattivi pekunjarji. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu ċċarati diversi elementi tad-definizzjoni attwali tal-valur tal-fatturat nett annwali totali sabiex tiġi evitata interpretazzjoni inkonsistenti.

(17) Minbarra l-penali amministrattivi, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jingħataw is-setgħa li jimponu pagamenti perjodiċi ta' penali fuq istituzzjonijiet ta' kreditu, fuq kumpaniji azzjonarji finanzjarji, fuq kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta u fuq il-

maniġers effettivi tagħhom għan-nuqqas ta' konformità mal-obbligi tagħhom skont id-Direttiva 2013/36/UE, ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew deċiżjoni maħruġa minn awtorità kompetenti. Dawk il-miżuri ta' infurzar jenħtieġ li jiġu imposti meta ksur ta' rekwiżit jew deċiżjoni superviżorja tal-awtorità kompetenti jkun għadu qed iseħħ. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jimponu dawk il-miżuri ta' infurzar mingħajr ma jkollhom jindirizzaw talba, ordni jew twissija minn qabel lill-parti li tkun qed twettaq il-ksur. Billi l-fini tal-pagamenti perjodiċi ta' penali hija li l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jiġu mġiegħla jtemmu ksur kontinwu, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' pagamenti perjodiċi ta' penali ma tipprevjenix lill-awtoritajiet kompetenti milli jimponu penali amministrattivi sussegwenti għall-istess ksur.

(18) Huwa neċessarju li jiġu stipulati penali amministrattivi, pagamenti perjodiċi ta' penali, u miżuri amministrattivi oħrajn sabiex jiġi żgurat l-usa' kamp ta' applikazzjoni possibbli għal azzjoni wara ksur, u bħala għajnuna għall-prevenzjoni ta' aktar ksur, irrispettivament mill-kwalifika tiegħu bħala penali amministrattiva jew miżura amministrattiva oħra skont id-dritt nazzjonali. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevedu penali addizzjonali u livell ogħla ta' penali amministrattivi pekunjarji.

(19) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jimponu pagamenti perjodiċi ta' penali li jkunu proporzjonati u effettivi. Skont dan, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tqis l-impatt potenzjali tal-pagament perjodiku ta' penali fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuna ġuridika jew fiżika li tkun qed twettaq il-ksur, u tfittex li tevita li l-piena tikkawża li l-persuna ġuridika jew fiżika li tkun qed twettaq il-ksur issir insolventi, tpoġġiha f'diffikultà finanzjarja serja jew tirrappreżenta perċentwal sproporzjonat tal-valur tal-fatturat annwali totali tagħha.

(20) ***B'deroga, ristretta biss għal dawk is-sitwazzjonijiet limitati*** meta l-ordinament ġuridiku tal-Istat Membru ma jippermettix il-penali amministrattivi previsti f'din id-Direttiva, ***jenħtieġ li jkun possibbli li eċċezzjonalment jiġu applikati r-regoli*** dwar il-penali amministrattivi ▌ b'tali mod li l-penali tinbeda mill-awtorità kompetenti u tiġi imposta mill-awtoritajiet ġudizzjarji. Għalhekk, huwa neċessarju li dawk l-Istati Membri ***xorta waħda*** jiżguraw li l-applikazzjoni tar-regoli u tal-penali jkollha effett ekwivalenti għall-penali amministrattivi imposti mill-awtoritajiet kompetenti. Meta jimponu tali penali, jenħtieġ li l-awtoritajiet ġudizzjarji jqisu r-rakkomandazzjoni mill-awtorità kompetenti li tagħti bidu għall-penali. Jenħtieġ li l-penali imposti jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(21) Sabiex jiġu previsti sanzjonijiet xierqa għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li tiġi ssupplimentata l-lista ta' ksur soġġett għal penali amministrattivi, għal pagamenti perjodiċi ta' penali u għal miżuri amministrattivi oħrajn. Għalhekk, jenħtieġ li l-lista ta' ksur skont l-Artikolu 67 tad-Direttiva 2013/36/UE tiġi emendata.

(22) Ir-regolamentazzjoni ta' fergħat stabbiliti minn impriżi f'pajjiż terz sabiex jipprovdu servizzi bankarji fi Stat Membru hija soġġetta għad-dritt nazzjonali u armonizzata biss sa livell limitat ħafna mid-Direttiva 2013/36/UE. Minkejja li l-fergħat ta' pajjiżi terzi qed ikollhom preżenza sinifikanti ***u dejjem akbar*** fis-swieq bankarji tal-Unjoni, bħalissa huma soġġetti biss għal rekwiżiti ta' informazzjoni ta' livell għoli ħafna, iżda mhuma soġġetti għall-ebda standard prudenzjali jew arranġament ta' kooperazzjoni superviżorja fil-livell tal-Unjoni. In-nuqqas totali ta' qafas prudenzjali komuni jwassal sabiex il-fergħat ta' pajjiżi terzi jkunu soġġetti għal rekwiżiti nazzjonali differenti ta' livelli varji

ta' prudenza u kopertura. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti jkunu neqsin minn informazzjoni komprensiva u l-għodod superviżorji neċessarji sabiex jimmonitorjaw kif xieraq ir-riskji speċifiċi maħluqin minn gruppi ta' pajjiżi terzi li joperaw fi Stat Membru wieħed jew f'diversi Stati Membri kemm permezz ta' fergħat kif ukoll permezz ta' sussidjarji. Bħalissa ma hemm l-ebda arranġament superviżorju integrat fir-rigward tagħhom u l-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni ta' kull fergħa ta' grupp ta' pajjiż terz ma hijiex obbligata tiskambja informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti li jwettqu s-superviżjoni tal-fergħat u tas-sussidjarji l-oħrajn tal-istess grupp. Tali xenarju regolatorju frammentat joħloq riskji għall-istabbiltà finanzjarja u għall-integrità tas-suq tal-Unjoni li jenħtieġ li jiġu indirizzati kif xieraq permezz ta' qafas armonizzat dwar il-fergħat ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li t-tali qafas jinkludi rekwiżiti komuni minimi dwar l-awtorizzazzjoni, l-istandards prudenzjali, il-governanza interna, is-superviżjoni u r-rappurtar. Jenħtieġ li dan is-sett ta' rekwiżiti jibni fuq dawk li l-Istati Membri diġà japplikaw għal fergħat ta' pajjiżi terzi fit-territorji tagħhom u jenħtieġ li jqis rekwiżiti simili jew ekwivalenti li l-pajjiżi terzi japplikaw għal fergħat barranin, bl-għan li tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-Istati Membri u li l-qafas tal-Unjoni tal-fergħat ta' pajjiżi terzi jiġi allinjat mal-prattiki internazzjonali prevalenti f'dan il-qasam. ***Għalhekk, jenħtieġ li l-fergħat ġodda ta' pajjiżi terzi ma jitħallewx joperaw fl-Unjoni sakemm ma jkunx ġie konkluż Memorandum ta' Qbil bejn l-ABE u l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz.***

(23) Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, jenħtieġ li r-rekwiżiti dwar il-fergħat ta' pajjiżi terzi jiġu indirizzati b'mod relattiv għar-riskju li dawn joħolqu għall-istabbiltà finanzjarja u għall-integrità tas-suq tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Għalhekk, jenħtieġ li l-fergħat ta' pajjiżi terzi jiġu kkategorizzati jew bħala tal-Klassi 1, meta jitqiesu aktar riskjużi, jew, inkella, bħala tal-Klassi 2, meta jkunu żgħar u mhux kumplessi u ma joħolqux riskju sinifikanti ta' stabbiltà finanzjarja (b'mod konsistenti mad-definizzjoni ta' "istituzzjoni żgħira u mhux kumplessa" fir-Regolament (UE) Nru 575/2013). Skont dan, jenħtieġ li l-fergħat ta' pajjiżi terzi b'assi rreġistrati fil-kotba fl-Istat Membru f'ammont ugwali għal EUR 5 000 000 000 jew aktar jitqiesu li jippreżentaw tali riskju akbar minħabba d-daqs akbar u l-kumplessità tagħhom, peress li l-falliment tagħhom jista' jwassal għal tfixkil sinifikanti tas-suq tal-Istat Membru għas-servizzi bankarji jew tas-sistema bankarja tiegħu. Jenħtieġ li fergħat ta' pajjiżi terzi awtorizzati li jaċċettaw depożiti fil-livell tal-konsumatur jitqiesu wkoll bl-istess mod bħala aktar riskjużi irrispettivament mid-daqs tagħhom, sa fejn il-falliment tagħhom ikun jaffettwa depożitanti vulnerabbli ħafna u jista' jwassal għal telf ta' fiduċja fis-sikurezza u fis-solidità tas-sistema bankarja tal-Istat Membru sabiex jiġi protett it-tfaddil taċ-ċittadini. Għalhekk, jenħtieġ li dawk iż-żewġ tipi ta' fergħat ta' pajjiżi terzi jiġu kkategorizzati bħala tal-Klassi 1.

(24) Jenħtieġ li l-fergħat ta' pajjiżi terzi jiġu kklassifikati wkoll bħala tal-Klassi 1 meta l-impriża fil-pajjiż terz li tkun l-uffiċċju prinċipali tagħhom (l-"impriża prinċipali") tkun soġġetta għal regolamentazzjoni, għal sorveljanza u għal implimentazzjoni ta' tali regolamentazzjoni li ma jkunux iddeterminati li jkunu tal-anqas ekwivalenti għad-Direttiva 2013/36/UE u għar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew meta l-pajjiż terz rilevanti jkun elenkat bħala pajjiż terz b'riskju għoli li għandu defiċjenzi strateġiċi fir-reġim tiegħu dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8].

[8] Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-

Dawk il-fergħat ta' pajjiżi terzi jippreżentaw riskju sinifikanti għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni u tal-Istat Membru ta' stabbiliment minħabba li l-oqfsa bankarji regolatorji jew ta' kontra l-ħasil tal-flus li japplikaw għall-impriża prinċipali tagħhom jonqsu milli jkopru b'mod adegwat jew jippermettu monitoraġġ xieraq tar-riskji speċifiċi li jirriżultaw mill-attivitajiet imwettqin mill-fergħa fl-Istat Membru jew mir-riskji għall-kontropartijiet fl-Istat Membru li jirriżultaw mill-grupp ta' pajjiżi terz. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ekwivalenza tal-istandards prudenzjali u superviżorji bankarji tal-pajjiż terz għall-istandards tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tagħti istruzzjonijiet lill-ABE biex twettaq valutazzjoni f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Jenħtieġ li l-ABE tiżgura li l-valutazzjoni titwettaq b'mod rigoruż u trasparenti u f'konformità ma' metodoloġija soda. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-ABE tikkonsulta wkoll lill-awtoritajiet superviżorji u d-dipartimenti tal-gvern tal-pajjiżi terzi responsabbli mir-regolamentazzjoni bankarja u, fejn xieraq, il-partijiet tas-settur privat, u tikkoopera mill-qrib magħhom, filwaqt li timpenja ruħha li tittratta lil dawk il-partijiet b'mod ġust u li tagħtihom l-opportunità li jippreżentaw dokumentazzjoni u jagħmlu rappreżentazzjonijiet f'perjodi ta' żmien raġonevoli. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-ABE tiżgura li r-rapport maħruġ f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ikun raġunat b'mod adegwat, jistabbilixxi deskrizzjoni dettaljata tal-kwistjonijiet ivvalutati u jiġi pprovdut f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

(25) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom setgħa espliċita li jirrikjedu fuq bażi ta' każ b'każ li l-fergħat ta' pajjiżi terzi japplikaw għal awtorizzazzjoni f'konformità mat-Titolu III, il-Kapitolu 1 tad-Direttiva 2013/36/UE, tal-anqas meta dawk il-fergħat jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ma' kontropartijiet fi Stati Membri oħrajn fi ksur tar-regoli tas-suq intern jew fejn ikunu ta' riskju sinifikanti għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew tal-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa jivvalutaw perjodikament jekk il-fergħat ta' pajjiżi terzi li jkollhom assi fil-kotba tagħhom f'ammont ugwali għal EUR ***40 000 000 000*** jew ogħla għandhomx importanza sistemika. Jenħtieġ li l-fergħat kollha ta' pajjiżi terzi li jappartjenu għall-istess grupp ta' pajjiż terz stabbilit fi Stat Membru wieħed jew madwar l-Unjoni jkunu soġġetti b'mod konġunt għal tali valutazzjoni perjodika. Jenħtieġ li dik il-valutazzjoni teżamina, f'konformità ma' kriterji speċifiċi, jekk dawk il-fergħat joħolqux livell analogu ta' riskju għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha bħala istituzzjonijiet definiti bħala "sistemikament importanti" skont id-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament UE Nru 575/2013. Meta l-awtoritajiet kompetenti jikkonkludu li l-fergħat ta' pajjiżi terzi jkunu sistemikament importanti, jenħtieġ li jimponu rekwiżiti fuq dawk il-fergħat li jkunu xierqa sabiex jimmitigaw ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja. Għal dawk il-finijiet, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jirrikjedu li l-fergħat ta' pajjiżi terzi japplikaw għal awtorizzazzjoni bħala istituzzjonijiet sussidjarji skont id-Direttiva 2013/36/UE sabiex ikomplu jwettqu attivitajiet bankarji fl-Istat Membru jew madwar l-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jimponu rekwiżiti oħrajn, b'mod partikolari obbligu ta' ristrutturar tal-assi jew tal-attivitajiet tal-fergħat ta' pajjiżi terzi fl-Unjoni sabiex dawk il-fergħat ma jibqgħux sistemiċi, jew rekwiżit ta' konformità ma' rekwiżiti addizzjonali ta' kapital, ta' likwidità, ta' rappurtar jew ta' divulgazzjoni, meta

terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

dan ikun biżżejjed sabiex jiġu indirizzati r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom il-possibbiltà li ma jimponu l-ebda wieħed minn dawk ir-rekwiżiti fuq fergħat ta' pajjiżi terzi vvalutati bħala sistemiċi biss meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jiġġustifikaw li r-riskji li dawk il-fergħat joħolqu għall-istabbiltà finanzjarja u għall-integrità tas-suq tal-Unjoni u tal-Istati Membri ma jiżdidux b'mod sinifikanti fin-nuqqas ta' tali rekwiżiti għal perjodu ta' mhux aktar minn sena.

(26) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tad-deċiżjonijiet superviżorji fuq grupp ta' pajjiż terz b'fergħat u b'sussidjarji madwar l-Unjoni, jenħtieġ li tiġi nnominata awtorità kompetenti prinċipali sabiex twettaq il-valutazzjoni tal-importanza sistemika. Jenħtieġ li dak ir-rwol jikkorrispondi għas-superviżur konsolidat tal-grupp ta' pajjiż terz fl-Unjoni, meta japplika l-Artikolu 111 tad-Direttiva 2013/36/UE, jew għall-awtorità kompetenti li ssir is-superviżur konsolidat f'konformità ma' dak l-Artikolu, jekk il-fergħat ta' pajjiżi terzi ta' dak il-grupp jiġu ttrattati bħala s-sussidjarji tiegħu. Meta s-superviżur konsolidat rilevanti ma jkunx ġie ddeterminat jew meta l-awtorità kompetenti prinċipali ma tkunx bdiet il-valutazzjoni tal-importanza sistemika fi żmien tliet xhur. Minflok, jenħtieġ li l-ABE twettaq dik il-valutazzjoni. L-awtorità kompetenti prinċipali, jew, fejn applikabbli, l-ABE, jenħtieġ li tikkonsulta u tikkoopera bis-sħiħ mal-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tas-sussidjarji u tal-fergħat tal-grupp ta' pajjiż terz rilevanti madwar l-Unjoni. Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti prinċipali u dawk l-awtoritajiet kompetenti jieħdu deċiżjoni konġunta dwar jekk jimponux rekwiżiti fuq il-fergħat ta' pajjiżi terzi vvalutati bħala sistemiċi. Għal raġunijiet ta' proċess xieraq, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti prinċipali jew, fejn applikabbli, l-ABE, tiżgura li d-dritt tal-fergħat ta' pajjiżi terzi li jinstemgħu u d-dritt li jagħmlu rappreżentazzjonijiet jiġu rrispettati matul il-valutazzjoni tal-importanza sistemika.

(27) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu rieżamijiet regolari tal-konformità tal-fergħat ta' pajjiżi terzi mar-rekwiżiti rilevanti skont id-Direttiva 2013/36/UE, u jieħdu miżuri superviżorji fuq dawk il-fergħat sabiex jiżguraw jew jirrestawraw il-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti. Sabiex tiġi ffaċilitata s-superviżjoni effettiva tar-rekwiżiti fuq il-fergħat ta' pajjiżi terzi u tiġi permessa ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-attivitajiet ta' gruppi ta' pajjiżi terzi fl-Unjoni, jenħtieġ li r-rappurtar superviżorju u finanzjarju komuni jsir disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti f'konformità ma' mudelli standardizzati. Jenħtieġ li l-ABE tingħata l-mandat li tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu dawk il-mudelli u jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni. Barra minn hekk, huwa neċessarju li jiġu implimentati arranġamenti ta' kooperazzjoni xierqa bejn l-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi żgurat li l-attivitajiet kollha ta' gruppi ta' pajjiżi terzi li joperaw fl-Unjoni permezz ta' fergħat ta' pajjiżi terzi jkunu soġġetti għal superviżjoni komprensiva, bħala prevenzjoni biex ir-rekwiżiti applikabbli għal dawk il-gruppi skont id-dritt tal-Unjoni ma jiġux evitati u biex jiġu mminimizzati r-riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-fergħat ta' pajjiżi terzi tal-Klassi 1 jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kulleġġi tas-superviżuri ta' gruppi ta' pajjiżi terzi fl-Unjoni. Meta tali kulleġġ ma jkunx jeżisti diġà, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu kulleġġ *ad hoc* għall-fergħat kollha ta' pajjiżi terzi tal-Klassi 1 tal-istess grupp meta jkun jopera f'aktar minn Stat Membru wieħed.

(28) Jenħtieġ li l-qafas tal-Unjoni ta' fergħat ta' pajjiżi terzi jiġi applikat mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni li l-Istati Membri bħalissa jista' jkollhom jirrikjedu fuq bażi ġenerali

li impriżi ta' pajjiżi terzi minn ċerti pajjiżi terzi jwettqu attivitajiet bankarji fit-territorju tagħhom biss permezz ta' istituzzjonijiet sussidjarji awtorizzati f'konformità mat-Titolu III, il-Kapitolu 1 tad-Direttiva 2013/36/UE. Dak ir-rekwiżit jista' jirreferi għal pajjiżi terzi li japplikaw standards prudenzjali u superviżorji bankarji li ma humiex ekwivalenti għall-istandards skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru jew għal pajjiżi terzi li għandhom defiċjenzi strateġiċi fir-reġim tagħhom dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

***(28a) Minkejja r-regoli attwali ta' segretezza applikabbli, jenħtieġ li l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet tat-taxxa jittejjeb. Madankollu, jenħtieġ li dan l-iskambju ta' informazzjoni jkun konformi mad-dritt nazzjonali, u, meta l-informazzjoni toriġina fi Stat Membru ieħor, jenħtieġ li jintlaħaq ftehim għad-divulgazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti rilevanti.***

(29) Wara l-introduzzjoni tal-IFRS 9 fl-1 ta' Jannar 2018, l-eżitu tal-kalkoli tat-telf ta' kreditu mistenni, li huwa bbażat fuq approċċi ta' mmudellar, jaffettwa direttament l-ammont ta' fondi proprji u l-proporzjonijiet regolatorji tal-istituzzjonijiet. L-istess approċċi ta' mmudellar huma wkoll il-bażi għall-kalkolu tat-telf ta' kreditu mistenni meta l-istituzzjonijiet japplikaw oqfsa kontabilistiċi nazzjonali. B'riżultat ta' dan, huwa importanti li l-awtoritajiet kompetenti u l-ABE jkollhom stampa ċara tal-impatt li jkollhom dawk il-kalkoli fuq il-firxa ta' valuri għall-assi ppeżati għar-riskju u fuq ir-rekwiżiti ta' fondi proprji li jinħolqu għal skoperturi simili. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva jkopri wkoll dawk l-approċċi ta' mmudellar. Peress li l-istituzzjonijiet li jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' kapital f'konformità mal-approċċ standardizzat għar-riskju ta' kreditu jistgħu jużaw ukoll mudelli għall-kalkolu tat-telf ta' kreditu mistenni fil-qafas tal-IFRS 9, jenħtieġ li dawk l-istituzzjonijiet jiġu inklużi wkoll fl-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva, filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-proporzjonalità.

(30) Ir-Regolament (UE) 2019/876[9] emenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi introduċa qafas rivedut tar-riskju tas-suq żviluppat mill-Kumitat ta' Basel għas-Superviżjoni Bankarja. L-approċċ standardizzat alternattiv li huwa parti minn dak il-qafas il-ġdid jippermetti lill-istituzzjonijiet jimmudellaw ċerti parametri użati fil-kalkolu tal-assi ppeżati għar-riskju u r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq. Għalhekk, huwa importanti li l-awtoritajiet kompetenti u l-ABE jkollhom stampa ċara tal-medda ta' valuri għall-assi ppeżati għar-riskju u tar-rekwiżiti ta' fondi proprji li jirriżultaw għal skoperturi simili mhux biss skont l-approċċ tal-mudell intern alternattiv, iżda wkoll skont l-approċċ standardizzat alternattiv. B'riżultat ta' dan, jenħtieġ li l-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tar-riskju tas-suq ikopri l-approċċ standardizzat u l-approċċ tal-mudell intern riveduti.

---

[9] Ir-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-proporzjon ta' lieva finanzjarja, il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett, rekwiżiti għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, riskju ta' kreditu tal-kontroparti, riskju tas-suq, skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, skoperturi għal impriżi ta' investiment kollettiv, skoperturi kbar, rekwiżiti ta' rappurtar u divulgazzjoni, u r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 1).

(31) It-tranżizzjoni globali lejn ekonomija sostenibbli kif minquxa fil-Ftehim ta' Pariġi[10], kif konkluż mill-Unjoni, u l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli se jirrikjedu trasformazzjoni soċjoekonomika profonda u se jiddependu fuq il-mobilizzazzjoni ta' riżorsi finanzjarji sinifikanti mis-settur pubbliku u mis-settur privat. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew[11] jorbot lill-Unjoni sabiex issir newtrali għall-klima sal-2050. Is-sistema finanzjarja għandha rwol rilevanti x'taqdi fl-appoġġ għal dik it-tranżizzjoni, li huwa relatat mhux biss mal-ħtif u mal-appoġġ għall-opportunitajiet li se jinħolqu iżda wkoll mal-immaniġġjar xieraq tar-riskji li tista' tinvolvi.

(32) L-iskala bla preċedent ta' tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli, newtrali għall-klima u ċirkolari se jkollha impatti konsiderevoli fuq is-sistema finanzjarja. Fl-2018, in-Network tal-Banek Ċentrali u tas-Superviżuri għall-Ekoloġizzazzjoni tas-Sistema Finanzjarja[12] rrikonoxxew li r-riskji relatati mal-klima huma sors ta' riskju finanzjarju. L-Istrateġija Mġedda tal-Kummissjoni għall-Finanzi Sostenibbli[13] tenfasizza li r-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG), u r-riskji li jirriżultaw mill-impatt fiżiku tat-tibdil fil-klima, tat-telfien tal-bijodiversità u tad-degradazzjoni ambjentali usa' tal-ekosistemi b'mod partikolari, joħolqu sfida mingħajr preċedent għall-ekonomiji tagħna u għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Dawk ir-riskji***, li jenħtieġ li jitqiesu b'mod indaqs,*** jippreżentaw speċifiċitajiet bħan-natura progressiva tagħhom u l-impatti distintivi tagħhom fuq perjodi ta' żmien qosra, medji u fit-tul. ***L-ispeċifiċità tar-riskji ambjentali relatati mal-klima, kemm f'termini ta' tranżizzjoni kif ukoll ta' riskji fiżiċi, tirrikjedi b'mod partikolari li tali riskji jiġu mmaniġġjati tul perjodu ta' mill-anqas 10 snin.***

(33) In-natura fit-tul u l-profondità tat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli, newtrali għall-klima u ċirkolari se jinvolvu bidliet sinifikanti fil-mudelli ta' negozju tal-istituzzjonijiet. L-aġġustament adegwat tas-settur finanzjarju, u b'mod partikolari tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-objettiv ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti fl-ekonomija tal-Unjoni sal-2050, filwaqt li jinżammu r-riskji inerenti taħt kontroll. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jivvalutaw dan il-proċess u jintervjenu f'każijiet li fihom l-istituzzjonijiet jimmaniġġjaw ir-riskji klimatiċi, kif ukoll ir-riskji li jirriżultaw mid-degradazzjoni ambjentali u mit-telfien tal-bijodiversità, b'mod li jipperikola l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet individwali, jew l-istabbiltà finanzjarja ġenerali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw u jingħataw is-setgħa li jaġixxu, meta jkun hemm allinjament ħażin tal-mudelli u tal-istrateġiji ta' negozju tal-istituzzjonijiet mal-objettivi ***regolatorji*** lejn ekonomija sostenibbli, li jirriżultaw f'riskji għall-mudelli u għall-istrateġiji ta' negozju tagħhom, jew għall-istabbiltà finanzjarja. ***Dawn l-objettivi jenħtieġ li jinkludu objettivi ta' politika tal-Unjoni u standards internazzjonali stabbiliti bħall-Ftehim ta' Pariġi.*** Jenħtieġ li r-riskji klimatiċi u, b'mod aktar ġenerali, dawk ambjentali, jitqiesu flimkien

[10] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4).

[11] COM(2019) 640 final.

[12] Imniedi fil-One Planet Summit ta' Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2017, dan huwa grupp ta' Banek Ċentrali u ta' Superviżuri li huma lesti, fuq bażi volontarja, li jaqsmu l-aħjar prattiki u jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-immaniġġjar tar-riskju ambjentali u klimatiku fis-settur finanzjarju u li jimmobilizzaw il-finanzjament tradizzjonali sabiex jappoġġjaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli.

[13] COM(2021) 390 final, 06.07.2021.

mar-riskji soċjali u mar-riskji ta' governanza taħt kategorija waħda ta' riskji biex tkun tista' ssir integrazzjoni komprensiva u koordinata ta' dawn il-fatturi, billi spiss ikunu marbutin ma' xulxin. Ir-riskji ESG huma marbutin mill-qrib mal-kunċett tas-sostenibbiltà, billi l-fatturi ESG jirrappreżentaw it-tliet pilastri ewlenin tas-sostenibbiltà.

(34) Sabiex tinżamm reżiljenza adegwata għall-impatti negattivi tal-fatturi ESG, l-istituzzjonijiet stabbiliti fl-Unjoni jeħtieġ li jkunu jistgħu jidentifikaw, ikejlu u jimmaniġġjaw b'mod sistematiku r-riskji ESG, u s-superviżuri tagħhom jeħtieġ li jivvalutaw ir-riskji fil-livell tal-istituzzjoni individwali kif ukoll fil-livell sistemiku, filwaqt li jagħtu prijorità lill-fatturi ambjentali u jagħmlu progress fil-fatturi l-oħrajn ta' sostenibbiltà hekk kif jevolvu l-metodoloġiji u l-għodod għall-valutazzjoni. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jivvalutaw l-allinjament tal-portafolli tagħhom mal-ambizzjoni tal-Unjoni li ssir newtrali għall-klima sal-2050 kif ukoll li jiġu evitati d-degradazzjoni ambjentali u t-telfien tal-bijodiversità. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jistabbilixxu pjanijiet speċifiċi sabiex jindirizzaw ir-riskji li jirriżultaw, fit-terminu qasir, medju u fit-tul, mill-allinjament ħażin tal-mudell u tal-istrateġija ta' negozju tagħhom mal-objettivi ta' politika rilevanti tal-Unjoni, inklużi fil-Ftehim ta' Pariġi, fil-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %"[14] [u l-Qafas Globali tal-Bijodiversità għal wara l-2020]. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ikunu meħtieġa jkollhom arranġamenti ta' governanza u proċessi interni robusti għall-immaniġġjar tar-riskji ESG u li jkollhom fis-seħħ strateġiji approvati mill-korpi ta' ġestjoni tagħhom li jqisu mhux biss l-impatt kurrenti tal-fatturi ESG iżda wkoll dak futur. ***Jenħtieġ li dawn l-istrateġiji jiżguraw l-aderenza mal-ambizzjoni tal-Unjoni li tkun newtrali għall-klima sal-2050 f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15].*** L-għarfien u s-sensibilizzazzjoni kollettivi dwar il-fatturi ESG mill-korp ta' ġestjoni u l-allokazzjoni interna tal-kapital tal-istituzzjonijiet sabiex jiġu indirizzati r-riskji ESG se jkunu wkoll kruċjali sabiex jixprunaw il-bidla f'kull istituzzjoni. L-ispeċifiċitajiet tar-riskji ESG ▌ ifissru li l-fehim, il-kejl u l-prattiki ta' ġestjoni jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti fost l-istituzzjonijiet. Sabiex jiġu żgurati l-konverġenza madwar l-Unjoni u fehim uniformi tar-riskji ESG, jenħtieġ li fir-regolament prudenzjali jiġu pprovduti definizzjonijiet xierqa u standards minimi għall-valutazzjoni ta' dawk ir-riskji. Biex jintlaħaq dan l-objettiv, id-definizzjonijiet huma stipulati fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-ABE hija mogħtija s-setgħa li tispeċifika sett minimu ta' metodoloġiji ta' referenza għall-valutazzjoni tal-impatt tar-riskji ESG fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-istituzzjonijiet, filwaqt li tagħti prijorità lill-impatt tal-fatturi ambjentali. Billi n-natura progressiva tar-riskji ESG tfisser li l-analiżi tax-xenarji u l-ittestjar tal-istress, flimkien mal-pjanijiet għall-indirizzar ta' dawk ir-riskji, huma għodod ta' valutazzjoni partikolarment informattivi, jenħtieġ li l-ABE tingħata wkoll is-setgħa li tiżviluppa kriterji uniformi għall-kontenut tal-pjanijiet sabiex jiġu indirizzati dawk ir-riskji u għall-istabbiliment ta' xenarji u għall-applikazzjoni tal-metodi ta' ttestjar tal-istress. ***Jenħtieġ li l-ABE tibbaża x-xenarji tagħha fuq l-evidenza xjentifika disponibbli, filwaqt li tibni fuq il-ħidma tan-Network għall-Ekoloġizzazzjoni tas-Sistema Finanzjarja u l-isforzi mill-***

[14] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2021)568 final, 14.07.2021, li tinkludi l-proposti tal-Kummissjoni li ġejjin: COM(2021)562 final, COM(2021)561 final, COM(2021)564 final, COM(2021)563 final, COM(2021)556 final, COM(2021)559 final, COM(2021)558 final, COM(2021)557 final, COM(2021)554 final, COM(2021)555 final, COM(2021)552 final.

***[15] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).***

***Kummissjoni biex issaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti kollha, bl-għan li tiġi żviluppata bażi metodoloġika komuni, kif deskritt fil-punt c tal-Azzjoni 5 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Lulju 2021 dwar l-Istrateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli.*** Ir-riskji relatati mal-ambjent, inklużi r-riskji li jirriżultaw mid-degradazzjoni ambjentali u mit-telfien tal-bijodiversità, u r-riskji relatati mal-klima b'mod partikolari jenħtieġ li jieħdu prijorità fid-dawl tal-urġenza tagħhom u tar-rilevanza partikolari tal-analiżi tax-xenarji u tal-ittestjar tal-istress għall-valutazzjoni tagħhom.

*(34a)* ***Bħala fornituri ewlenin ta' finanzjament għan-negozji u għall-unitajiet domestiċi fl-Unjoni, l-istituzzjonijiet għandhom rwol rilevanti x'jaqdu fil-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli madwar l-Unjoni. Sabiex l-Unjoni tilħaq l-objettiv ġenerali tagħha tan-newtralità klimatika kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119, l-istituzzjonijiet jeħtieġ li jintegraw fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki u tal-attivitajiet tagħhom ir-rwol tal-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli. Sabiex jipprovdu għal dan il-proċess, il-mudell u l-istrateġija tan-negozju tal-istituzzjonijiet iridu jiġu kkuntrastati mal-objettivi ta' politika rilevanti tal-Unjoni lejn ekonomija sostenibbli, pereżempju mal-miżuri preskritti mill-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima, biex jiġu identifikati r-riskji ESG tagħhom minn allinjamenti żbaljati. Meta l-istituzzjonijiet jiddivulgaw l-objettivi u l-impenji ta' sostenibbiltà tagħhom skont oqfsa ta' sostenibbiltà obbligatorji jew volontarji oħra, bħal skont id-Direttiva 2013/34/UE, jenħtieġ li dawk l-objettivi jkunu konsistenti mal-pjanijiet speċifiċi biex jiġu indirizzati r-riskji ESG li jistgħu jiffaċċjaw, fuq terminu qasir, medju u twil. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivvalutaw permezz tal-attivitajiet superviżorji rilevanti tagħhom sa liema punt l-istituzzjonijiet jiffaċċjaw riskji ESG u jkollhom politiki ta' mmaniġġjar u azzjonijiet operazzjonali ta' akkumpanjament riflessi fil-miri u fl-istadji importanti definiti fil-pjanijiet prudenzjali tagħhom li jkunu konsistenti mal-impenji ta' sostenibbiltà divulgati tagħhom fil-kuntest tal-proċess ta' aġġustament lejn in-newtralità klimatika sal-2050. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jingħataw is-setgħa li jitolbu lill-istituzzjonijiet isaħħu l-miri, il-miżuri u l-azzjonijiet tal-pjanijiet prudenzjali tagħhom meta dawn jitqiesu insuffiċjenti biex jindirizzaw ir-riskji ESG fuq perjodu ta' żmien qasir, medju u twil u jistgħu f'dak ir-rigward joħolqu riskji materjali għas-solvenza tagħhom. Sabiex tiġi promossa sorveljanza tar-riskji tajba u effettiva kif ukoll imġiba maniġerjali f'allinjament mal-istrateġija fit-tul tagħhom dwar is-sostenibbiltà, l-aptit għar-riskju tal-istituzzjonijiet fir-rigward tar-riskji ESG jenħtieġ li jkun parti integrali mill-politiki u mill-prattiki ta' remunerazzjoni tagħhom.***

(35) Ir-riskji ESG jista' jkollhom implikazzjonijiet estensivi għall-istabbiltà kemm tal-istituzzjonijiet individwali kif ukoll tas-sistema finanzjarja kollha kemm hi. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jqisu b'mod konsistenti dawk ir-riskji fl-attivitajiet superviżorji rilevanti tagħhom, inklużi l-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni superviżorji u l-ittestjar tal-istress ta' dawk ir-riskji. Il-Kummissjoni Ewropea, permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku tagħha, kienet qed tipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' metodoloġiji ta' ttestjar tal-istress u tinsab lesta li tkompli tipprovdi appoġġ tekniku f'dan ir-rigward. Madankollu, il-metodoloġiji tal-ittestjar tal-istress għar-riskji ESG s'issa ġew applikati prinċipalment b'mod esploratorju.Sabiex l-ittestjar tal-istress ESG jiġi inkorporat b'mod sod u konsistenti fis-superviżjoni, jenħtieġ li l-ABE, ***l-Awtorità Superviżorja Ewropea (***l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol***)*** (EIOPA) u ***l-***

***Awtorità Superviżorja Ewropea (***l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq***)*** (AETS) jiżviluppaw b'mod konġunt linji gwida sabiex jiżguraw kunsiderazzjonijiet konsistenti u metodoloġiji komuni għall-ittestjar tal-istress tar-riskji ESG. Jenħtieġ li l-ittestjar tal-istress ta' dawk ir-riskji jibda b'fatturi relatati mal-klima u mal-ambjent, u hekk kif aktar data u metodoloġiji tar-riskju ESG isiru disponibbli biex jappoġġjaw l-iżvilupp ta' għodod addizzjonali sabiex jiġi vvalutat l-impatt kwantitattiv tagħhom fuq ir-riskji finanzjarji, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw dejjem aktar l-impatt ta' dawk ir-riskji fil-valutazzjonijiet tal-adegwatezza tagħhom tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Sabiex tiġi żgurata l-konverġenza tal-prattiki superviżorji, jenħtieġ li l-ABE toħroġ linji gwida rigward l-inklużjoni uniformi tar-riskji ESG fil-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni superviżorji (SREP).

(36) Id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 133 tad-Direttiva 2013/36/UE dwar il-qafas tar-riżerva għar-riskju sistemiku diġà jistgħu jintużaw sabiex jiġu indirizzati diversi tipi ta' riskji sistemiċi, inklużi riskji relatati mat-tibdil fil-klima. Sa fejn l-awtoritajiet kompetenti jew innominati rilevanti, kif applikabbli, iqisu li r-riskji relatati mat-tibdil fil-klima għandhom il-potenzjal li jkollhom konsegwenzi negattivi serji għas-sistema finanzjarja u għall-ekonomija reali fl-Istati Membri, jenħtieġ li jintroduċu rata tar-riżerva għar-riskju sistemiku ***li tkun tista' tiġi applikata wkoll għal ċerti settijiet jew subsettijiet ta' skoperturi, pereżempju*** dawk ***soġġetti għal riskji fiżiċi u ta' tranżizzjoni relatati mat-tibdil fil-klima,*** meta jqisu li l-introduzzjoni ta' tali rata tkun effettiva u proporzjonata sabiex timmitiga dawk ir-riskji.

(37) Il-membri tal-korp ta' ġestjoni jistgħu jiġu biss sottoposti għall-valutazzjoni tal-adegwatezza wara żmien sinifikanti wara l-ħatra tagħhom jew, fil-każ ta' titolari ta' funzjonijiet ewlenin, qatt. Għalhekk, il-membri tal-korp ta' ġestjoni li ma jissodisfawx il-kriterji ta' adegwatezza jafu jkunu eżerċitaw id-dmirijiet tagħhom għal żmien twil, liema sitwazzjoni hija problematika speċjalment għal istituzzjonijiet kbar. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet transfruntiera jridu jinnavigaw diversi regoli u proċessi nazzjonali, fatt li ma jagħmilx is-sistema kurrenti effiċjenti. L-eżistenza ta' rekwiżiti differenti fir-rigward tal-valutazzjoni tal-adegwatezza madwar l-Unjoni hija kwistjoni partikolarment akuta fil-kuntest tal-Unjoni Bankarja. B'riżultat ta' dan, huwa importanti li jiġi pprovdut sett ta' regoli fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġi stabbilit qafas ta' "kompetenza u idoneità" konsistenti u prevedibbli. Dan irawwem konverġenza superviżorja, li tippermetti aktar fiduċja bejn l-awtoritajiet kompetenti u tagħti aktar ċertezza legali lill-istituzzjonijiet. Li jkun hemm qafas robust ta' "kompetenza u idoneità" għall-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-membri tal-korp ta' ġestjoni u tat-titolari ta' funzjonijiet ewlenin huwa fattur kruċjali biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet jitmexxew b'mod adegwat u li r-riskji tagħhom jiġu mmaniġġjati b'mod xieraq.

(38) L-iskop li tiġi vvalutata l-adegwatezza tal-membri tal-korpi ta' ġestjoni huwa li jiġi żgurat li dawk il-membri jkunu kkwalifikati għar-rwol tagħhom u jkunu ta' reputazzjoni tajba. Billi għandhom ir-responsabbiltà primarja li jivvalutaw l-adegwatezza ta' kull membru tal-korp ta' ġestjoni, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet iwettqu l-valutazzjoni tal-adegwatezza, segwita minn verifika mill-awtoritajiet kompetenti li jistgħu jwettquha qabel jew wara li l-membru tal-korp ta' ġestjoni jieħu l-pożizzjoni. ***B'mod partikolari, jenħtieġ li istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi jingħataw aktar flessibbiltà f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità. F'dan il-każ, u f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali u ġġustifikati sew fejn ma tkunx tista' titwettaq valutazzjoni ex ante, din il-valutazzjoni jenħtieġ li titwettaq mingħajr dewmien żejjed immedjatament wara li***

***l-membri tal-korpi ta' ġestjoni jieħdu l-pożizzjoni tagħhom.*** Madankollu, minħabba r-riskji maħluqin minn istituzzjonijiet kbar li jirriżultaw b'mod partikolari minn effetti potenzjali ta' kontaġju, jenħtieġ li l-membri mhux xierqa tal-korp ta' ġestjoni ma jitħallewx jinfluwenzaw it-tmexxija ta' tali istituzzjonijiet kbar b'effetti detrimentali serji potenzjali. Għalhekk huwa xieraq li, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw l-adegwatezza tal-membri tal-korp ta' ġestjoni ta' istituzzjonijiet kbar qabel ma dawk il-membri jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom. ***Jenħtieġ li dan ma jinterferix ma' xi dritt statutorju ta' ċerti korpi jew entitajiet ġuridiċi li jaħtru rappreżentanti għal korpi ta' ġestjoni ta' entitajiet soġġetti għal superviżjoni skont id-dritt nazzjonali applikabbli. F'dawn il-każijiet, jenħtieġ li jiġu stabbiliti salvagwardji xierqa biex tiġi żgurata l-adegwatezza ta' dawn ir-rappreżentanti.***

***(38a) Sabiex jiġu ffaċilitati opinjonijiet indipendenti u sfidi kritiċi, il-korp ta' ġestjoni jenħtieġ li jkun varjat biżżejjed f'dak li jirrigwarda l-età, il-ġeneru, il-provenjenza ġeografika u l-isfond edukattiv u professjonali sabiex joffri varjetà ta' fehmiet u esperjenzi. Il-bilanċ bejn il-ġeneri huwa ta' importanza partikolari sabiex tiġi żgurata rappreżentanza adegwata tal-popolazzjoni. L-istituzzjonijiet jenħtieġ li jistabbilixxu miri u jiddefinixxu miżuri biex ikun hemm parteċipazzjoni bilanċjata tal-ġeneri fil-korp ta' ġestjoni.***

(39) Mhux biss il-membri tal-korp ta' ġestjoni, iżda wkoll it-titolari ta' funzjonijiet ewlenin għandhom influwenza sinifikanti fl-iżgurar tal-immaniġġjar tajjeb u prudenti ta' istituzzjoni fuq bażi ta' kuljum. Minħabba li d-Direttiva 2013/36/UE bħalissa ma tiddefinix titolari ta' funzjonijiet ewlenin, l-Istati Membri għandhom prattiki diverġenti madwar l-Unjoni, li jimpedixxu superviżjoni effettiva u effiċjenti u jipprevjenu kundizzjonijiet ekwivalenti. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu definiti t-titolari ta' funzjonijiet ewlenin. Barra minn hekk, ir-responsabbiltà għall-valutazzjoni tal-adegwatezza tat-titolari ta' funzjonijiet ewlenin jenħtieġ li primarjament tkun tal-istituzzjonijiet. ***B'mod partikolari, jenħtieġ li istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi jingħataw aktar flessibbiltà f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità.*** Madankollu, minħabba r-riskji maħluqin mill-attivitajiet ta' istituzzjonijiet kbar, jenħtieġ li l-adegwatezza tal-kapijiet tal-funzjonijiet ta' kontroll intern u l-uffiċjal kap finanzjarju f'tali istituzzjonijiet kbar tiġi vvalutata mill-awtoritajiet kompetenti qabel ma dawk il-persuni jieħdu l-pożizzjonijiet tagħhom. ***Fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-membri tal-korpi ta' ġestjoni tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-ħatra mir-rappreżentanza tal-impjegati jew mill-korpi eletti reġjonali jew lokali.***

(40) Biex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà għall-istituzzjonijiet, huwa neċessarju li jiġi stabbilit proċess effiċjenti u f'waqtu għall-verifika tal-adegwatezza tal-membri tal-korp ta' ġestjoni u tat-titolari ta' funzjonijiet ewlenin mill-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li t-tali proċess jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jitolbu kwalunkwe informazzjoni addizzjonali fejn neċessarju, iżda jiżgura wkoll li dawk l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jittrattaw il-valutazzjonijiet tal-adegwatezza fil-perjodu ta' żmien stipulat. L-istituzzjonijiet, min-naħa tagħhom, jenħtieġ li jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti b'informazzjoni korretta u sħiħa fiż-żmien allokat u jwieġbu malajr u *bona fide* għal talbiet għal informazzjoni addizzjonali mill-awtoritajiet kompetenti.

(41) Fid-dawl tar-rwol tal-valutazzjoni tal-adegwatezza għall-immaniġġjar prudenti u tajjeb tal-istituzzjonijiet, huwa neċessarju li l-awtoritajiet kompetenti jiġu pprovduti b'għodod

ġodda, bħal dikjarazzjonijiet tar-responsabbiltajiet u mmappjar tad-dmirijiet, sabiex tiġi vvalutata l-adegwatezza tal-membri tal-korp ta' ġestjoni u tat-titolari ta' funzjonijiet ewlenin. Dawn l-għodod il-ġodda se jappoġġjaw ukoll il-ħidma tal-awtoritajiet kompetenti meta jirrieżaminaw l-arranġamenti ta' governanza tal-istituzzjonijiet bħala parti mill-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni superviżorji. Minkejja r-responsabbiltà ġenerali tal-korp ta' ġestjoni bħala korp kolleġġjali, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ikunu meħtieġa jfasslu dikjarazzjonijiet individwali u mmappjar li jiċċaraw id-dmirijiet li jkollhom il-membri tal-korp ta' ġestjoni, il-maniġment superjuri u t-titolari ta' funzjonijiet ewlenin. Id-dmirijiet individwali tagħhom mhux dejjem jiġu stipulati b'mod ċar jew konsistenti u jista' jkun hemm sitwazzjonijiet li fihom żewġ rwoli jew aktar jikkoinċidu jew fejn oqsma ta' dmirijiet jiġu injorati peress li ma jaqgħux preċiż taħt il-kompiti ta' persuna waħda. Jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni tad-dmirijiet ta' kull individwu jkun definit sew u jenħtieġ li l-ebda qasam ta' dmirijiet ma jitħalla mingħajr sjieda. Jenħtieġ li dawk l-għodod jiżguraw aktar responsabbiltà tal-membri tal-korp ta' ġestjoni, tal-maniġment superjuri u tat-titolari ta' funzjonijiet ewlenin.

(42) Sabiex tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jieħdu u jimplimentaw id-deċiżjonijiet malajr. Fil-kuntest ta' miżuri ta' intervent bikri jew ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jqisu li jkun xieraq li jneħħu jew jissostitwixxu membri tal-korp ta' ġestjoni jew tal-maniġment superjuri. Sabiex jitqiesu tali sitwazzjonijiet, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-membri tal-korp ta' ġestjoni jew tat-titolari ta' funzjonijiet ewlenin wara li dawk il-membri tal-korp ta' ġestjoni jew it-titolari ta' funzjonijiet ewlenin ikunu ħadu l-pożizzjoni tagħhom.

(43) ***Ir-rekwiżit*** ta' fondi proprji addizzjonali ▌stabbilit ***minn awtorità*** kompetenti tal-istituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 104(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2013/36/UE sabiex jiġu indirizzati r-riskji għajr ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv ***jenħtieġ li*** ma jiżdiedx ▌b'riżultat ***tal-fatt li l-istituzzjoni tintrabat bil-minimu tal-output stipulat fir-Regolament (UE) Nru 575/2013***, jekk il-bqija jibqa' kollox kif inhu. Barra minn hekk, ***hekk kif l-istituzzjoni tintrabat bil-minimu tal-output***, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tirrieżamina r-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali tal-istituzzjoni u tivvaluta, b'mod partikolari, jekk u sa liema punt tali rekwiżit ikopri ***r-riskji ta' varjabbiltà eċċessiva jew nuqqas ta' komparabbiltà ta' piżijiet tar-riskji*** mill-użu ta' mudelli interni mill-istituzzjoni. Meta dak ikun il-każ, jenħtieġ li r-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali tal-istituzzjoni jitqies bħala li jikkoinċidi mar-riskji koperti mill-minimu tal-output fir-rekwiżit ta' fondi proprji tal-istituzzjoni u, konsegwentement, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tnaqqas dak ir-rekwiżit sal-punt neċessarju sabiex tneħħi kwalunkwe tali elementi li jikkoinċidu dment li l-istituzzjoni tibqa' marbuta bil-minimu tal-output.

(44) Bl-istess mod, malli tintrabat bil-minimu tal-output, jenħtieġ li l-ammont nominali tal-kapital CET1 ta' istituzzjoni meħtieġ skont ir-riżerva għar-riskju sistemiku ma jiżdiedx meta ma jkun hemm l-ebda żieda fir-riskji makroprudenzjali jew sistemiċi assoċjati mal-istituzzjoni. F'tali każijiet, jenħtieġ li ***jkun possibbli għall-awtorità*** kompetenti jew innominata tal-istituzzjoni, kif applikabbli, ***li*** tirrieżamina l-kalibrazzjoni tar-rati tar-riżerva għar-riskju sistemiku ***jekk ikun meħtieġ, biex*** tiżgura li jibqgħu adattati u li ma jsirx għadd doppju tar-riskji li diġà jkunu koperti bis-saħħa tal-fatt li l-istituzzjoni tkun marbuta bil-minimu tal-output. ***L-ABE għandha l-mandat li toħroġ linji gwida dwar dan ir-rieżami. Bħala regola***, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti u nnominati, kif applikabbli, ma jimponux rekwiżiti ta' riżerva għar-riskju sistemiku għal riskji li diġà

jkunu koperti bis-sħiħ mill-minimu tal-output***, irrispettivament minn jekk istituzzjoni tkunx marbuta mill-output minimu.***

▌

(46) Sabiex tkun tista' ssir l-attivazzjoni puntwali u effettiva tar-riżerva għar-riskju sistemiku, huwa neċessarju li tiġi ċċarata l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti u li jiġu ssimplifikati u allinjati l-proċeduri applikabbli. Jenħtieġ li l-istabbiliment ta' riżerva għar-riskju sistemiku jkun possibbli għall-awtoritajiet innominati fl-Istati Membri kollha sabiex ikun jista' jsir ir-rikonoxximent tar-rati tar-riżerva għar-riskju sistemiku stabbiliti mill-awtoritajiet fi Stati Membri oħrajn u sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet jingħataw is-setgħa li jindirizzaw ir-riskji sistemiċi b'mod puntwali***, proporzjonat*** u effettiv. Jenħtieġ li r-rikonoxximent ta' rata tar-riżerva għar-riskju sistemiku stabbilita minn Stat Membru ieħor jirrikjedi biss notifika mill-awtorità li tirrikonoxxi r-rata. Sabiex jiġu evitati proċeduri ta' awtorizzazzjoni bla bżonn meta d-deċiżjoni li tiġi stabbilita rata tar-riżerva tirriżulta fi tnaqqis jew fl-ebda bidla minn kwalunkwe waħda mir-rati stabbiliti qabel, il-proċedura stipulata fl-Artikolu 131(15) tad-Direttiva 2013/36/UE jeħtieġ li tiġi allinjata mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 133(9) ta' dik id-Direttiva. Jenħtieġ li l-proċeduri stipulati fl-Artikolu 133(11) ta' dik id-Direttiva jiġu ċċarati u jsiru aktar konsistenti mal-proċeduri li japplikaw għal rati oħrajn tar-riżerva għar-riskju sistemiku, fejn rilevanti.

***(46a) Meta tkun qed tabbozza standards tekniċi regolatorji, linji gwida u Mistoqsijiet u Tweġibiet, jenħtieġ li l-ABE tagħti attenzjoni dovuta għall-prinċipju tal-proporzjonalità u tiżgura li dawk l-atti legali jkunu jistgħu jiġu trasposti wkoll minn istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi mingħajr sforz żejjed,***

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi għad-Direttiva 2013/36/UE**

Id-Direttiva 2013/36/UE hija emendata kif ġej:

***(-1) fl-Artikolu 2(5), il-punt (5) huwa sostitwit b'dan li ġej:***
***"(5) fil-Ġermanja, "Kreditanstalt für Wiederaufbau", "Landwirtschaftliche Rentenbank", "Bremer Aufbau-Bank GmbH", "Hamburgische Investitions- und Förderbank", "Investitionsbank Berlin", "Investitionsbank des Landes Brandenburg", "Investitionsbank Sachsen-Anhalt", "Investitionsbank Schleswig-Holstein", "Investitions- und Förderbank Niedersachsen – NBank", "Investitions- und Strukturbank Rheinland-Pfalz", "Landeskreditbank Baden-Württemberg – Förderbank", "LfA Förderbank Bayern", "NRW.BANK", "Saarländische Investitionskreditbank AG", "Sächsische Aufbaubank – Förderbank", "Thüringer Aufbaubank", impriżi li huma rikonoxxuti taħt il-"Wohnungsgemeinnützigkeitsgesetz" bħala korpi tal-politika tas-settur tal-akkomodazzjoni tal-Istat u li ma humiex primarjament involuti fi tranżazzjonijiet bankarji, u impriżi rikonoxxuti taħt dik il-liġi bħala impriżi tas-settur tal-***

***akkomodazzjoni mingħajr skop ta' qligħ;";***

(1) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt (8a) li ġej:

"(8a) "korp ta' ġestjoni fil-funzjoni maniġerjali tiegħu" tfisser il-korp ta' ġestjoni li jaġixxi fir-rwol tiegħu li jmexxi b'mod effettiv l-istituzzjoni u jinkludi l-persuni li jmexxu n-negozju tal-istituzzjoni;";

(b) il-punt (9) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(9) "maniġment superjuri" tfisser dawk il-persuni fiżiċi li jeżerċitaw funzjonijiet eżekuttivi f'istituzzjoni u li huma direttament responsabbli quddiem il-korp ta' ġestjoni tal-istituzzjoni iżda li ma humiex membri ta' dak il-korp, u li huma responsabbli għall-immaniġġjar ta' kuljum tal-istituzzjoni taħt id-direzzjoni tal-korp ta' ġestjoni tal-istituzzjoni;";

(c) jiddaħħlu l-punti minn (9a) sa (9d) li ġejjin:

"(9a) "titolari ta' funzjonijiet ewlenin" tfisser ***il-kapijiet*** ta' funzjonijiet ta' kontroll intern u l-uffiċjal kap finanzjarju, meta dawk il-kapijiet jew dak l-uffiċjal ma jkunux membri tal-korp ta' ġestjoni***, u l-uffiċjal għall-konformità tal-AML imsemmi fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus – COM/2021/420 final]***;

(9b) "uffiċjal kap finanzjarju" tfisser il-persuna ***bir-responsabbiltà ġenerali*** għall-immaniġġjar tar-riżorsi finanzjarji, għall-ippjanar finanzjarju u għar-rappurtar finanzjarju tal-istituzzjoni;

(9c) "kapijiet ta' funzjonijiet ta' kontroll intern" tfisser il-persuni fl-ogħla livell ġerarkiku responsabbli għall-immaniġġjar effettiv tal-operat ta' kuljum tal-funzjonijiet indipendenti tal-immaniġġjar tar-riskju, tal-konformità u tal-awditu intern tal-istituzzjoni;

(9d) "funzjonijiet ta' kontroll intern" tfisser il-funzjonijiet tal-immaniġġjar tar-riskju, tal-konformità u tal-awditu intern;";

(d) il-punt (11) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(11) "riskju involut fl-użu tal-mudelli" tfisser riskju involut fl-użu tal-mudelli kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (52b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;";

(e) jiddaħħal il-punt (29a) li ġej:

"(29a) "istituzzjoni awtonoma fl-UE" tfisser istituzzjoni awtonoma fl-UE kif definita fl-Artikolu 4(1), il-punt (33a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;";

(f) jiddaħħal il-punt (47a) li ġej:

"(47a) "kapital eliġibbli" tfisser il-kapital eliġibbli kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (71), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;";

(g) jiżdiedu l-punti minn (66) sa (69) li ġejjin:

"(66) "istituzzjoni kbira" tfisser istituzzjoni kif definita fl-Artikolu 4(1), il-punt (146), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(67) "sussidjarja rilevanti" tfisser sussidjarja materjali kif definita fl-Artikolu 4(1), il-punt (135), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew sussidjarja kbira kif definita fl-Artikolu 4(1), il-punt (147), ta' dak ir-Regolament;

(68) "pagamenti perjodiċi ta' penali" tfisser penali ta' kuljum, li għandhom l-għan li jtemmu ksur kontinwu u jġiegħlu lill-persuna ġuridika jew fiżika tirritorna għall-konformità mal-obbligi tagħha skont ***id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu*** din id-Direttiva***, l-obbligi skont ir-Regolament*** (UE) Nru 575/2013***, jew l-obbligi li jirriżultaw minn deċiżjoni maħruġa mill-awtorità kompetenti***;

(69) "riskju ambjentali, soċjali u ta' governanza" tfisser riskju ambjentali, soċjali u ta' governanza kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (52d), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;";

***(69a) "newtralità klimatika" tfisser in-newtralità klimatika ġenerali kif definita fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/1119.***

(2) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom l-għarfien espert, ir-riżorsi, il-kapaċità operazzjonali, is-setgħat u l-indipendenza neċessarji sabiex iwettqu l-funzjonijiet relatati mas-superviżjoni prudenzjali, mal-investigazzjonijiet u mas-setgħat li jimponu l-pagamenti perjodiċi ta' penali u l-penali stabbiliti f'din id-Direttiva u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Għall-finijiet tal-preservazzjoni tal-indipendenza tal-awtoritajiet kompetenti fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom, ***l-Istati Membri għandhom jipprovdu*** l-arranġamenti neċessarji ▌ sabiex ***jiżguraw*** li dawk l-awtoritajiet kompetenti, inklużi l-persunal tagħhom u l-membri tal-korpi ta' governanza tagħhom, ikunu jistgħu jaġixxu b'mod indipendenti u oġġettiv, ***u li dawk il-korpi ta' governanza jkunu legalment distinti minn korpi pubbliċi u privati oħrajn, u funzjonalment indipendenti minnhom*** mingħajr ma jfittxu jew jieħdu istruzzjonijiet, jew ikunu soġġetti għal influwenza minn istituzzjonijiet soġġetti għal superviżjoni, minn kwalunkwe gvern ta' Stat Membru jew minn korp tal-Unjoni jew minn kwalunkwe korp pubbliku jew privat ieħor. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri tal-korpi ta' governanza jinħatru għal terminu fiss, li jista' jiġġedded darba, abbażi ta' kriterji oġġettivi, trasparenti u ppubblikati u jistgħu jitneħħew biss jekk ma jibqgħux jissodisfaw il-kriterji tal-ħatra jew ikunu ġarrbu kundanni kriminali serji. Ir-raġunijiet għat-tneħħija għandhom jiġu ddivulgati pubblikament. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jippubblikaw l-objettivi tagħhom, ikunu responsabbli għat-twettiq ta' dmirijiethom fir-rigward ta' dawk l-objettivi u jkunu soġġetti għal kontroll finanzjarju li ma jaffettwax l-indipendenza tagħhom.*** Dawn l-arranġamenti għandhom ikunu mingħajr preġudizzju ***għall-arranġamenti rilevanti skont id-dritt nazzjonali li permezz tagħhom l-awtoritajiet kompetenti huma soġġetti għal responsabbiltà pubblika u demokratika***.

L-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom fis-seħħ l-arranġamenti neċessarji kollha sabiex jipprevjenu l-kunflitti ta'

interess tal-persunal tagħhom u tal-membri tal-korpi ta' governanza tagħhom. Għal dawk il-finijiet, l-Istati Membri għandhom jistipulaw regoli proporzjonati għar-rwol u għar-responsabbiltajiet ta' dak il-persunal u ta' dawk il-membri tal-korpi ta' governanza, u tal-anqas jipprojbuhom milli:

(a) jinnegozjaw fi strumenti finanzjarji maħruġin mill-istituzzjonijiet soġġetti għal superviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti, mill-impriżi prinċipali diretti jew indiretti, mis-sussidjarji jew mill-affiljati tagħhom jew irreferenzjati lilhom;

(b) wara t-tmiem tal-impjieg tagħhom fl-awtorità kompetenti, jiġu impjegati minn jew jaċċettaw kwalunkwe tip ta' ftehim kuntrattwali għall-forniment ta' servizzi professjonali ma' kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(i) istituzzjonijiet li huma jkunu direttament wettqu s-superviżjoni tagħhom, inklużi l-impriżi prinċipali diretti jew indiretti, is-sussidjarji jew l-affiljati tagħhom, fuq tal-anqas ***is-sena*** preċedenti mid-data meta jieħdu kwalunkwe rwol ġdid ***għall-membri tal-korpi ta' governanza u s-sitt xhur preċedenti għall-persunal***;

(ii) ditti li jipprovdu servizzi lil kwalunkwe impriża msemmija fil-punt (i) li ġiet soġġetta għal superviżjoni diretta fuq tal-anqas ***is-sena*** preċedenti mid-data meta jkun ittieħed kwalunkwe rwol ġdid ***għall-membri tal-korpi ta' governanza u s-sitt xhur preċedenti għall-persunal***, dment li ma jkunux strettament preklużi milli jieħdu sehem fi kwalunkwe forniment ta' dawk is-servizzi filwaqt li l-projbizzjoni msemmija hawnhekk tibqa' fis-seħħ***;***

***(iii) kompetituri diretti tal-istituzzjonijiet li huma jkunu direttament wettqu s-superviżjoni tagħhom, inklużi l-impriżi prinċipali diretti jew indiretti, is-sussidjarji jew l-affiljati tagħhom, fuq tal-anqas is-sitt xhur preċedenti mid-data meta jieħdu kwalunkwe rwol ġdid għall-membri tal-korpi ta' ġestjoni u t-tliet xhur preċedenti għall-persunal;***

***(iv) kumpaniji li jwettqu lobbying u promozzjoni vis-à-vis l-awtorità kompetenti dwar kwistjonijiet li għalihom kienu responsabbli matul l-impjieg tagħhom mal-awtorità kompetenti wara l-iskadenza ta' sitt xhur mid-data li fiha ntemmu r-responsabbiltajiet tagħhom għal dawn il-kwistjonijiet.***

***L-ABE, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u filwaqt li tqis ir-regoli rispettivi tal-BĊE, għandha toħroġ linji gwida f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 sal-31 ta' Diċembru 2024 dwar kundizzjonijiet li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jagħtu deroga mill-perjodi ta' preklużjoni msemmija fil-punti (i) u (ii), iżidu dawn il-perjodi jew inaqqsuhom għal membri speċifiċi tal-korpi ta' governanza ta' ġestjoni u tal-persunal.***

Il-membri tal-persunal u tal-korpi ta' governanza soġġetti għall-projbizzjonijiet previsti fit-tielet subparagrafu, il-punt (b), għandhom ikunu intitolati għal kumpens xieraq għall-inabbiltà li jieħdu rwol ipprojbit.

***L-Istati Membri għandhom jistipulaw regoli għall-immaniġġjar ta' kunflitti ta' interessi li jinqalgħu għall-membri tal-persunal u tal-korpi ta' governanza bejn id-data tar-riżenja tagħhom u d-data meta jingħaqdu ma' waħda mid-ditti msemmija fil-punt (b) tat-tielet subparagrafu. Dawn ir-regoli għandhom, b'mod partikolari, jiżguraw li dawk il-membri tal-persunal jew tal-korpi ta' ġestjoni jkollhom aċċess limitat għal informazzjoni kunfidenzjali jew sensittiva fir-rigward ta' istituzzjonijiet soġġetti għal superviżjoni.***

***Qabel il-ħatra ta' membru tal-persunal u ta' membri tal-korpi ta' governanza, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk hemmx kunflitt ta' interessi li jirriżulta mill-attivitajiet tax-xogħol preċedenti tal-kandidat, mid-dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji tiegħu jew mir-relazzjoni personali mill-qrib tiegħu mal-membri tal-Korp ta' Ġestjoni tal-istituzzjonijiet soġġetti għal superviżjoni.***

L-ABE għandha toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, dwar il-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interessi u l-indipendenza tal-awtoritajiet kompetenti, filwaqt li tqis l-aħjar prattiki internazzjonali, għal applikazzjoni proporzjonata ta' dan l-Artikolu.";

---

*1 Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

*2 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

*3 Ir-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' awtoritajiet nazzjonali nominati (Regolament Qafas tal-MSU) (BĊE/2014/17) (ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1).

*4 Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1).

***(2a) fl-Artikolu 8a(4), jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:***

***"B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, abbażi tal-applikazzjoni li tiġi riċevuta f'konformità ma' dak il-paragrafu u l-informazzjoni riċevuta f'konformità mal-Artikolu 95a tad-Direttiva 2014/65/UE, l-awtorità kompetenti tista', wara li tirċievi talba mingħand l-impriża, tiddeċiedi dwar deroga mir-rekwiżit li tinkiseb awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva għal impriża msemmija f'dak il-paragrafu. Id-deroga ma għandhiex tiġi applikata meta l-impriża tkun identifikata bħala istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (b)(iii) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.***

***Meta tiddeċiedi jekk tapplikax id-deroga msemmija fit-tieni subparagrafu, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra opinjoni li għandha tingħata mill-ABE fi żmien xahar min-notifika mill-awtorità kompetenti ta' tali talba u l-elementi li ġejjin:***

***(a) meta l-impriża tkun parti minn grupp, l-istruttura tal-grupp, il-prattiki prevalenti ta' reġistrazzjoni fil-kotba fi ħdan il-grupp u l-allokazzjoni tal-assi fost l-entitajiet tal-grupp;***

***(b) in-natura, id-daqs u l-kumplessità tal-attivitajiet imwettqa mill-impriża fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita u fl-Unjoni kollha kemm hi;***

***(c) l-importanza tal-attivitajiet imwettqa mill-impriża fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita u fl-Unjoni kollha kemm hi, u r-riskju sistemiku ppreżentat minnhom.***

***L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lill-impriża u għandha tippubblikaha, flimkien mal-opinjoni tal-ABE, fuq is-sit web tal-ABE. Meta d-deċiżjoni tiddevja mill-opinjoni pprovduta mill-ABE, l-awtorità kompetenti għandha tiddikjara r-raġunijiet għad-devjazzjoni fid-deċiżjoni tagħha. Id-deċiżjoni għandha tiġi vvalutata mill-ġdid kull tliet snin.***";

***(2b) fl-Artikolu 8a, jiżdied il-paragrafu li ġej:***

***"6a. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar l-elementi li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati minn awtorità kompetenti meta tiddeċiedi li tagħti deroga f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.***

***L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].***

***Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni li tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.***";

(3) fl-Artikolu 18, jiżdied il-punt (g) li ġej:

"(g) tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) ikun ġie ddeterminat li qed tfalli jew probabbilment se tfalli f'konformità mal-Artikolu 32(1), il-punt (a) tad-Direttiva 2014/59/UE jew f'konformità mal-Artikolu 18(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 806/2014;

(ii) l-awtorità ta' riżoluzzjoni tqis li l-kundizzjoni fl-Artikolu 32(1), il-punt (b) tad-Direttiva 2014/59/UE jew fl-Artikolu 18(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 hija ssodisfata fir-rigward ta' din l-istituzzjoni ta' kreditu;

(iii) l-awtorità ta' riżoluzzjoni tqis li l-kundizzjoni fl-Artikolu 32(1), il-punt (c) tad-Direttiva 2014/59/UE jew fl-Artikolu 18(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 ma hijiex issodisfata fir-rigward ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu.";

(4) l-Artikolu 21a huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Kumpaniji azzjonarji finanzjarji prinċipali fi Stat Membru, kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta prinċipali fi Stat Membru, kumpaniji azzjonarji finanzjarji prinċipali tal-UE u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta prinċipali tal-UE għandhom jitolbu l-approvazzjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu. Kumpaniji azzjonarji finanzjarji jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta oħrajn għandhom jitolbu l-approvazzjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu meta jkunu meħtieġa jikkonformaw ma' din id-Direttiva jew mar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi subkonsolidata.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom ***regolarment jirrieżaminaw l-impriżi*** prinċipali ta' istituzzjoni, jew ***l-impriżi*** prinċipali ta' entità li titlob awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 8, biex ***jivverifikaw jekk l-istituzzjoni jew l-entità li tkun qed titlob awtorizzazzjoni tkun identifikat b'mod korrett*** impriża li tikkonforma mal-kriterji li għandhom jitqiesu bħala kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali fi Stat Membru, kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali fi Stat Membru, kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE.

Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu, meta ***l-impriżi*** prinċipali jkunu jinsabu fi Stati Membri oħrajn għajr l-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-istituzzjoni, jew l-entità li titlob awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 8, l-awtoritajiet kompetenti ta' dawk iż-żewġ Stati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib biex iwettqu r-rieżami.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw ***u jaġġornaw regolarment lista tal-kumpaniji azzjonarji finanzjarji u tal-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta kollha identifikati u nnominati fl-Istati Membri tagħhom li jkunu soġġetti għall-approvazzjoni f'konformità mal-ewwel subparagrafu***.";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

***(-i) fl-ewwel subparagrafu, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:***

***"Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta msemmijin fih, lis-superviżur konsolidanti rilevanti u, meta dan ikun differenti, lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru, għandhom jagħtuhom fejn ikunu stabbiliti flimkien mal-informazzjoni li ġejja:";***

(i) fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) informazzjoni dwar in-nominazzjoni ta' tal-anqas żewġ persuni li effettivament imexxu l-kumpanija azzjonarja finanzjarja jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta u l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 91(1);";

(ii) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta l-approvazzjoni ***jew l-eżenzjoni mill-approvazzjoni*** ta' kumpanija azzjonarja finanzjarja jew ta' kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta ***msemmija fil-paragrafi 3 u 4*** sseħħ fl-istess ħin tal-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu ***8, fl-Artikolu*** 22 ***jew*** fl-Artikolu 27a, l-awtorità kompetenti għall-finijiet ta' dan l-Artikolu għandha tikkoordina, kif xieraq,

mas-superviżur konsolidanti u, fejn ikun differenti, l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-kumpanija azzjonarja finanzjarja jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta. ▌Il-perjodu ta' valutazzjoni msemmi fl-Artikolu 22(*2*), it-tieni subparagrafu, u fl-Artikolu 27a(*3*) għandu jiġi sospiż ▌sakemm titlesta l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.";

***(ba) fil-paragrafu 3, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"(c) ikun hemm konformità mal-kriterji dwar l-azzjonisti u l-membri tal-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fl-Artikolu 14 u mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 121.";***

***(bb) jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:***

***"4a. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, is-superviżur konsolidanti jista' jippermetti, fuq bażi ta' każ b'każ, lill-kumpaniji azzjonarji finanzjarji jew lill-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta li huma eżentati mill-approvazzjoni, li jiġu esklużi mill-perimetru tal-konsolidazzjoni dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:(i) l-esklużjoni ma taffettwax l-effettività tas-superviżjoni fuq l-istituzzjoni ta' kreditu sussidjarja, jew lill-grupp;***

***(ii) il-kumpanija azzjonarja finanzjarja jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta ma jkollha l-ebda skopertura ta' ekwità għajr l-iskopertura ta' ekwità fl-istituzzjoni ta' kreditu sussidjarja jew fil-kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali intermedja jew fil-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta li tikkontrolla l-istituzzjoni ta' kreditu sussidjarja;***

***(iii) il-kumpanija azzjonarja finanzjarja jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta ma tagħmilx rikors sostanzjali għal ingranaġġ u ma jkollhiex skoperturi li mhumiex relatati mas-sjieda tagħha fl-istituzzjoni ta' kreditu sussidjarja jew fil-kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali intermedja jew fil-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta li tikkontrolla l-istituzzjoni ta' kreditu sussidjarja.";***

***(bc) fil-paragrafu 10, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"Meta tiġi rrifjutata approvazzjoni jew eżenzjoni mill-approvazzjoni ta' kumpanija azzjonarja finanzjarja jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta skont dan l-Artikolu, is-superviżur konsolidanti għandu javża lill-applikant bid-deċiżjoni u r-raġunijiet għaliha fi żmien erba' xhur minn meta tkun ġiet riċevuta l-applikazzjoni, jew meta l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, fi żmien erba' xhur minn meta tiġi riċevuta l-informazzjoni kompluta.".***

(5) fl-Artikolu 21b(6), jiżdiedu t-tieni u t-tielet subparagrafi li ġejjin:

"L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-formati uniformi, id-definizzjonijiet u s-soluzzjonijiet tal-IT li jridu jiġu applikati fl-Unjoni għar-rappurtar tal-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu.

L-ABE għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Is-setgħa hija mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmijin fit-tieni subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(6) jiddaħħal l-Artikolu 21c il-ġdid li ġej:

*Artikolu 21c*

**Rekwiżit li tiġi stabbilita fergħa għall-forniment ta' servizzi bankarji minn impriżi ta' pajjiżi terzi u eċċezzjoni għas-sollecitazzjoni inversa ta' servizzi**

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-impriżi stabbiliti f'pajjiż terz kif imsemmi fl-Artikolu 47(1) ▌jistabbilixxu fergħa fit-territorju tagħhom u japplikaw għal awtorizzazzjoni f'konformità mat-Titolu VI sabiex jibdew jew ikomplu jwettqu l-attivitajiet imsemmijin fil-paragrafu (1) ta' dak l-Artikolu fl-Istat Membru rilevanti.

2. ***Ir-rekwiżit stipulat fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika meta l-impriża stabbilita fil-pajjiż terz tipprovdi s-servizz jew l-attività rilevanti lil klijent jew kontroparti stabbiliti jew li jinsabu fl-Unjoni li jkunu:***

***(a)*** klijent konsumatur, kontroparti eliġibbli jew klijent professjonali fis-sens tat-Taqsimiet I u II tal-Anness II tad-Direttiva 2014/65/UE stabbiliti jew li jinsabu fl-Unjoni, ***dment li tali klijent jew kontroparti*** javviċinaw impriża stabbilita f'pajjiż terz fuq l-inizjattiva esklużiva tagħhom stess għall-forniment ta' kwalunkwe servizz jew attività msemmija fl-Artikolu 47(1)***;***

***(b) istituzzjoni ta' kreditu kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;***

***(c) impriża tal-istess grupp bħal dak tal-impriża stabbilita fil-pajjiż terz.***

Mingħajr preġudizzju ***għall-punt (c)***, meta impriża ta' pajjiż terz ***tissolleċita klijent jew kontroparti, jew klijent jew kontroparti potenzjali, imsemmijin fil-punt (a) direttament jew indirettament*** permezz ta' entità li taġixxi f'isimha ***stess*** jew li jkollha rabtiet mill-qrib ma' tali impriża tal-pajjiż terz jew ***permezz*** ta' kwalunkwe persuna oħra li taġixxi f'isem tali impriża, ▌ma għandhiex titqies bħala servizz ipprovdut fuq l-inizjattiva proprja esklużiva tal-klijent ***jew tal-kontroparti, jew tal-klijent jew tal-kontroparti potenzjali***.

3. Inizjattiva minn klijent jew minn kontroparti kif imsemmi fil-paragrafu 2 ma għandhiex tagħti d-dritt lill-impriża ta' pajjiż terz li tikkummerċjalizza kategoriji oħrajn ta' prodotti, ta' attivitajiet jew ta' servizzi minbarra dawk li l-klijent jew il-kontroparti jkunu ssolleċitaw, għajr permezz ta' fergħa ta' pajjiż terz stabbilita fi Stat Membru ***u bl-eċċezzjoni ta' kwalunkwe servizz, attività jew prodott strettament neċessarji għall-forniment tas-servizz, tal-prodott jew tal-attività ssolleċitati mill-klijent jew mill-kontroparti***.";

***(6a) fl-Artikolu 22(2), wara l-ewwel subparagrafu jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:***

***"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, meta l-akkwiżizzjoni proposta msemmija fil-paragrafu 1 titqies bħala kumplessa mill-awtoritajiet kompetenti, ir-rikonoxximent***

***tar-riċevuta tan-notifika jew ta' kwalunkwe informazzjoni oħra għandu jsir minnufih u fi kwalunkwe każ fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta tiġi riċevuta dik in-notifika jew l-informazzjoni addizzjonali."***

***(6b)*** ***fl-Artikolu 23(1), jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:***

***"Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kriterju stipulat fil-paragrafu 1, il-punt (e) ta' dan l-Artikolu, fil-kuntest tal-verifiki tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw lill-awtoritajiet kompetenti għas-superviżjoni tal-impriżi f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849.***

***L-awtoritajiet kompetenti jistgħu joġġezzjonaw għall-akkwiżizzjoni meta l-akkwirent propost ikun jinsab f'pajjiż fuq il-lista tal-Unjoni ta' pajjiżi terzi b'nuqqasijiet strateġiċi jew dgħufijiet fil-konformità fir-reġim tal-AML/CFT tagħhom jew f'pajjiż soġġett għal miżuri restrittivi tal-Unjoni u tiġi vvalutata mill-awtorità kompetenti li taffettwa l-kapaċità tal-akkwirent propost li jkollu stabbiliti l-prattiki u l-proċessi meħtieġa biex jikkonforma mar-rekwiżiti tar-reġim tal-AML/CFT.";***

***(6c)*** ***fl-Artikolu 23(2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:***

***"Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu u fir-rigward tal-kriterju stipulat fil-paragrafu 1, il-punt (e) ta' dan l-Artikolu, opinjoni negattiva bil-miktub mill-awtoritajiet kompetenti għas-superviżjoni tal-impriżi f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849 riċevuta mill-awtoritajiet kompetenti fi żmien 30 jum mit-talba inizjali għandha titqies kif xieraq mill-awtorità kompetenti meta tivvaluta l-akkwiżizzjoni proposta u tista' tikkostitwixxi raġuni raġonevoli għall-oppożizzjoni."***

***(6d)*** ***fl-Artikolu 23, jiżdied il-paragrafu li ġej:***

***"6. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-lista minima ta' informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti fi żmien in-notifika msemmija fil-paragrafu 1.***

***Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-ABE għandha tikkunsidra d-Direttiva (UE) 2017/1132.***

***L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa ... [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].***

***Is-setgħa hija mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";***

(7) Fit-Titolu III, jiżdiedu l-Kapitoli 3, 4 u 5 li ġejjin:

"KAPITOLU 3

**Akkwiżizzjoni jew ċessjoni ta' holding *materjali***

*Artikolu 27a*

**Notifika u valutazzjoni tal-akkwiżizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li kwalunkwe istituzzjoni ***jew kwalunkwe*** kumpanija azzjonarja finanzjarja jew ***kumpanija*** azzjonarja finanzjarja mħallta ***fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu*** 21a(1) ▌ (l-"akkwirent") ***tinnotifika*** lill-awtorità kompetenti ***tagħha minn qabel*** meta ***jkollha*** l-intenzjoni li ***takkwiżixxi***, direttament jew indirettament, holding ▌ li taqbeż il-15 % tal-kapital eliġibbli tal-akkwirent (l-"akkwiżizzjoni proposta"), filwaqt li tindika d-daqs tal-holding maħsuba u l-informazzjoni rilevanti, kif speċifikati fl-Artikolu 27b(5).

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw minnufih li jkunu ġew riċevuti n-notifika skont il-paragrafu 1 jew kwalunkwe informazzjoni addizzjonali skont il-paragrafu 5 u fi kwalunkwe każ fi żmien jumejn tax-xogħol wara li tkun ġiet riċevuta dik in-notifika.

B'deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, u mill-Artikolu 22(2), meta l-akkwiżizzjoni proposta msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew fl-Artikolu 22(1) titqies kumplessa mill-awtoritajiet kompetenti, il-konferma li tkun ġiet riċevuta n-notifika ta' kwalunkwe informazzjoni addizzjonali għandha tingħata minnufih u fi kwalunkwe każ fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol wara li tiġi riċevuta dik in-notifika.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom 60 jum tax-xogħol mid-data tar-rikonoxximent bil-miktub li tkun ġiet riċevuta n-notifika u li jkunu ġew riċevuti d-dokumenti kollha, inklużi dawk meħtieġa mill-Istat Membru li jiġu mehmużin man-notifika f'konformità mal-Artikolu 27b(*5*) (il-"perjodu ta' valutazzjoni"), biex iwettqu l-valutazzjoni prevista fl-Artikolu 27b(1) (il-"valutazzjoni").

Jekk l-akkwiżizzjoni proposta tikkonsisti f'holding kwalifikanti f'istituzzjoni ta' kreditu kif imsemmija fl-Artikolu 22(1), l-akkwirent xorta għandu jkun soġġett għar-rekwiżit ta' notifika u għall-valutazzjoni skont dak l-Artikolu. ***F'dak il-każ, il-perjodu biex l-awtorità kompetenti twettaq iż-żewġ valutazzjonijiet imsemmijin fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u fl-Artikolu 22(2) għandu jiskadi biss meta jiskadi l-aħħar perjodu mill-perjodi ta' valutazzjoni rilevanti.***

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformaw lill-akkwirent propost bid-data tal-iskadenza tal-perjodu ta' valutazzjoni meta jikkonfermaw li jkunu ġew riċevuti l-elementi msemmija fil-paragrafu *2*.

5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, matul il-perjodu ta' valutazzjoni, meta meħtieġ, u mhux aktar tard minn nhar il-50 jum tax-xogħol tal-perjodu ta' valutazzjoni, jitolbu informazzjoni addizzjonali li tkun neċessarja biex tiġi kkompletata l-valutazzjoni. Tali talba għandha ssir bil-miktub u għandha tispeċifika l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa.

6. Il-perjodu ta' valutazzjoni għandu jiġi sospiż bejn id-data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali mill-awtoritajiet kompetenti u d-data li fiha tiġi riċevuta tweġiba għaliha mill-akkwirent, fejn tiġi pprovduta l-informazzjoni mitluba kollha. Is-

sospensjoni ma għandhiex taqbeż 20 jum tax-xogħol. Kwalunkwe talba ulterjuri mill-awtoritajiet kompetenti għall-ikkompletar jew għall-kjarifika tal-informazzjoni għandha tkun fid-diskrezzjoni tagħhom iżda ma għandhiex tirriżulta f'sospensjoni tal-perjodu ta' valutazzjoni.

7. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jestendu s-sospensjoni msemmija fit-tieni ***sentenza*** tal-paragrafu 6 sa 30 jum tax-xogħol fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-entità akkwiżita tinsab jew tkun regolata f'pajjiż terz;

(b) l-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni tal-entitajiet obbligati elenkati fl-Artikolu 2(1), il-punti (1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*5] ikun neċessarju biex titwettaq il-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 27b(1) ta' din id-Direttiva.

▌

9. Meta l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li jopponu l-akkwiżizzjoni proposta, huma għandhom, fi żmien jumejn tax-xogħol wara li titlesta l-valutazzjoni, u filwaqt li ma jaqbżux il-perjodu ta' valutazzjoni, jinformaw lill-akkwirent bil-miktub, filwaqt li jipprovdu r-raġunijiet għall-oġġezzjoni tagħhom. Soġġetta għad-dritt nazzjonali, dikjarazzjoni xierqa tar-raġunijiet għad-deċiżjoni li topponi l-akkwiżizzjoni proposta tista' ssir aċċessibbli għall-pubbliku fuq talba tal-akkwirent. In-nuqqas ta' dispożizzjonijiet fid-dritt nazzjonali rigward dikjarazzjoni xierqa tar-raġunijiet għad-deċiżjoni li topponi l-akkwiżizzjoni proposta ma għandux iżomm lill-Istati Membri milli jippermettu lill-awtorità kompetenti tippubblika tali informazzjoni fin-nuqqas ta' talba mill-akkwirent.

10. Meta l-awtoritajiet kompetenti ma jopponux bil-miktub, fil-perjodu ta' valutazzjoni, l-akkwiżizzjoni proposta, din l-akkwiżizzjoni proposta għandha titqies approvata.

11. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistabbilixxu perjodu massimu għall-ikkompletar tal-akkwiżizzjoni proposta u jestendu dan il-perjodu fejn dan ikun xieraq.

12. L-Istati Membri ma jistgħux jimponu rekwiżiti għan-notifika lill-awtoritajiet kompetenti, jew għall-approvazzjoni minnhom, ta' akkwiżizzjonijiet diretti jew indiretti ▌ li jkunu aktar stretti minn dawk stabbiliti ***f'dan l-Artikolu*** ▌.

_________

[*5] Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

*Artikolu 27b*

**Kriterji ta' valutazzjoni**

1. Fit-trattament tan-notifika tal-akkwiżizzjoni proposta prevista fl-Artikolu 27a(1) u tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 27a(5), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-immaniġġjar sod u prudenti tal-akkwirent wara l-akkwiżizzjoni u b'mod

partikolari tar-riskji li għalihom l-akkwirent huwa skopert jew jista' jkun skopert, f'konformità mal-kriterji li ġejjin:

(a) ir-reputazzjoni tajba biżżejjed u l-għarfien, il-ħiliet u l-esperjenza suffiċjenti, kif stabbiliti fl-Artikolu 91(1), ta' kwalunkwe membru ġdid tal-korp ta' ġestjoni tal-akkwirent li għandu jiġi nnominat bħala riżultat tal-akkwiżizzjoni proposta.

(b) jekk l-akkwirent ikunx jista' jikkonforma u jkompli jikkonforma mar-rekwiżiti prudenzjali stabbiliti f'din id-Direttiva u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, u fejn applikabbli, atti oħrajn tad-dritt tal-Unjoni.

(c) jekk ikunx hemm raġunijiet raġonevoli sabiex wieħed jissuspetta li, b'rabta mal-akkwiżizzjoni proposta, ikun qed jitwettaq, twettaq jew sar tentattiv biex jitwettaq ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu fis-sens tal-Artikolu 1 tad-Direttiva (UE) 2015/849, jew li l-akkwiżizzjoni proposta tistax iżżid ir-riskju ta' dan.

2. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kriterju stipulat fil-paragrafu 1, il-punt (c) ▌, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw, fil-kuntest tal-verifiki tagħhom, lill-awtoritajiet kompetenti għas-superviżjoni tal-impriżi f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jopponu l-akkwiżizzjoni proposta biss jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli għal dan fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu*** jew jekk l-informazzjoni pprovduta mill-akkwirent ma tkunx kompluta, minkejja talba magħmula f'konformità mal-Artikolu 27a.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu ▌ u fir-rigward tal-kriterju stipulat fil-paragrafu 1, il-punt (c), ***opinjoni negattiva*** mill-awtoritajiet kompetenti għas-superviżjoni tal-impriżi skont id-Direttiva (UE) 2015/849 ***riċevuta mill-awtoritajiet kompetenti fi żmien 30 jum mit-talba inizjali*** għandha ***titqies kif xieraq mill-awtoritajiet kompetenti meta jivvalutaw l-akkwiżizzjoni proposta u tista'*** tikkostitwixxi raġuni raġonevoli għal oppożizzjoni.

4. L-Istati Membri la għandhom jimponu kundizzjonijiet minn qabel fir-rigward tal-livell ta' holding li trid tiġi akkwiżita u lanqas ma għandhom jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom jeżaminaw l-akkwiżizzjoni proposta f'termini tal-ħtiġijiet ekonomiċi tas-suq.

5. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw lista li tispeċifika l-informazzjoni meħtieġa sabiex titwettaq il-valutazzjoni. Dik l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti fiż-żmien tan-notifika msemmija fl-Artikolu 27a(1). L-informazzjoni għandha tkun proporzjonata u xierqa għan-natura tal-entità li tkun se tiġi akkwiżita. L-Istati Membri ma għandhomx jirrikjedu informazzjoni li ma tkunx rilevanti għall-valutazzjoni prudenzjali skont dan l-Artikolu.

6. Minkejja ***l-Artikolu 27a(2) sa (7)*** meta jkunu ġew innotifikati żewġ proposti jew aktar għall-akkwiżizzjoni ta' holdings ▌ fl-istess entità, l-awtorità kompetenti għandha titratta lill-akkwirenti b'mod mhux diskriminatorju.

7. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifika:

(a) il-lista minima ta' informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti fiż-żmien tan-notifika msemmija fl-Artikolu ***22***(1), fl-Artikolu 27a(1), fl-Artikolu 27f(1) u fl-Artikolu 27k(1);

(b) metodoloġija ta' valutazzjoni komuni tal-kriterji stabbiliti f'dan l-Artikolu, fl-Artikolu 27g u fl-Artikolu 27l;

(c) il-proċess applikabbli għan-notifika u l-valutazzjoni prudenzjali meħtieġa skont l-Artikolu 27a, l-Artikolu 27f u l-Artikolu 27k.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-ABE għandha tqis id-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*6].

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi ***regolatorji*** lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Is-setgħa hija mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi ***regolatorji*** msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont ***l-Artikoli 10 sa 14*** tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

***7a. L-ABE għandha toħroġ linji gwida biex tispeċifika kriterji ta' valutazzjoni komuni stabbiliti f'dan l-Artikolu, fl-Artikolu 27g u fl-Artikolu 27l; L-ABE għandha toħroġ dawk il-linji gwida sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].***

__________

[*6] Id-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (kodifikazzjoni).

*Artikolu 27*

**Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti**

1. L-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jikkonsultaw lil xulxin meta jwettqu l-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 27b meta l-entità akkwiżita tkun waħda minn dawn li ġejjin:

(a) istituzzjoni ta' kreditu, impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-riassigurazzjoni, ditta tal-investiment jew kumpanija tal-ġestjoni ***ta' assi*** awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew f'settur għajr dak tal-akkwirent propost;

(b) impriża prinċipali ta' istituzzjoni ta' kreditu, impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-riassigurazzjoni, ditta tal-investiment jew kumpanija tal-ġestjoni ***ta' assi*** awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew f'settur differenti għajr dak tal-akkwirent propost;

(c) persuna ġuridika li tikkontrolla istituzzjoni ta' kreditu, impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-riassigurazzjoni, ditta tal-investiment jew kumpanija tal-ġestjoni ***ta' assi*** awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew f'settur għajr dak li fih tkun proposta l-akkwiżizzjoni.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom, mingħajr dewmien żejjed, jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni li tkun essenzjali jew rilevanti għall-valutazzjoni. Għal dawn il-finijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw lil xulxin abbażi ta' talba jew fuq inizjattiva tagħhom stess l-informazzjoni rilevanti kollha għall-valutazzjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ifittxu li jikkoordinaw ***il-valutazzjoni*** tagħhom u jiżguraw il-konsistenza tad-deċiżjonijiet tagħhom. Għal dan il-għan, id-deċiżjoni mill-awtorità kompetenti tal-akkwirent għandha tindika kwalunkwe fehma jew riżerva magħmula ***mill-awtoritajiet*** kompetenti ***rilevanti l-oħra***.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi proċeduri, formoli u mudelli komuni għall-proċess ta' konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kif imsemmi f' dan l-Artikolu.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Is-setgħa hija mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 27d*

**Notifika fil-każ ta' ċessjoni**

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li ***kwalunkwe istituzzjoni jew kwalunkwe kumpanija azzjonarja finanzjarja jew kumpanija azzjonarja finanzjarja*** mħallta ***fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 21a(1) tinnotifika*** lill-awtoritajiet kompetenti meta ***jkollha*** l-intenzjoni li ***tiddisponi***, direttament jew indirettament, minn holding ***materjali*** li taqbeż il-15 % tal-kapital eliġibbli ***tagħha*** tal-akkwirent. Din in-notifika għandha ssir bil-miktub u qabel iċ-ċessjoni, filwaqt li jiġi indikat id-daqs tal-holding ikkonċernata.

*Artikolu 27e*

**Obbligi ta' informazzjoni u penali**

Meta l-akkwirent jonqos milli jinnotifika l-akkwiżizzjoni proposta minn qabel f'konformità mal-Artikolu 27a(1) jew ikun akkwiżixxa holding ***materjali*** kif imsemmi f'dak l-Artikolu minkejja l-oppożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu lil dawk l-awtoritajiet kompetenti jieħdu miżuri xierqa. Tali miżuri jistgħu jinkludu inġunzjonijiet, pagamenti perjodiċi ta' penali u penali, f'konformità mal-Artikoli 65 sa 72, kontra membri tal-korp ta' ġestjoni u tal-maniġment superjuri. Meta holding ***materjali*** tiġi akkwiżita minkejja oppożizzjoni mill-awtoritajiet kompetenti, l-Istati Membri għandhom, mingħajr preġudizzju għal penali potenzjali, jipprevedu jew l-eżerċizzju li jiġu sospiżi d-drittijiet tal-vot korrispondenti inkella li l-voti mitfugħa jiġu ddikjarati nulli u bla effett.

## KAPITOLU 4

## Trasferimenti materjali ta' assi u ta' obbligazzjonijiet

*Artikolu 27f*

**Notifika u valutazzjoni tat-trasferimenti materjali ta' assi u ta' obbligazzjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-istituzzjonijiet, ***jew kwalunkwe kumpanija*** azzjonarja ***finanzjarja*** jew ***kumpanija*** azzjonarja ***finanzjarja*** mħallta ***fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu*** 21a(1) ▌ jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti tagħhom bi kwalunkwe trasferiment materjali ta' assi jew ta' obbligazzjonijiet li jkollhom l-

intenzjoni li jeżegwixxu jew permezz ta' bejgħ jew kwalunkwe tip ieħor ta' tranżazzjoni (l-"operazzjoni intiża"). In-notifika għandha tindika d-daqs tal-operazzjoni intiża u tipprovdi l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 27g(5).

Meta l-operazzjoni intiża tkun tinvolvi biss istituzzjonijiet mill-istess grupp, dawn l-istituzzjonijiet għandhom ikunu soġġetti wkoll għall-ewwel subparagrafu.

Għall-finijiet tal-ewwel u tat-tieni subparagrafi, kull waħda mill-istituzzjonijiet involuti fl-istess operazzjoni intiża għandha tkun soġġetta individwalment għall-obbligu ta' notifika stabbilit f'dawk is-subparagrafi.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1:

(a) l-operazzjoni intiża għandha titqies bħala materjali għal istituzzjoni meta tkun tal-anqas ugwali għal 10 % tal-assi jew tal-obbligazzjonijiet totali tagħha ***fuq bażi konsolidata***;

(b) trasferimenti ta' assi improduttivi, jew ta' assi bl-għan li jiġu inklużi f'aggregazzjoni ta' kopertura, fis-sens tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva (UE) 2019/2162 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*7], jew li għandhom jiġu ttitolizzati, ma għandhomx jitqiesu għall-kalkolu tal-perċentwal fil-punt (a);

(c) it-trasferimenti ta' assi jew ta' obbligazzjonijiet fil-kuntest tal-użu ta' għodod, ta' setgħat u ta' mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni previsti fit-Titolu IV tad-Direttiva 2014/59/UE ma għandhomx jitqiesu għall-kalkolu tal-perċentwal imsemmi fil-punt (a).

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikonoxxu minnufih li n-notifika skont il-paragrafu 1 jew l-informazzjoni addizzjonali skont il-paragrafu 6 ġiet riċevuta u fi kwalunkwe każ fi żmien jumejn tax-xogħol minn meta jkunu rċevew in-notifika.

4. Mid-data tal-konferma bil-miktub li n-notifika u d-dokumenti ġew riċevuti, inklużi dawk meħtieġa mill-Istat Membru li għandhom jiġu mehmuża man-notifika f'konformità mal-Artikolu 27g(5), l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom massimu ta' 60 jum tax-xogħol biex iwettqu l-valutazzjoni prevista fl-Artikolu 27g(1) (il-"perjodu ta' valutazzjoni").

5. Meta jikkonfermaw li rċevewhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformaw lill-istituzzjoni dwar id-data tal-iskadenza tal-perjodu ta' valutazzjoni.

6. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu aktar informazzjoni neċessarja biex ilestu l-valutazzjoni fi kwalunkwe ħin matul il-perjodu ta' valutazzjoni u mhux aktar tard mill-50 jum tax-xogħol tal-perjodu ta' valutazzjoni. Tali talba għandha ssir bil-miktub u tispeċifika l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa.

7. Għall-perjodu bejn id-data tat-talba għall-informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti u meta tiġi riċevuta tweġiba għaliha mill-istituzzjoni li tipprovdi l-informazzjoni mitluba kollha, il-perjodu ta' valutazzjoni għandu jiġi sospiż. Is-sospensjoni ma għandhiex taqbeż 20 jum tax-xogħol. Kull talba ulterjuri mill-awtoritajiet kompetenti għall-ikkompletar jew għall-kjarifika tal-informazzjoni għandha tkun fid-diskrezzjoni tagħhom iżda ma għandhiex tirriżulta f'sospensjoni tal-perjodu ta' valutazzjoni.

8. Meta l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li jopponu l-operazzjoni intiża, huma għandhom jinformaw lill-istituzzjoni bil-miktub u jipprovdu r-raġunijiet għall-

oppożizzjoni fi żmien jumejn tax-xogħol mill-ikkompletar tal-valutazzjoni u mhux aktar tard mid-data tal-iskadenza tal-perjodu ta' valutazzjoni. Soġġetta għad-dritt nazzjonali, dikjarazzjoni xierqa tar-raġunijiet għad-deċiżjoni tista' ssir aċċessibbli għall-pubbliku fuq talba tal-istituzzjoni. In-nuqqas ta' dispożizzjonijiet fid-dritt nazzjonali rigward dikjarazzjoni xierqa tar-raġunijiet għad-deċiżjoni li topponi l-akkwiżizzjoni proposta ma għandux iżomm lil Stat Membru milli jippermetti lill-awtorità kompetenti tippubblika tali informazzjoni fin-nuqqas ta' talba mill-istituzzjoni.

9. Meta l-awtoritajiet kompetenti ma jopponux bil-miktub l-operazzjoni intiża fil-perjodu ta' valutazzjoni, din għandha titqies bħala approvata.

10. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistabbilixxu perjodu massimu għall-ikkompletar tal-operazzjoni intiża u jestendu dan il-perjodu meta dan ikun xieraq.

11. L-Istati Membri ma jistgħux jimponu rekwiżiti għan-notifika fuq l-awtoritajiet kompetenti, jew għall-approvazzjoni minnhom, li jkunu aktar stretti minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 27f.

________

*7 Id-Direttiva (UE) 2019/2162 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar il-ħruġ ta' bonds koperti u s-superviżjoni pubblika ta' bonds koperti u li temenda d-Direttivi 2009/65/KE u 2014/59/UE (ĠU L 328, 18.12.2019, p. 29).

*Artikolu 27g*
**Kriterji ta' valutazzjoni**

1. Meta jittrattaw in-notifika prevista fl-Artikolu 27f(1) u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 27f(6), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-operazzjoni intiża f'konformità mal-kriterji li ġejjin:

(a) jekk l-istituzzjoni tkunx tista' tikkonforma u tkompli tikkonforma mar-rekwiżiti prudenzjali stabbiliti f'din id-Direttiva u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, u fejn applikabbli, atti oħrajn tad-dritt tal-Unjoni.

(b) jekk ikunx hemm raġunijiet raġonevoli sabiex wieħed jissuspetta li, b'rabta mal-operazzjoni intiża, ikun qed jitwettaq, twettaq jew sar tentattiv biex jitwettaq ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu fis-sens tal-Artikolu 1 tad-Direttiva (UE) 2015/849, jew li l-akkwiżizzjoni proposta tista' żżid ir-riskju ta' dan.

2. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kriterju stipulat fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw, fil-kuntest tal-verifiki tagħhom, lill-awtoritajiet kompetenti għas-superviżjoni tal-impriżi skont id-Direttiva (UE) 2015/849.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jopponu l-operazzjoni intiża biss meta l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 ma jiġux issodisfati jew meta l-informazzjoni pprovduta mill-istituzzjoni ma tkunx kompluta minkejja talba magħmula f'konformità mal-Artikolu 27f.

Fir-rigward tal-kriterju stipulat fil-paragrafu 1, il-punt (b), ***opinjoni negattiva*** mill-awtoritajiet kompetenti skont id-Direttiva (UE) 2015/849 ***riċevuta mill-awtoritajiet***

***kompetenti fi żmien 30 jum mit-talba inizjali*** għandha ***titqies kif xieraq mill-awtoritajiet kompetenti meta jivvalutaw l-akkwiżizzjoni proposta u tista'*** tikkostitwixxi raġuni raġonevoli għal oppożizzjoni.

4. L-Istati Membri la jistgħu jissoġġettaw l-operazzjoni intiża għall-issodisfar ta' livell jew ta' ammont speċifikat, u lanqas ma jistgħu jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom jeżaminaw l-operazzjoni intiża f'termini tal-ħtiġijiet ekonomiċi tas-suq.

5. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw lista ta' punti ta' informazzjoni li huma meħtieġa biex titwettaq il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Dik l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti fiż-żmien tan-notifika msemmija fl-Artikolu 27f(1). L-Istati Membri ma għandhomx jirrikjedu informazzjoni li ma tkunx rilevanti għal valutazzjoni prudenzjali tal-operazzjoni intiża.

***Il-lista msemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandhiex tipprevjeni lill-awtoritajiet kompetenti milli jitolbu informazzjoni addizzjonali li tkun meħtieġa biex jiġi żgurat li l-operazzjoni intiża tikkonforma mal-kriterji definiti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.***

*Artikolu 27h*

**Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti**

1. L-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jikkonsultaw lil xulxin meta jwettqu l-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 27g meta l-partijiet involuti fl-operazzjoni intiża jkunu waħda minn dawn li ġejjin:

(a) istituzzjoni ta' kreditu, impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-riassigurazzjoni, ditta tal-investiment jew kumpanija tal-ġestjoni ***ta' assi*** awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew f'settur għajr dak li fih tkun proposta l-akkwiżizzjoni;

(b) impriża prinċipali ta' istituzzjoni ta' kreditu, impriża tar-riassigurazzjoni, ditta tal-investiment jew kumpanija tal-ġestjoni ***ta' assi*** awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew f'settur għajr dak li fih tkun proposta l-akkwiżizzjoni;

(c) persuna ġuridika li tikkontrolla istituzzjoni ta' kreditu, impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-riassigurazzjoni, ditta tal-investiment jew kumpanija tal-ġestjoni ***ta' assi*** awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew f'settur għajr dak li fih tkun proposta l-akkwiżizzjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, mingħajr dewmien żejjed, jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni li tkun essenzjali jew rilevanti għall-valutazzjoni. Għal dawn il-finijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw lil xulxin b'talba jew fuq inizjattiva tagħhom stess l-informazzjoni rilevanti kollha għall-valutazzjoni.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ifittxu li jikkoordinaw ***il-valutazzjoni*** tagħhom***, u*** jiżguraw il-konsistenza tad-deċiżjonijiet tagħhom. ***Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti*** għandhom jindikaw fid-deċiżjonijiet tagħhom kwalunkwe fehma jew riżerva magħmula mill-awtorità kompetenti li twettaq is-superviżjoni ta' entitajiet oħrajn involuti fl-operazzjoni intiża.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi proċeduri, formoli u mudelli komuni għall-proċess ta' konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kif imsemmi f' dan l-Artikolu.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Is-setgħa hija mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 27i*
**Obbligi ta' informazzjoni u penali**

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li, meta l-istituzzjonijiet jonqsu milli jinnotifikaw l-operazzjoni intiża minn qabel f'konformità mal-Artikolu 27f(1), jew ikunu wettqu l-operazzjoni intiża kif imsemmi f'dak l-Artikolu minkejja oppożizzjoni mill-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet kompetenti jieħdu l-miżuri xierqa. Tali miżuri jistgħu jikkonsistu ***minn ingunzjonijiet***, ▌pagamenti perjodiċi ta' penali, ***penali***, soġġetti għall-Artikoli 65 sa 72, kontra membri tal-korp ta' ġestjoni u maniġers.

# KAPITOLU 5

# Fużjonijiet u diviżjonijiet

*Artikolu 27j*
**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "fużjoni" tfisser kwalunkwe operazzjoni minn dawn li ġejjin li biha:

(i) kumpanija waħda jew aktar, meta jiġu xolti mingħajr ma jidħlu f'likwidazzjoni, jittrasferixxu l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha tagħhom jew partijiet minnhom lil kumpanija oħra eżistenti, bħala skambju għall-ħruġ lill-membri tagħhom ta' titoli jew ta' ishma li jirrappreżentaw il-kapital ta' dik il-kumpanija l-oħra u, jekk ikun il-każ, pagament fi flus li ma jkunx aktar minn 10 % tal-valur nominali (dment li ma jkunx stipulat mod ieħor fid-dritt nazzjonali applikabbli), jew, fin-nuqqas ta' valur nominali, tal-parità monetarja kontabilistika ta' dawk it-titoli jew l-ishma;

(ii) kumpanija waħda jew aktar, meta jiġu xolti mingħajr ma jidħlu f'likwidazzjoni, jittrasferixxu l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha tagħhom jew partijiet minnhom lil kumpanija eżistenti oħra, il-kumpanija akkwirenti, mingħajr il-ħruġ ta' kwalunkwe sehem ġdid mill-kumpanija akkwirenti, dment li persuna waħda tkun id-detentur dirett jew indirett tal-ishma kollha fil-kumpaniji li huma l-oġġett ta' fużjoni jew li l-membri tal-kumpaniji li huma l-oġġett ta' fużjoni jkunu d-detenturi tat-titoli u tal-ishma tagħhom bl-istess proporzjon fil-kumpaniji kollha li jkunu l-oġġett ta' fużjoni;

(iii) żewġ kumpaniji jew aktar, meta jiġu xolti mingħajr ma jidħlu f'likwidazzjoni, jittrasferixxu l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha tagħhom

jew partijiet minnhom lil kumpanija li jifformaw bejniethom bħala skambju għall-ħruġ lill-membri tagħhom ta' titoli jew ta' ishma li jirrappreżentaw il-kapital ta' dik il-kumpanija l-ġdida u, fejn applikabbli, pagament fi flus li ma jkunx aktar minn 10 % tal-valur nominali (dment li ma jkunx stipulat mod ieħor mid-dritt nazzjonali applikabbli), jew, fin-nuqqas ta' valur nominali, tal-parità monetarja kontabilistika ta' dawk it-titoli jew l-ishma;

(iv) kumpanija, meta tiġi xolta mingħajr ma tidħol f'likwidazzjoni, tittrasferixxi l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha tagħha jew partijiet minnhom lil kumpanija li jkollha t-titoli jew l-ishma kollha li jirrappreżentaw il-kapital tagħha.

(b) "diviżjoni" tfisser kwalunkwe operazzjoni minn dawn li ġejjin:

(i) operazzjoni li biha, wara li tiġi stralċjata mingħajr ma tidħol f'likwidazzjoni, kumpanija tittrasferixxi lil aktar minn kumpanija waħda l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha tagħha bi skambju għall-allokazzjoni lill-azzjonisti tal-kumpanija li tkun qed tiġi diviża mal-ishma fil-kumpaniji li jirċievu kontribuzzjonijiet bħala riżultat tad-diviżjoni u, fejn applikabbli, pagament fi flus li ma jaqbiżx l-10 % tal-valur nominali (dment li ma jkunx stipulat mod ieħor mid-dritt nazzjonali applikabbli), jew, fin-nuqqas ta' valur nominali, tal-parità monetarja kontabilistika ta' dawk it-titoli jew l-ishma;

(ii) operazzjoni li biha, wara li tiġi stralċjata mingħajr ma tidħol f'likwidazzjoni, kumpanija tittrasferixxi lil aktar minn kumpanija waħda fformata ġdida l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha tagħha bi skambju għall-allokazzjoni lill-azzjonisti tal-kumpanija li tkun qed tiġi diviża tal-ishma fil-kumpaniji riċeventi, u, fejn applikabbli, pagament fi flus li ma jaqbiżx l-10 % tal-valur nominali (dment li ma jkunx stipulat mod ieħor mid-dritt nazzjonali applikabbli), jew, fin-nuqqas ta' valur nominali, tal-parità monetarja kontabilistika ta' dawk it-titoli jew l-ishma;

(iii) operazzjoni li tikkonsisti f'taħlita ta' operazzjonijiet deskritti taħt il-punti (i) u (ii);

(iv) operazzjoni li biha kumpanija li tkun qed tiġi diviża tittrasferixxi parti mill-assi u mill-obbligazzjonijiet tagħha lil kumpanija riċeventi waħda jew aktar, bi skambju għall-ħruġ lill-azzjonisti tal-kumpanija li tkun qed tiġi diviża tal-ishma fil-kumpaniji riċeventi, fil-kumpanija li tkun qed tiġi diviża jew kemm fil-kumpaniji riċeventi kif ukoll fil-kumpanija li qed tiġi diviża, u, fejn applikabbli, pagament fi flus li ma jaqbiżx l-10 % tal-valur nominali (dment li ma jkunx stipulat mod ieħor mid-dritt nazzjonali applikabbli), jew, fin-nuqqas ta' valur nominali, tal-parità monetarja kontabilistika ta' dawk it-titoli jew l-ishma;

(v) operazzjoni li biha kumpanija li tkun qed tiġi diviża tittrasferixxi parti mill-assi u mill-obbligazzjonijiet tagħha lil kumpanija riċeventi waħda jew aktar, bi skambju għall-ħruġ lill-kumpanija li tkun qed tiġi diviża ta' titoli jew ta' ishma fil-kumpaniji riċeventi.

*Artikolu 27k*

**Notifika u valutazzjoni tal-fużjoni jew tad-diviżjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li ***kwalunkwe istituzzjoni jew kumpanija*** azzjonarja ***finanzjarja*** jew ***kumpanija*** azzjonarja ***finanzjarja*** mħallta ***fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu*** 21a(1) ▌ (il-"partijiet ikkonċernati finanzjarji") li ***twettaq*** fużjoni jew diviżjoni (l-"operazzjoni proposta"), ***tinnotifika*** minn qabel rigward l-ikkompletar tal-operazzjoni proposta lill-awtoritajiet kompetenti li jkunu responsabbli għas-superviżjoni tal-entitajiet li jirriżultaw minn tali operazzjoni proposta, filwaqt li tindika l-informazzjoni rilevanti, kif speċifikat f'konformità mal-Artikolu 27l(4).

▌

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom minnufih jirrikonoxxu li jkunu rċevew in-notifika msemmija fil-paragrafu 1 jew l-informazzjoni addizzjonali ppreżentata f'konformità mal-paragrafu 3 u fi kwalunkwe każ fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol wara li jirċievu n-notifika jew l-informazzjoni addizzjonali.

Meta l-operazzjoni proposta tinvolvi biss partijiet ikkonċernati finanzjarji mill-istess grupp, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom massimu ta' 60 jum tax-xogħol mid-data tal-konferma bil-miktub li rċevew in-notifika u d-dokumenti kollha meħtieġa mill-Istat Membru li għandhom jiġu mehmużin man-notifika f'konformità mal-Artikolu 27l(5) ("il-perjodu ta' valutazzjoni"), biex iwettqu l-valutazzjoni prevista fl-Artikolu 27l(1).

Meta tikkonferma li tkun irċeviethom, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-parti kkonċernata finanzjarja dwar id-data tal-iskadenza tal-perjodu ta' valutazzjoni.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu informazzjoni ulterjuri li tkun neċessarja sabiex titlesta l-valutazzjoni. Tali talba għandha ssir bil-miktub u għandha tispeċifika l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa.

Meta l-operazzjoni proposta tinvolvi biss partijiet ikkonċernati finanzjarji mill-istess grupp, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu informazzjoni addizzjonali sa mhux aktar tard mill-ħamsin jum tax-xogħol tal-perjodu ta' valutazzjoni.

Għall-perjodu bejn id-data tat-talba għall-informazzjoni addizzjonali mill-awtoritajiet kompetenti u meta tiġi riċevuta tweġiba għaliha mill-partijiet ikkonċernati finanzjarji li jipprovdu l-informazzjoni mitluba kollha, il-perjodu ta' valutazzjoni għandu jiġi sospiż. Is-sospensjoni ma għandhiex taqbeż 20 jum tax-xogħol. Kwalunkwe talba ulterjuri mill-awtoritajiet kompetenti għall-ikkompletar jew għall-kjarifika tal-informazzjoni pprovduta għandha tkun fid-diskrezzjoni tagħhom iżda ma għandhiex tirriżulta f'sospensjoni tal-perjodu ta' valutazzjoni.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, it-tielet subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jestendu s-sospensjoni msemmija fih għal massimu ta' 30 jum tax-xogħol fil-każijiet li ġejjin:

(a) l-entità akkwiżita tinsab jew tkun regolata f'pajjiż terz;

(b) huwa neċessarju skambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni tal-entitajiet obbligati msemmijin fl-Artikolu 2(1), il-punti (1) u (2), tad-Direttiva (UE) 2015/849 sabiex titwettaq il-valutazzjoni prevista skont l-Artikolu 27l(1) ta' din id-Direttiva.

5. L-operazzjonijiet proposti ma għandhomx jitlestew qabel il-ħruġ ta' opinjoni pożittiva mill-awtoritajiet kompetenti.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, fi żmien jumejn tax-xogħol mill-ikkompletar tal-valutazzjoni tagħhom, joħorġu bil-miktub opinjoni motivata pożittiva jew negattiva lill-partijiet ikkonċernati finanzjarji. Soġġetta għad-dritt nazzjonali, dikjarazzjoni xierqa tar-raġunijiet għall-opinjoni tista' ssir aċċessibbli għall-pubbliku fuq talba tal-partijiet ikkonċernati finanzjarji. Din ma għandhiex tipprevjeni lil Stat Membru milli jippermetti lill-awtorità kompetenti tippubblika tali informazzjoni fin-nuqqas ta' talba mill-parti kkonċernata finanzjarja.

Il-partijiet ikkonċernati finanzjarji għandhom jittrażmettu l-opinjoni motivata maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom skont l-ewwel subparagrafu lill-awtoritajiet responsabbli, skont id-dritt nazzjonali ***korporattiv u/jew ċivili***, tal-iskrutinju tal-operazzjoni proposta.

7. Meta l-operazzjoni proposta tinvolvi biss partijiet ikkonċernati finanzjarji mill-istess grupp, u l-awtoritajiet kompetenti ma jopponux bil-miktub l-operazzjoni proposta fil-perjodu ta' valutazzjoni, l-opinjoni għandha titqies bħala pożittiva.

8. L-opinjoni pożittiva maħruġa mill-awtorità kompetenti tista' tkun limitata fiż-żmien.

9. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu rekwiżiti relatati man-notifika u mal-approvazzjoni kif deskritti f'dan il-Kapitolu li jkunu aktar stretti minn dawk stabbiliti hawnhekk.

10. Dan il-Kapitolu huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004*[8] u tad-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

11. Il-valutazzjoni skont l-Artikolu 27k(1) ma għandhiex titwettaq meta l-operazzjoni proposta tirrikjedi awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 8, jew approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 21a.

______

*[8] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet).

*Artikolu 27l*

**Kriterji ta' valutazzjoni**

1. Fil-valutazzjoni tan-notifika prevista fl-Artikolu 27k(1) u tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 27k(3), l-awtoritajiet kompetenti għandhom, biex jiżguraw is-solidità tal-profil prudenzjali tal-partijiet ikkonċernati finanzjarji wara t-tlestija tal-operazzjoni proposta u b'mod partikolari r-riskji li għalihom il-parti kkonċernata finanzjarja hija jew tista' tkun skoperta matul l-operazzjoni proposta u r-riskji li għalihom tista' tkun skoperta l-parti kkonċernata finanzjarja li tirriżulta mill-operazzjoni proposta, jivvalutaw l-operazzjoni proposta f'konformità mal-kriterji li ġejjin:

(a) ir-reputazzjoni tal-entitajiet involuti fl-operazzjoni proposta;

(b) ir-reputazzjoni tajba biżżejjed u l-għarfien, il-ħiliet u l-esperjenza suffiċjenti, kif stabbiliti fl-Artikolu 91(1), ta' kwalunkwe membru tal-korp ta' ġestjoni li se

jmexxi n-negozju tal-parti kkonċernata finanzjarja li tirriżulta mill-operazzjoni proposta;

(c) is-solidità finanzjarja tal-entitajiet involuti fl-operazzjoni proposta, b'mod partikolari fir-rigward tat-tip ta' negozju mfittex u previst għall-parti kkonċernata finanzjarja li tirriżulta mill-operazzjoni proposta;

(d) jekk l-entità li tirriżulta mill-operazzjoni proposta hijiex se tkun tista' tikkonforma u tkompli tikkonforma mar-rekwiżiti prudenzjali stipulati f'din id-Direttiva u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, u meta applikabbli, f'atti oħrajn tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttivi 2002/87/KE u 2009/110/KE;

(e) jekk il-pjan ta' implimentazzjoni tal-operazzjoni proposta jkunx realistiku, sod u effiċjenti minn perspettiva prudenzjali;

(f) jekk ikunx hemm raġunijiet raġonevoli sabiex wieħed jissuspetta li, b'rabta mal-operazzjoni proposta, ikun qed jitwettaq, twettaq jew sar tentattiv sabiex jitwettaq ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu fis-sens tal-Artikolu 1 tad-Direttiva (UE) 2015/849, jew li l-operazzjoni proposta tista' żżid ir-riskju ta' dan.

Il-pjan ta' implimentazzjoni msemmi fil-punt ***(e)*** għandu jkun soġġett għal monitoraġġ xieraq mill-awtorità kompetenti sal-ikkompletar tal-operazzjoni proposta.

2. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kriterju stipulat fil-paragrafu 1, il-punt (f), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw, fil-kuntest tal-verifiki tagħhom, lill-awtoritajiet kompetenti għas-superviżjoni tal-impriżi skont id-Direttiva (UE) 2015/849.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu joħorġu opinjoni negattiva għall-operazzjoni proposta biss jekk ma jiġux issodisfati l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 jew meta l-informazzjoni pprovduta mill-parti kkonċernata finanzjarja ma tkunx kompluta minkejja talba magħmula f'konformità mal-Artikolu 27k.

Fir-rigward tal-kriterju stipulat fil-paragrafu 1, il-punt (f), oġġezzjoni ▌mill-awtoritajiet kompetenti għas-superviżjoni tal-impriżi f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849 ***riċevuta mill-awtoritajiet kompetenti fi żmien 30 jum mit-talba inizjali*** għandha ***titqies kif xieraq mill-awtoritajiet kompetenti meta jivvalutaw l-akkwiżizzjoni proposta u tista'*** tikkostitwixxi raġuni raġonevoli għal opinjoni negattiva.

4. L-Istati Membri ma għandhomx jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom jeżaminaw l-operazzjoni proposta f'termini tal-ħtiġijiet ekonomiċi tas-suq.

5. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw lista ta' punti ta' informazzjoni li jkunu neċessarji biex titwettaq il-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 27k(1) u li trid tiġi pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti fil-mument tan-notifika msemmija f'dak l-Artikolu. L-informazzjoni meħtieġa għandha tkun proporzjonata u xierqa għall-operazzjoni proposta. L-Istati Membri ma għandhomx jirrikjedu informazzjoni li ma tkunx rilevanti għal valutazzjoni prudenzjali.

*Artikolu 27m*

**Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti**

1. L-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jikkonsultaw lil xulxin meta jwettqu l-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 27l meta l-operazzjoni proposta tinvolvi, minbarra l-parti kkonċernata finanzjarja, entitajiet li jkunu waħda minn dawn li ġejjin:

(a) istituzzjoni ta' kreditu, impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-riassigurazzjoni, ditta tal-investiment jew kumpanija tal-ġestjoni ***ta' assi*** awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew f'settur għajr dak li fih tkun proposta l-akkwiżizzjoni;

(b) impriża prinċipali ta' istituzzjoni ta' kreditu, impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-riassigurazzjoni, ditta tal-investiment jew kumpanija tal-ġestjoni ***ta' assi*** awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew f'settur differenti minn dak li fih tkun proposta l-akkwiżizzjoni;

(c) persuna ġuridika li tikkontrolla istituzzjoni ta' kreditu, impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-riassigurazzjoni, ditta tal-investiment jew kumpanija tal-ġestjoni ***ta' assi*** awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew f'settur għajr dak li fih tkun proposta l-akkwiżizzjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, mingħajr dewmien żejjed, jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni li tkun rilevanti għall-valutazzjoni. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw lil xulxin, meta jintalbu jagħmlu dan, l-informazzjoni kollha rilevanti u għandhom jikkomunikaw, fuq l-inizjattiva tagħhom stess, kull informazzjoni li tkun essenzjali. Deċiżjoni mill-awtorità kompetenti tal-parti kkonċernata finanzjarja għandha tindika kwalunkwe fehma jew riżerva espressa mill-awtorità kompetenti li twettaq is-superviżjoni ta' entità waħda jew aktar mill-entitajiet elenkati hawn fuq u involuti fl-operazzjoni proposta.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ifittxu li jikkoordinaw ***il-valutazzjoni*** tagħhom ***u*** jiżguraw il-konsistenza tal-opinjonijiet tagħhom. ***Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti*** għandhom jindikaw fl-opinjonijiet tagħhom kwalunkwe fehma jew riżerva magħmula mill-awtorità kompetenti li twettaq is-superviżjoni ta' partijiet ikkonċernati finanzjarji oħrajn.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi proċeduri, formoli u mudelli komuni għall-proċess ta' konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kif imsemmi f'dan l-Artikolu.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Is-setgħa hija mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 27n*

**Obbligi ta' informazzjoni u penali**

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li, meta l-partijiet ikkonċernati finanzjarji jonqsu milli jipprovdu notifika minn qabel tal-operazzjoni proposta f'konformità mal-Artikolu 27k(1) jew ikunu wettqu l-operazzjoni proposta kif imsemmi f'dan l-Artikolu mingħajr opinjoni pożittiva minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet

kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri xierqa. Tali miżuri jistgħu jikkonsistu f'inġunzjonijiet, f'pagamenti perjodiċi ta' penali, f'penali, soġġetti għall-Artikoli 65 sa 72, kontra membri tal-korp ta' ġestjoni u maniġers tal-partijiet ikkonċernati finanzjarji jew tal-entità li tirriżulta mill-operazzjoni proposta.";

(8) It-Titolu VI huwa sostitwit b'dan li ġej:

# "Titolu VI SUPERVIŻJONI PRUDENZJALI TA' FERGĦAT TA' PAJJIŻI TERZI U RELAZZJONIJIET MA' PAJJIŻI TERZI"

## KAPITOLU 1

## Superviżjoni prudenzjali ta' fergħat ta' pajjiżi terzi

### TAQSIMA I

### DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 47*

**Kamp ta' applikazzjoni u *definizzjonijiet***

1. Dan il-Kapitolu jistipula ***r-rekwiżiti minimi*** rigward it-twettiq fi Stat Membru ***tal-attivitajiet li ġejjin minn fergħa*** ta' ***pajjiż terz***:

(a) kwalunkwe attività minn dawk ***imsemmijin fil-punti 2 sa 6 u 13 sa 15 tal-Anness*** I ta' din id-Direttiva minn impriża stabbilita f'pajjiż terz ***li tkun tikkwalifika bħala istituzzjoni ta' kreditu jew li tkun tissodisfa l-kriterji stipulati fil-punti (i) sa (iii) tal-Artikolu 4(1), il-punt b, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li kieku kienet stabbilita fl-Unjoni***;

(b) ***l-attività msemmija*** fil-punt ***1 tal-Anness I ta' din id-Direttiva*** minn impriża stabbilita f'pajjiż terz ▌;

2. B'deroga mill-paragrafu 1, ***impriża stabbilita f'pajjiż*** terz ***li tipprovdi attivitajiet u*** servizzi elenkati ***fl-Anness*** 1, ***it-Taqsima A tad-Direttiva 2014/65/UE u s-servizzi elenkati fl-Anness 1, it-Taqsima B tad-Direttiva 2014/65/UE għall-fini unika li jitwettqu l-attivitajiet u s-servizzi elenkati fl-Anness 1, it-Taqsima A tad-Direttiva*** 2014/65/UE***, ma għandhiex tiġi inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni deskritt fil-paragrafu 1***.

3. Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "fergħa ta' pajjiż terz" għandha tfisser fergħat stabbiliti fi Stat Membru permezz ta' waħda minn dawn li ġejjin:

(i) impriża li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'pajjiż terz, bl-għan li twettaq kwalunkwe attività minn dawk imsemmijin fil-paragrafu 1;

(ii) istituzzjoni ta' kreditu li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'pajjiż terz;

(b) "impriża prinċipali" għandha tfisser l-impriża bl-uffiċċju prinċipali tagħha fil-pajjiż terz li tkun stabbiliet il-fergħa ta' pajjiż terz fl-Istat Membru, u l-impriżi prinċipali intermedjarji u aħħarin tal-impriża, skont il-każ.

*Artikolu 48*

**Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni**

L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw għal fergħat ta' pajjiżi terzi, meta jibdew jew ikomplu jwettqu n-negozju tagħhom, dispożizzjonijiet li jirriżultaw fi trattament aktar favorevoli minn dak mogħti lil fergħat ta' istituzzjonijiet li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 48a*

**Klassifikazzjoni ta' fergħat ta' pajjiżi terzi**

1. L-Istati Membri għandhom jikklassifikaw il-fergħat ta' pajjiżi terzi bħala tal-Klassi 1 meta dawk il-fergħat jissodisfaw kwalunkwe kundizzjoni minn dawn li ġejjin:

(a) il-valur totali tal-assi rreġistrati fil-kotba ***jew li joriġinaw*** mill-fergħa ta' pajjiż terz fl-Istat Membru jkun ta' EUR 5 biljun jew ogħla, kif irrappurtat għall-perjodu ta' rappurtar annwali immedjatament preċedenti f'konformità mat-Taqsima II, is-Subtaqsima 4;

(b) l-attivitajiet awtorizzati tal-fergħa ta' pajjiż terz jinkludu t-teħid ta' depożiti u ta' fondi oħrajn ripagabbli minn klijenti konsumaturi;

(c) il-fergħa ta' pajjiż terz ma tkunx fergħa ta' pajjiż terz kwalifikanti f'konformità mal-Artikolu 48b.

2. L-Istati Membri għandhom jikklassifikaw fergħat ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfaw l-ebda kundizzjoni minn dawk stipulati fil-paragrafu 1 bħala tal-Klassi 2.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġġornaw il-klassifikazzjoni ta' fergħat ta' pajjiżi terzi kif ġej:

(a) meta fergħa ta' pajjiż terz tal-Klassi 1 ma tibqax tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1, hija għandha titqies immedjatament bħala tal-Klassi 2;

(b) meta fergħa ta' pajjiż terz tal-Klassi 2 tibda tissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1, hija għandha titqies bħala tal-Klassi 1 biss wara perjodu ta' tliet xhur mid-data li fiha tkun bdiet tissodisfa dawk il-kundizzjonijiet.

***3a. L-Istati Membri jistgħu japplikaw reġim regolatorju aktar strett għall-fergħat kollha ta' pajjiżi terzi jew għall-fergħat minn pajjiżi terzi speċifiċi. Il-paragrafi 1 sa 3 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw jekk l-Istat Membru jissoġġetta fergħat mill-pajjiż terz rilevanti għal rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni u rekwiżiti regolatorji oħrajn f'konformità mar-rekwiżiti għall-istituzzjonijiet awtorizzati skont din id-Direttiva.***

*Artikolu 48b*

**Kundizzjonijiet għal "fergħat ta' pajjiżi terzi kwalifikanti"**

1. Meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin fir-rigward ta' fergħa ta' pajjiż terz, dik il-fergħa għandha titqies bħala "fergħa ta' pajjiż terz kwalifikanti" għall-finijiet ta' dan it-Titolu:

(a) l-impriża prinċipali tal-fergħa ta' pajjiż terz tkun stabbilita f'pajjiż li japplika standards prudenzjali u sorveljanza superviżorja f'konformità mal-qafas regolatorju bankarju tal-pajjiż terz li jkunu tal-anqas ekwivalenti għal din id-Direttiva u għar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(b) l-awtoritajiet superviżorji tal-impriża prinċipali tal-fergħa ta' pajjiż terz ikunu soġġetti għal rekwiżiti ta' kunfidenzjalità li jkunu tal-anqas ekwivalenti għar-rekwiżiti stipulati fit-Titolu VII, il-Kapitolu 1, it-Taqsima II ta' din id-Direttiva;

(c) il-pajjiż fejn tkun stabbilita l-impriża prinċipali tal-fergħa ta' pajjiż terz ma jkunx elenkat bħala pajjiż terz b'riskju għoli li għandu defiċjenzi strateġiċi fir-reġim tiegħu dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2015/849;

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, deċiżjonijiet dwar jekk il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b) ta' dan l-Artikolu ġewx issodisfati fir-rigward tal-qafas regolatorju bankarju ta' pajjiż terz. Għal dawk il-finijiet, il-Kummissjoni għandha tikkonforma mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 464(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

3. Qabel ma tadotta d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista' titlob l-assistenza tal-ABE f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 sabiex twettaq valutazzjoni tal-qafas regolatorju bankarju u tar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità tal-pajjiż terz rilevanti u sabiex toħroġ rapport dwar il-konformità ta' dak il-qafas mal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), ta' dan l-Artikolu. L-ABE għandha tippubblika l-eżitu tal-valutazzjoni tagħha fuq is-sit web tagħha.

4. L-ABE għandha żżomm reġistru pubbliku tal-pajjiżi terzi u tal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1.

5. Malli jirċievu applikazzjoni għal awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 48c, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 48a sabiex jikklassifikaw il-fergħa ta' pajjiż terz bħala tal-Klassi 1 jew tal-Klassi 2. Meta l-pajjiż terz rilevanti ma jkunx irreġistrat fir-reġistru msemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti għandha titlob lill-Kummissjoni tivvaluta l-qafas regolatorju bankarju u r-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità tal-pajjiż terz għall-finijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, dment li tiġi ssodisfata l-kundizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (c), ta' dan l-Artikolu. L-awtorità kompetenti għandha tikklassifika l-fergħa ta' pajjiż terz bħala tal-Klassi 1 sa ma l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

## TAQSIMA II

## REKWIŻITI TA' AWTORIZZAZZJONI U REGOLATORJI

### SUBTAQSIMA 1
### REKWIŻITI TA' AWTORIZZAZZJONI

*Artikolu 48c*

**Kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' fergħat ta' pajjiżi terzi**

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-impriżi ta' pajjiżi terzi jistabbilixxu fergħa fit-territorju tagħhom qabel ma jibdew ***jew ikomplu*** l-attivitajiet imsemmijin fl-Artikolu 47(1). L-istabbiliment ta' fergħa ta' pajjiż terz għandu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel f'konformità ma' dan il-Kapitolu.

***L-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandhiex tapplika għall-forniment ta' kwalunkwe servizz jew attività msemmijin fl-Artikolu 47(1) fuq l-inizjattiva esklużiva ta' klijent jew kontroparti fl-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 21c(1) u (2).***

***1a. Fergħat ġodda ta' pajjiżi terzi ma għandhomx jibdew l-attivitajiet tagħhom fi Stat Membru qabel ma l-ABE u l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz ma jkunu kkonkludew Memorandum ta' Qbil ("MtQ"). Il-MtQ għandu jipprovdi qafas ċar ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni għas-superviżjoni kontinwa, l-immaniġġjar tal-kriżijiet u r-riżoluzzjoni tagħhom.***

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' fergħat ta' pajjiżi terzi jkunu akkumpanjati minn programm ta' operazzjonijiet li jistabbilixxi n-negozju previst, l-attivitajiet li jkunu se jitwettqu minn fost dawk imsemmijin fl-Artikolu 47(1) u l-organizzazzjoni strutturali u l-kontrolli tar-riskju tal-fergħa fl-Istat Membru rilevanti f'konformità mal-Artikolu 48h.

3. Il-fergħat ta' pajjiżi terzi għandhom jiġu awtorizzati biss meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-fergħa ta' pajjiż terz tissodisfa r-rekwiżiti regolatorji minimi stipulati fis-Subtaqsima 2;

(b) l-attivitajiet li l-impriża prinċipali tfittex awtorizzazzjoni għalihom fl-Istat Membru jkunu koperti mill-awtorizzazzjoni li tali impriża prinċipali jkollha fil-pajjiż terz fejn tkun stabbilita u soġġetta għas-superviżjoni fih;

(c) l-awtorità superviżorja tal-impriża prinċipali fil-pajjiż terz tkun ġiet innotifikata bl-applikazzjoni biex tiġi stabbilita fergħa fl-Istat Membru u bid-dokumenti ta' akkumpanjament imsemmijin fil-paragrafu 2;

(d) l-awtorizzazzjoni tipprevedi li l-fergħa ta' pajjiż terz tista' twettaq biss l-attivitajiet awtorizzati fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita u espressament tipprojbixxi lill-fergħa ta' pajjiż terz milli toffri jew twettaq dawk l-istess attivitajiet fi Stati Membri oħrajn fuq bażi transfruntiera***, għajr għal tranżazzjonijiet ta' finanzjament intragrupp konklużi ma' fergħat ta' pajjiżi***

***terzi oħrajn tal-istess impriża prinċipali u għal tranżazzjonijiet li tidħol fihom abbażi ta' sollecitazzjoni inversa;***

(e) għall-fini tat-twettiq tal-funzjonijiet superviżorji tagħha, l-awtorità kompetenti tkun tista' taċċessa l-informazzjoni neċessarja kollha dwar l-impriża prinċipali tal-fergħa ta' pajjiż terz mill-awtoritajiet superviżorji tagħha u tikkoordina b'mod effettiv l-attivitajiet superviżorji tagħha ma' dawk tal-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiż terz, b'mod partikolari f'perjodi ta' kriżi jew ta' diffikultà finanzjarja li jaffettwaw lill-impriża prinċipali, lill-grupp tagħha jew lis-sistema finanzjarja tal-pajjiż terz;

(f) ma jkun hemm l-ebda raġuni raġonevoli sabiex wieħed jissuspetta li l-fergħa ta' pajjiż terz tkun tintuża sabiex jitwettqu jew jiġu ffaċilitati atti ta' ħasil tal-flus fis-sens tal-Artikolu 1, il-punt 3 tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu jew ta' finanzjament tat-terroriżmu kif definit fl-Artikolu 1, il-punt 5 ta' dik id-Direttiva.

Għall-finijiet tal-punt (e) ta' dan il-paragrafu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimpenjaw ruħhom li jużaw il-mudelli tal-ftehimiet amministrattivi żviluppati mill-ABE f'konformità mal-Artikolu 33(5) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

4. Għall-finijiet tal-valutazzjoni ta' jekk tkunx ġiet issodisfata l-kundizzjoni stipulata fil-paragrafu 3, il-punt (f), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw lill-awtorità responsabbli għas-superviżjoni tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus fl-Istat Membru f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849 u jiksbu konferma bil-miktub li l-kundizzjoni ġiet issodisfata qabel ma jipproċedu bl-awtorizzazzjoni tal-fergħa ta' pajjiż terz.

5. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ulterjorment:

(a) l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti mal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' fergħa ta' pajjiż terz, inklużi l-programm tal-operazzjonijiet u l-organizzazzjoni strutturali u l-arranġamenti ta' governanza msemmijin fil-paragrafu 2;

(b) il-proċedura għall-awtorizzazzjoni tal-fergħa ta' pajjiż terz, kif ukoll il-formoli u l-mudelli standard għall-għoti tal-informazzjoni msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu;

(c) il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni msemmijin fil-paragrafu 3***;***

***(ca) il-kundizzjonijiet li skonthom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddependu fuq informazzjoni li tkun diġà ġiet ipprovduta fil-proċess ta' kwalunkwe awtorizzazzjoni preċedenti ta' fergħa.***

L-ABE għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin f'dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 48d*

**Kundizzjonijiet għar-rifjut jew għall-irtirar ta' awtorizzazzjoni ta' fergħa ta' pajjiż terz**

1. Bħala minimu, l-Istati Membri għandhom jipprevedu l-kundizzjonijiet li ġejjin għar-rifjut jew għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni ta' fergħa ta' pajjiż terz:

(a) il-fergħa ta' pajjiż terz ma tkunx tissodisfa r-rekwiżiti għall-awtorizzazzjoni stipulati fl-Artikolu 48c jew fid-dritt nazzjonali;

(b) l-impriża prinċipali tal-fergħa ta' pajjiż terz jew il-grupp tagħha ma jissodisfawx ir-rekwiżiti prudenzjali li japplikaw għalihom skont il-liġi tal-pajjiż terz jew ikun hemm raġunijiet raġonevoli sabiex wieħed jissuspetta li ma jissodisfawx jew li se jiksru dawk ir-rekwiżiti matul it-12-il xahar segwenti.

Għall-finijiet tal-punt (b) ta' dan il-paragrafu, il-fergħat ta' pajjiżi terzi għandhom jinnotifikaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom meta jkunu seħħew iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dak il-punt.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni mogħtija lil fergħa ta' pajjiż terz meta tiġi ssodisfata kwalunkwe kundizzjoni minn dawn li ġejjin:

(a) il-fergħa ta' pajjiż terz ma tagħmilx użu mill-awtorizzazzjoni fi żmien 12-il xahar, tirrinunzja espressament l-awtorizzazzjoni jew ma tkunx baqgħet twettaq negozju għal aktar minn sitt xhur, dment li l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx għamel dispożizzjoni biex l-awtorizzazzjoni tiskadi f'tali każijiet;

(b) il-fergħa ta' pajjiż terz tkun kisbet l-awtorizzazzjoni permezz ta' dikjarazzjonijiet foloz jew bi kwalunkwe mezz irregolari ieħor;

(c) il-fergħa ta' pajjiż terz ma tkunx għadha tissodisfa kwalunkwe kundizzjoni jew rekwiżit addizzjonali li skonthom tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni;

(d) il-fergħa ta' pajjiż terz ma tkunx tista' tibqa' tiġi fdata li se tissodisfa l-obbligi tagħha fir-rigward tal-kredituri tagħha, u, b'mod partikolari, ma tibqax tipprovdi garanzija għall-assi fdati lilha mid-depożitanti tagħha;

(e) il-fergħa ta' pajjiż terz tkun taqa' f'wieħed mill-każijiet l-oħrajn li fihom id-dritt nazzjonali jipprevedi l-irtirar ta' awtorizzazzjoni;

(f) il-fergħa ta' pajjiż terz twettaq xi ksur imsemmi fl-Artikolu 67(1);

(g) ikun hemm raġunijiet raġonevoli sabiex wieħed jissuspetta li jkun qed jitwettaq jew twettaq jew sar tentattiv sabiex jitwettaq ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu b'rabta mal-fergħa ta' pajjiż terz, mal-impriża prinċipali tagħha jew mal-grupp tagħha, jew ikun hemm riskju akbar li jitwettaq jew li jsir tentattiv sabiex jitwettaq ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu b'rabta mal-fergħa ta' pajjiż terz, mal-impriża prinċipali tagħha jew mal-grupp tagħha.

3. Għall-finijiet tal-valutazzjoni ta' jekk tkunx issodisfata l-kundizzjoni stipulata fil-paragrafu 2(g), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw lill-awtorità responsabbli għas-superviżjoni tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus fl-Istat Membru f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika:

(a) il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 1 u 2 għar-rifjut jew għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni ta' fergħa ta' pajjiż terz;

(b) il-proċedura sabiex tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni ta' fergħa ta' pajjiż terz;

(c) il-kontenut u l-proċess tan-notifika lill-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-aħħar subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin f'dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

## SUBTAQSIMA 2
## REKWIŻITI REGOLATORJI MINIMI

*Artikolu 48e*

**Rekwiżit ta' allokazzjoni kapitali**

1. Mingħajr preġudizzju għal rekwiżiti ta' kapital applikabbli oħrajn f'konformità mad-dritt nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-fergħat ta' pajjiżi terzi jżommu f'kull ħin allokazzjoni kapitali minima li tkun tal-anqas ugwali għal:

(a) għal fergħat ta' pajjiżi terzi tal-Klassi 1, ***3 %*** tal-obbligazzjonijiet medji tal-fergħa kif irrappurtati għat-tliet perjodi ta' rappurtar annwali immedjatament preċedenti f'konformità mas-Subtaqsima 4, soġġetti għal minimu ta' EUR 10 miljun;

(b) għal fergħat ta' pajjiżi terzi tal-Klassi 2, ***0,5 % tal-obbligazzjonijiet medji tal-fergħa kif irrappurtati għat-tliet perjodi ta' rappurtar annwali immedjatament preċedenti f'konformità mas-Subtaqsima 4, soġġetti għal minimu ta'*** EUR 5 miljun.

2. Il-fergħat ta' pajjiżi terzi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżit minimu ta' allokazzjoni kapitali msemmi fil-paragrafu 1 b'assi fil-forma ta' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) flus jew strumenti assimilati ta' flus;

(b) titoli ta' dejn maħruġin minn gvernijiet ċentrali jew minn banek ċentrali tal-Istati Membri tal-Unjoni; jew

(c) kwalunkwe strument ieħor li jkun disponibbli għall-fergħa ta' pajjiż terz għal użu mhux ristrett u immedjat sabiex ikopri r-riskji jew it-telf malli jseħħ.

3. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-fergħat ta' pajjiżi terzi jiddepożitaw l-istrumenti ta' allokazzjoni kapitali msemmijin fil-paragrafu 2 f'kont miżmum minn terzi ma' istituzzjoni ta' kreditu fl-Istat Membru fejn tkun awtorizzata l-fergħa jew, fejn permess skont id-dritt nazzjonali, mal-bank ċentrali tal-Istat Membru. L-istrumenti ta' allokazzjoni kapitali depożitati fil-kont miżmum minn terzi għandhom jiġu mirhuna jew assenjati permezz ta' garanzija favur l-awtorità ta' riżoluzzjoni sabiex jiġu żgurati l-pretensjonijiet tal-kredituri tal-fergħa ta' pajjiż terz. L-Istati Membri għandhom jistipulaw regoli sabiex jagħtu lill-awtorità ta' riżoluzzjoni s-setgħa li taġixxi f'kapaċità ta' fiduċjarju għall-benefiċċju ta' dawk il-kredituri għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 48g.

4. L-ABE għandha toħroġ linji gwida f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, sabiex tispeċifika r-rekwiżit stipulat fil-paragrafu 2, il-punt (c) ta' dan l-Artikolu fir-rigward ta' strumenti li huma disponibbli għal użu mhux ristrett u immedjat sabiex ikopru r-riskji jew it-telf hekk kif iseħħ. L-ABE għandha toħroġ dawk il-linji gwida sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

*Artikolu 48f*

**Rekwiżiti tal-likwidità**

1. Mingħajr preġudizzju għal rekwiżiti applikabbli oħrajn tal-likwidità f'konformità mad-dritt nazzjonali, l-Istati Membri għandhom tal-anqas jirrikjedu li l-fergħat ta' pajjiżi terzi jżommu f'kull ħin volum ta' assi mhux gravati u likwidi suffiċjenti sabiex ikopru l-flussi tal-ħruġ ta' likwidità fuq perjodu minimu ta' 30 jum.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-fergħat ta' pajjiżi terzi tal-Klassi 1 jikkonformaw mar-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità stipulat fit-Titolu I tal-Parti Sitta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/61[*9].

3. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-fergħat ta' pajjiżi terzi jiddepożitaw l-assi likwidi miżmuma sabiex jikkonformaw ma' dan l-Artikolu f'kont miżmum minn terzi ma' istituzzjoni ta' kreditu fl-Istat Membru fejn tkun awtorizzata l-fergħa jew, fejn permess skont id-dritt nazzjonali, mal-bank ċentrali tal-Istat Membru. L-assi likwidi depożitati fil-kont miżmum minn terzi għandhom jiġu mirhuna jew assenjati permezz ta' garanzija favur l-awtorità ta' riżoluzzjoni biex jiġu żgurati l-pretensjonijiet tal-kredituri tal-fergħa ta' pajjiż terz. L-Istati Membri għandhom jistipulaw regoli sabiex jagħtu lill-awtorità ta' riżoluzzjoni s-setgħa li taġixxi f'kapaċità ta' fiduċjarju għall-benefiċċju ta' dawk il-kredituri għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 48g.

4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunzjaw ir-rekwiżit tal-likwidità stipulat f'dan l-Artikolu għal fergħat ta' pajjiżi terzi kwalifikanti.

---

[*9] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (ĠU L 11, 17.1.2015, p. 1).

*Artikolu 48g*

**Insolvenza u riżoluzzjoni ta' fergħat ta' pajjiżi terzi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-każ ta' insolvenza jew ta' riżoluzzjoni ta' fergħa ta' pajjiż terz skont l-Artikolu 96 tad-Direttiva 2014/59/UE, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jiġu vestiti b'setgħa u b'awtorità legali sabiex jinfurzaw is-sigurtà maħluqa fuq l-assi likwidi u fuq l-istrumenti ta' allokazzjoni kapitali miżmumin fil-kont miżmum minn terzi persuni skont l-Artikolu 48e(3) u 48f(3) ta' din id-Direttiva. Meta jittrattaw dawk l-assi likwidi u l-istrumenti ta' allokazzjoni kapitali wara l-infurzar tat-titolu, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom iqisu r-regoli nazzjonali eżistenti, kif ukoll is-setgħat superviżorji u ġudizzjarji, u jiżguraw koordinazzjoni adegwata mal-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji nazzjonali, f'konformità mal-liġi nazzjonali dwar l-insolvenza u mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 96 tad-Direttiva 2014/59/UE, kif ikun xieraq.

2. Kull surplus ta' assi likwidi jew ta' strumenti ta' allokazzjoni kapitali miżmumin fil-kont miżmum minn terzi persuni u mhux użati f'konformità mal-paragrafu 1 għandu jiġi ttrattat f'konformità mad-dritt nazzjonali applikabbli.

*Artikolu 48h*
*Governanza interna u kontrolli tar-riskju*

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-fergħat ta' pajjiżi terzi jkollhom tal-anqas żewġ persuni li effettivament imexxu n-negozju tagħhom fl-Istat Membru soġġetti għall-approvazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti. Dawn il-persuni għandhom ikunu ta' reputazzjoni tajba u jkollhom għarfien, ħiliet u esperjenza suffiċjenti u jimpenjaw biżżejjed żmien għat-twettiq ta' dmirijiethom.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-fergħat ta' pajjiżi terzi tal-Klassi 1 jikkonformaw mal-Artikoli 74 u 75 u mal-Artikolu 76(5). L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-fergħat ta' pajjiżi terzi jistabbilixxu kumitat ta' ġestjoni lokali sabiex jiżguraw governanza adegwata tal-fergħa.

3. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-fergħat ta' pajjiżi terzi tal-Klassi 2 jikkonformaw mal-Artikoli 74 u 75 u li jkollhom funzjonijiet ta' kontroll intern kif previsti fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet subparagrafi tal-Artikolu 76(5).

Skont id-daqs, l-organizzazzjoni interna u n-natura, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-fergħat ta' pajjiżi terzi tal-Klassi 2 jaħtru kapijiet ta' funzjonijiet ta' kontroll intern kif previst fir-raba' u fil-ħames subparagrafi tal-Artikolu 76(5).

4. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-fergħat ta' pajjiżi terzi jistabbilixxu linji ta' rappurtar lill-korp ta' ġestjoni tal-impriża prinċipali li jkopru r-riskji materjali u l-politiki kollha ta' ġestjoni tar-riskji u l-bidliet fihom u li jkollhom fis-seħħ sistemi u kontrolli adegwati tal-ICT biex jiżguraw li l-politiki jiġu rrispettati kif xieraq.

5. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-fergħat ta' pajjiżi terzi jimmonitorjaw u jimmaniġġjaw l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tagħhom, u jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikollhom aċċess sħiħ għall-informazzjoni kollha li jeħtieġu sabiex jissodisfaw il-funzjoni superviżorja tagħhom.

6. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-fergħat ta' pajjiżi terzi li jinvolvu rwieħhom f'operazzjonijiet back-to-back jew intragrupp ikollhom riżorsi adegwati sabiex jidentifikaw u jimmaniġġjaw kif xieraq ir-riskju ta' kreditu tal-kontroparti tagħhom meta r-riskji materjali assoċjati mal-assi rreġistrati fil-kotba mill-fergħa ta' pajjiż terz jiġu ttrasferiti lill-kontroparti.

7. Meta funzjonijiet kritiċi jew importanti jiġu ddelegati lill-impriża prinċipali, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli mis-superviżjoni ta' fergħat ta' pajjiżi terzi għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni kollha li jkunu jeħtieġu sabiex iwettqu l-funzjoni superviżorja tagħhom.

8. L-awtoritajiet kompetenti għandhom perjodikament jirrikjedu li terza persuna indipendenti tivvaluta l-implimentazzjoni u l-konformità kontinwa mar-rekwiżiti stipulati f'dan l-Artikolu u tindirizza rapport lill-awtorità kompetenti bis-sejbiet u bil-konklużjonijiet tagħha.

9. L-ABE għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, dwar l-applikazzjoni tal-arranġamenti, tal-proċessi u tal-mekkanizmi msemmijin fl-Artikolu 74(1) għal fergħat ta' pajjiżi terzi, filwaqt li tqis l-Artikolu 74(2), u dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 75 u tal-Artikolu 76(5) għal fergħat

ta' pajjiżi terzi, sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

*Artikolu 48i*

**Rekwiżiti ta' reġistrazzjoni fil-kotba**

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-fergħat ta' pajjiżi terzi jżommu reġistru li jippermetti lil dawk il-fergħat jintraċċaw u jżommu rekord komprensiv u preċiż tal-assi u tal-obbligazzjonijiet kollha ***li oriġinaw mill-attivitajiet*** tal-fergħa ta' pajjiż terz fl-Istat Membru ***u assoċjati ma' tali attivitajiet*** u jimmaniġġjaw dawk l-assi u l-obbligazzjonijiet b'mod awtonomu fil-fergħa. Ir-reġistru għandu jipprovdi ***l-informazzjoni kollha meħtieġa u*** suffiċjenti dwar ir-riskji ġġenerati mill-fergħa tal-pajjiż terz u dwar kif jiġu mmaniġġjati.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-fergħat ta' pajjiż terz jiżviluppaw politiki dwar l-arranġamenti ta' reġistrazzjoni fil-kotba għall-ġestjoni tar-reġistru msemmi fil-paragrafu 1 għall-finijiet stipulati fih. Dawk il-politiki għandhom jiġu ddokumentati u vvalidati mill-korp ta' tmexxija rilevanti tal-impriża prinċipali tal-fergħa ta' pajjiż terz. Id-dokument ta' politika msemmi f'dan il-paragrafu għandu jipprovdi raġunament ċar għall-arranġamenti ta' reġistrazzjoni fil-kotba u jistabbilixxi kif dawk l-arranġamenti jallinjaw mal-istrateġija ta' negozju tal-fergħa ta' pajjiż terz.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikjedu li opinjoni indipendenti bil-miktub u motivata dwar l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stipulati f'dan l-Artikolu u l-konformità kontinwa magħhom titħejja u tiġi indirizzata regolarment lill-awtorità kompetenti bis-sejbiet u bil-konklużjonijiet tagħha.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-arranġamenti ta' reġistrazzjoni fil-kotba li l-fergħat ta' pajjiżi terzi għandhom japplikaw għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, b'mod partikolari rigward:

(a) il-metodoloġija li għandha tintuża mill-fergħa ta' pajjiż terz sabiex tidentifika u żżomm rekord komprensiv u preċiż tal-assi u tal-obbligazzjonijiet assoċjati mal-attivitajiet tal-fergħa ta' pajjiż terz fl-Istat Membru; u

(b) it-trattament speċifiku biex jiġi identifikat u jinżamm rekord tal-assi u tal-obbligazzjonijiet li joriġinaw mill-fergħa ta' pajjiż terz u rreġistrati fil-kotba jew miżmumin mill-bogħod f'fergħat jew f'sussidjarji oħrajn tal-istess grupp f'isem il-fergħa oriġinarja ta' pajjiż terz jew għall-benefiċċju tagħha.

L-ABE għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

## SUBTAQSIMA 3
## SETGĦA LI TKUN MEĦTIEĠA AWTORIZZAZZJONI SKONT IT-TITOLU III U R-REKWIŻITI DWAR IL-FERGĦAT SISTEMIĊI

*Artikolu 48j*

### Setgħa li jkun meħtieġ l-istabbiliment ta' sussidjarja

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li jirrikjedu li fergħat ta' pajjiżi terzi japplikaw għall-awtorizzazzjoni skont it-Titolu III, il-Kapitolu 1, tal-anqas meta:

(a) il-fergħa ta' pajjiż terz kienet involuta fil-passat jew tkun involuta fil-preżent ***fit-twettiq tal-attivitajiet*** imsemmijin fl-Artikolu 47(1) ma' klijenti jew ma' kontropartijiet fi Stati Membri oħrajn ***jew ma' fergħat ta' pajjiżi terzi jew ma' istituzzjonijiet sussidjarji oħrajn tal-istess grupp*** ▌bi ksur ***tal-Artikolu 48c(2)(d)***; jew

(b) il-fergħa ta' pajjiż terz tissodisfa l-indikaturi ta' importanza sistemika msemmijin fl-Artikolu 131(3) ***jew*** toħloq ▌***riskji*** sinifikanti għall-istabbiltà finanzjarja***; jew***

***(ba) l-ammont aggregat ta' assi li fergħa jew fergħat ta' pajjiżi terzi fl-Unjoni li jappartjenu għall-istess grupp iżommu fil-kotba tagħhom fl-Unjoni kif irrappurtat skont is-Subtaqsima 4 huwa ta' EUR 40 biljun jew aktar.***

2. Qabel ma jieħdu d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn il-grupp ta' pajjiż terz rilevanti ***jkun stabbilixxa*** fergħat ta' pajjiż terz ***jew*** istituzzjonijiet sussidjarji oħrajn.

Meta ma jaqblux, l-awtoritajiet kompetenti tal-grupp ta' pajjiż terz fi Stati Membri oħrajn jistgħu jirreferu l-kwistjoni lill-ABE għall-medjazzjoni f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. L-ABE għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar minn meta tiġi riferuta l-kwistjoni u l-awtorità kompetenti tal-fergħa rilevanti ta' pajjiż terz għandha toqgħod lura milli tieħu d-deċiżjoni tagħha matul dak iż-żmien.

L-awtorità kompetenti tal-fergħa rilevanti ta' pajjiż terz għandha tadotta d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 f'konformità mad-deċiżjoni tal-ABE.

▌

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-indikaturi ta' importanza sistemika msemmija fl-Artikolu 131(3) fir-rigward ta' fergħat ta' pajjiż terz għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 48k. L-ABE għandha tqis il-punti li ġejjin:

***(-a) id-daqs tal-fergħa ta' pajjiż terz;***

(a) it-tipi ta' attivitajiet u ta' servizzi pprovduti u l-operazzjonijiet li jkunu qed jitwettqu mill-fergħa ta' pajjiż terz u, b'mod partikolari, jekk il-fergħa ta' pajjiż terz tipprovdix dawk l-attivitajiet u s-servizzi u twettaqx dawk l-operazzjonijiet ma' sett ristrett ħafna ta' klijenti jew ta' kontropartijiet;

(b) il-kumplessità tal-istruttura, tal-organizzazzjoni u tal-mudell ta' negozju tal-fergħa ta' pajjiż terz;

(c) il-grad ta' interkonnettività tal-fergħa ta' pajjiż terz mas-sistema finanzjarja tal-Unjoni u tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita;

(d) is-sostitwibbiltà tal-attivitajiet, tas-servizzi jew tal-operazzjonijiet imwettqin jew tal-infrastruttura finanzjarja pprovduta mill-fergħa ta' pajjiż terz;

(e) is-sehem mis-suq tal-fergħa ta' pajjiż terz fl-Unjoni u fl-Istati Membri fejn tkun stabbilita fir-rigward tal-assi bankarji totali u fir-rigward tal-attivitajiet u tas-servizzi li tipprovdi u tal-operazzjonijiet li twettaq;

(f) l-impatt probabbli li sospensjoni jew għeluq tal-operazzjonijiet jew tan-negozju tal-fergħa ta' pajjiż terz jista' jkollu fuq il-likwidità sistemika jew fuq is-sistemi ta' pagament, ta' kklerjar u ta' saldu fl-Unjoni u fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita;

(g) l-impatt probabbli li sospensjoni jew għeluq tal-operazzjonijiet tal-fergħa ta' pajjiż terz jista' jkollu fuq ftehimiet ta' finanzjament intragrupp jew fuq servizzi intragrupp li jkopru funzjonijiet kritiċi fl-Unjoni u fl-Istati Membri fejn tkun stabbilita;

(h) l-attività transfruntiera tal-fergħa ta' pajjiż terz mal-impriża prinċipali tagħha u mal-kontropartijiet f'pajjiżi terzi oħrajn;

(i) ir-rwol u l-importanza tal-fergħa tal-pajjiż terz għall-attivitajiet, għas-servizzi u għall-operazzjonijiet tal-grupp ta' pajjiż terz fl-Unjoni u fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita;

(j) il-volum tan-negozju tal-grupp ta' pajjiż terz li jkun qed jitwettaq permezz ta' fergħat ta' pajjiżi terzi, meta mqabbel man-negozju ta' dak l-istess grupp imwettaq permezz ta' istituzzjonijiet sussidjarji awtorizzati fl-Unjoni u fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti l-fergħat ta' pajjiżi terzi;

(k) meta l-fergħa ta' pajjiż terz tkunx fergħa ta' pajjiż terz kwalifikanti f'konformità mal-Artikolu 48b.

L-ABE għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 48k*

***Valutazzjoni konġunta ta' fergħat sistemiċi ta' pajjiżi terzi***

1. ***Il-valutazzjoni konġunta stipulata f'dan l-Artikolu għandha titwettaq fuq*** il-fergħat ta' ▌***pajjiżi terzi*** ▌ ***tal-istess*** grupp ta' pajjiż terz meta ***jkunu stabbiliti f'żewġ Stati Membri jew aktar u jżommu l-assi f'ammont*** aggregat ▌kif irrappurtat f'konformità mas-Subtaqsima 4 ikun ta' EUR ***40*** biljun jew aktar, jew:

(a) bħala medja għat-tliet perjodi ta' rappurtar annwali immedjatament preċedenti; jew

(b) f'termini assoluti għal tal-anqas tliet perjodi ta' rappurtar annwali matul il-ħames perjodi ta' rappurtar annwali immedjatament preċedenti.

***Il-limitu tal-assi msemmi fl-ewwel subparagrafu ma għandux jinkludi l-assi miżmuma mill-fergħa ta' pajjiż terz b'rabta mal-operazzjonijiet tas-suq tal-bank ċentrali li jsiru mal-banek ċentrali tas-SEBĊ.***

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-fergħat ta' pajjiżi terzi ▌għandhomx importanza sistemika ***u jekk joħolqux riskji sinifikanti għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew*** għall-Istati Membri▌. Għal dawk il-finijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom***, b'mod partikolari, iqisu*** l-indikaturi ta' importanza sistemika msemmijin fl-Artikolu 48j(4) u fl-Artikolu 131(3).

3. Il-valutazzjoni ▌ msemmija fil-paragrafu 2 ▌għandha titwettaq ***mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri meta l-grupp ta' pajjiż terz rilevanti jkun stabbilixxa l-fergħat ta' pajjiżi terzi u l-istituzzjonijiet sussidjarji (l-"awtoritajiet kompetenti kkonċernati"). Il-valutazzjoni għandha titmexxa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru meta tkun stabbilita l-akbar fergħa ta' pajjiż terz skont id-daqs tal-assi (l-"awtorità kompetenti prinċipali").***

▌

L- ▌"awtorità kompetenti prinċipali" ▌għandha twettaq il-valutazzjoni f'kooperazzjoni sħiħa mal-awtoritajiet kompetenti kollha kkonċernati. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jassistu u jipprovdu d-dokumentazzjoni neċessarja kollha lill-awtorità kompetenti prinċipali. ▌L-awtorità kompetenti prinċipali ▌għandha tisma' lill-grupp ta' pajjiż terz u għandha tistabbilixxi perjodi ta' żmien raġonevoli sabiex il-grupp ta' pajjiż terz jippreżenta dokumentazzjoni u jagħmel il-fehmiet tiegħu magħrufin bil-miktub.

4. L-awtorità kompetenti prinċipali għandha ***tibgħat abbozz ta' valutazzjoni tal-kwistjonijiet*** imsemmijin fil-paragrafu 2 ***lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati*** sa mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tal-bidu tal-perjodu ta' rappurtar annwali immedjatament wara l-aħħar perjodu ta' rappurtar li wassal għall-obbligu li titwettaq il-valutazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1. ***Il-valutazzjoni għandha titwettaq kull sentejn minn hemm'il quddiem.***

***Fejn xieraq biex jiġu indirizzati r-riskji identifikati fl-abbozz tal-valutazzjoni, l-awtorità kompetenti prinċipali tista' tirrakkomanda li l-fergħat ta' pajjiżi terzi jkunu soġġetti għal rekwiżiti mmirati li jistgħu jinkludu:***

***(a) l-obbligu ta' ristrutturar tal-assi jew tal-attivitajiet tagħhom fl-Unjoni b'tali mod li ma jibqgħux jikkwalifikaw bħala sistemiċi f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jew li ma jibqgħux joħolqu riskju mhux dovut għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni; jew***

***(b) rekwiżiti prudenzjali addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 48p.***

▌

5.▌ L-awtorità kompetenti prinċipali u l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jagħmlu ħilithom kollha sabiex jilħqu deċiżjoni konġunta b'kunsens dwar ***l-abbozz ta' rapport*** u, fejn applikabbli, ***dwar ir-rekwiżiti mmirati msemmijin fil-***

***paragrafu 4 sa mhux aktar tard minn*** tliet xhur mid-data li fiha jkun intbagħat ***l-abbozz ta' rapport*** mill-awtorità kompetenti prinċipali lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati.

***Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta*** wara t-tmiem tal-perjodu ta' tliet xhur imsemmi fl-ewwel subparagrafu, ***kwalunkwe awtorità kompetenti kkonċernata tista' tirreferi l-kwistjoni lill-ABE għal medjazzjoni f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. L-ABE*** għandha ***tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar mir-riferiment u l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jadottaw id-deċiżjoni konġunta msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mad-deċiżjoni tal-ABE.***

▌

6. Il-fergħat ta' pajjiżi terzi għandu jkollhom perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni f'konformità mal-paragrafu 5 jew 6 sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati f'dik id-deċiżjoni.

Meta l-fergħat ta' pajjiżi terzi jkunu meħtieġa japplikaw għall-awtorizzazzjoni bħala istituzzjonijiet f'konformità mat-Titolu III, il-Kapitolu 1, l-awtorizzazzjoni tagħhom skont dan it-Titolu għandha tibqa' valida fuq bażi interim sakemm tintlaħaq l-iskadenza msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jew, skont kif ikun il-każ, sakemm jitlesta l-proċess ta' awtorizzazzjoni bħala istituzzjonijiet. Il-fergħat ta' pajjiżi terzi jistgħu jitolbu lill-awtorità kompetenti testendi l-iskadenza ta' tliet xhur imsemmija fl-ewwel subparagrafu meta jkunu jistgħu jiġġustifikaw il-ħtieġa ta' tali skadenza estiża sabiex jikkonformaw mar-rekwiżit rilevanti impost fuqhom.

Meta l-limitu msemmi fil-paragrafu 1 jiġi ssodisfat bl-aggregazzjoni tal-assi ta' diversi fergħat, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu r-rekwiżit imsemmi f'dan is-subparagrafu fit-tnaqqis tad-daqs tal-assi sal-punt li fih l-assi totali li jifdal fil-kotba tal-fergħat ta' pajjiżi terzi fl-Unjoni jkunu anqas minn EUR 30 biljun.

7. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika r-regoli tal-kostruzzjoni għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 111 ta' din id-Direttiva għall-finijiet tad-determinazzjoni tas-superviżur konsolidat ipotetiku kif imsemmi fil-paragrafu 3, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu.

L-ABE għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

## SUBTAQSIMA 4
## REKWIŻITI TA' RAPPURTAR

*Artikolu 48l*

**Informazzjoni regolatorja, finanzjarja u dwar l-impriża prinċipali**

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-fergħat ta' pajjiżi terzi jirrappurtaw perjodikament lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom informazzjoni dwar:

(a) l-assi u l-obbligazzjonijiet miżmumin fil-kotba tagħhom f'konformità mal-Artikolu 48i ***jew li oriġinaw mill-fergħa ta' pajjiż terz***, b'diżaggregazzjoni li tidentifika:

(i) l-akbar assi u obbligazzjonijiet irreġistrati kklassifikati skont is-settur u t-tip ta' kontroparti (inklużi, b'mod partikolari, l-iskoperturi tas-settur finanzjarju);

(ii) konċentrazzjonijiet sinifikanti ta' skoperturi u ta' sorsi ta' finanzjament għal tipi speċifikati ta' kontropartijiet;

(iii) tranżazzjonijiet interni sinifikanti mal-impriża prinċipali u mal-membri tal-grupp tal-impriża prinċipali;

(b) il-konformità tal-fergħa ta' pajjiż terz mar-rekwiżiti li japplikaw għaliha skont din id-Direttiva;

(c) fuq bażi *ad hoc*, l-arranġamenti għall-protezzjoni tad-depożiti disponibbli għad-depożitanti fil-fergħa ta' pajjiż terz f'konformità mal-Artikolu 15(2) u (3) tad-Direttiva 2014/49;

(d) rekwiżiti regolatorji addizzjonali imposti fuq il-fergħa ta' pajjiż terz mill-Istati Membri skont id-dritt nazzjonali.

Għall-finijiet tar-rappurtar tal-informazzjoni dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet miżmumin fil-kotba tagħhom f'konformità mal-punt (a), il-fergħat ta' pajjiżi terzi għandhom japplikaw l-istandards kontabilistiċi internazzjonali adottati f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002*[10] jew il-GAAP applikabbli fl-Istat Membru.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-fergħat ta' pajjiżi terzi jirrappurtaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom l-informazzjoni li ġejja dwar l-impriża prinċipali tagħhom:

(a) fuq bażi perjodika, informazzjoni aggregata dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet miżmumin jew irreġistrati, rispettivament, mis-sussidjarji u minn fergħat oħrajn ta' pajjiżi terzi tal-grupp ta' dik l-impriża prinċipali fl-Unjoni;

(b) fuq bażi perjodika, il-konformità tal-impriża prinċipali mar-rekwiżiti prudenzjali applikabbli tagħha fuq bażi individwali u konsolidata;

(c) fuq bażi *ad hoc*, rieżamijiet u valutazzjonijiet superviżorji sinifikanti meta dawn jitwettqu fuq l-impriża prinċipali u d-deċiżjonijiet superviżorji konsegwenti;

(d) il-pjanijiet ta' rkupru tal-impriża prinċipali u l-miżuri speċifiċi li jistgħu jittieħdu fuq il-fergħa ta' pajjiż terz f'konformità ma' dawk il-pjanijiet, u kwalunkwe aġġornament u emenda sussegwenti għal dawk il-pjanijiet;

(e) l-istrateġija tan-negozju tal-impriża prinċipali fir-rigward tal-fergħa ta' pajjiż terz, u kwalunkwe bidla sussegwenti għal dik l-istrateġija;

(f) is-servizzi pprovduti mill-impriża prinċipali lil kontropartijiet eliġibbli jew lil klijenti professjonali fis-sens tat-Taqsima 1 tal-Anness II tad-Direttiva 2014/65/UE stabbiliti jew li jinsabu fl-Unjoni fuq il-bażi ta' solleċitazzjoni inversa ta' servizzi f'konformità mal-Artikolu 21c ta' din id-Direttiva***;***

***(fa) is-servizzi ta' investiment transfruntiera pprovduti direttament fl-Unjoni mill-impriża prinċipali u mis-sussidjarji tal-impriża prinċipali stabbiliti f'pajjiż terz, u s-servizzi ta' investiment li jiġu pprovduti fl-Unjoni mill-impriża prinċipali stabbilita f'pajjiż terz abbażi ta' sollecitazzjoni inversa.***

3. Ir-rekwiżiti ta' rappurtar stipulati f'dan l-Artikolu ma għandhomx jipprevjenu lill-awtoritajiet kompetenti milli jimponu rekwiżiti ta' rappurtar *ad hoc* addizzjonali fuq fergħat ta' pajjiżi terzi meta l-awtorità kompetenti tqis l-informazzjoni addizzjonali bħala neċessarja biex tikseb stampa komprensiva tan-negozju, tal-attivitajiet jew tas-solidità finanzjarja tal-fergħa jew tal-impriża prinċipali tagħha, tivverifika l-konformità tal-fergħa u tal-impriża prinċipali tagħha mal-liġijiet applikabbli u tiżgura l-konformità tal-fergħa ma' dawk il-liġijiet.

***3a. L-awtoritajiet kompetenti ta' fergħat ta' pajjiżi terzi għandhom jikkondividu, mal-awtoritajiet kompetenti tas-sussidjarji tal-Unjoni tal-istess gruppi ta' pajjiżi terzi, l-informazzjoni miksuba f'konformità mal-Artikolu 48l(1) u (2).***

________

*10 Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità (ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1)."

*Artikolu 48m*

***Formoli u mudelli standard u frekwenza tar-rappurtar***

1. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika l-formati, id-definizzjonijiet, is-soluzzjonijiet tal-IT u l-frekwenza tar-rappurtar uniformi li għandhom jiġu applikati għall-finijiet tal-Artikolu 48l.

Ir-rekwiżiti ta' rappurtar imsemmijin fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu proporzjonati għall-klassifikazzjoni ta' fergħat ta' pajjiżi terzi bħala jew tal-Klassi 1 jew tal-Klassi 2.

L-ABE għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Is-setgħa hija mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

2. L-informazzjoni regolatorja u finanzjarja msemmija f'dan l-Artikolu għandha tiġi rrappurtata tal-anqas darbtejn fis-sena mill-fergħat ta' pajjiżi terzi tal-Klassi 1 u tal-anqas darba fis-sena mill-fergħat ta' pajjiżi terzi tal-Klassi 2.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunzjaw ir-rekwiżiti kollha jew parti minnhom għar-rappurtar ta' informazzjoni dwar l-impriża prinċipali stabbilita fil-paragrafu 48l(3) għal fergħat ta' pajjiżi terzi kwalifikanti, dment li l-awtorità kompetenti tkun tista' tikseb l-informazzjoni rilevanti direttament mingħand l-awtoritajiet superviżorji tal-pajjiż terz rilevanti.

## TAQSIMA III

## SUPERVIŻJONI

*Artikolu 48n*

**Superviżjoni ta' fergħat ta' pajjiżi terzi u programm ta' eżami superviżorju**

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-awtoritajiet kompetenti jikkonformaw ma' din it-Taqsima u, *mutatis mutandis*, mat-Titolu VII għall-finijiet tas-superviżjoni ta' fergħat ta' pajjiżi terzi.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkludu fergħat ta' pajjiżi terzi fil-programm ta' eżami superviżorju msemmi fl-Artikolu 99.

*Artikolu 48o*

***Rieżami u evalwazzjoni superviżorji***

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-awtoritajiet kompetenti jirrieżaminaw l-arranġamenti, l-istrateġiji, il-proċessi u l-mekkaniżmi implimentati minn fergħat ta' pajjiżi terzi sabiex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet li japplikaw għalihom skont din id-Direttiva u, fejn applikabbli, kwalunkwe rekwiżit regolatorju addizzjonali skont id-dritt nazzjonali.

2. Fuq il-bażi tar-rieżami mwettaq f'konformità mal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jevalwaw jekk l-arranġamenti, l-istrateġiji, il-proċessi u l-mekkaniżmi implimentati mill-fergħat ta' pajjiżi terzi u l-allokazzjoni kapitali u l-likwidità miżmuma minnhom jiżgurawx ġestjoni u kopertura sodi tar-riskji materjali tagħhom u l-vijabbiltà tal-fergħa.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu r-rieżami u l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif ippubblikat f'konformità mal-Artikolu 143(1), il-punt (c). B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu frekwenza u intensità għar-rieżami msemmi fil-paragrafu 1 li jkunu proporzjonati għall-klassifikazzjoni bħala fergħat ta' pajjiżi terzi tal-Klassijiet 1 u 2 u li jqisu kriterji rilevanti oħrajn, bħan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-fergħat ta' pajjiżi terzi.

4. Meta rieżami, b'mod partikolari l-evalwazzjoni tal-arranġamenti ta' governanza, il-mudell ta' negozju, jew l-attivitajiet ta' fergħa ta' pajjiż terz, jagħti lill-awtoritajiet kompetenti raġunijiet raġonevoli biex jissuspettaw li, b'rabta ma' dik il-fergħa ta' pajjiż terz, ikun qed jitwettaq jew twettaq jew sar tentattiv li jitwettaq ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu, jew li jkun hemm riskju akbar ta' dan, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika minnufih lill-ABE u lill-awtorità li tissorvelja l-fergħa ta' pajjiż terz f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849. Meta jkun hemm riskju akbar ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu, l-awtorità kompetenti u l-awtorità li tissorvelja l-fergħa ta' pajjiż terz f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849 għandhom iżommu kuntatt u jinnotifikaw il-valutazzjoni komuni tagħhom immedjatament lill-ABE. L-awtorità kompetenti għandha tieħu, kif xieraq, miżuri f'konformità ma' din id-Direttiva, li jistgħu jinkludu l-irtirar tal-permess tal-fergħa ta' pajjiż terz f'konformità mal-Artikolu 48d(2), il-punt (g).

5. L-awtoritajiet kompetenti, l-unitajiet tal-intelligence finanzjarja u l-awtoritajiet li jissorveljaw il-fergħat ta' pajjiżi terzi għandhom jikkooperaw mill-qrib ma' xulxin fil-kompetenzi rispettivi tagħhom u għandhom jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti għal din id-Direttiva, dment li tali kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni ma jfixklux investigazzjoni li tkun għaddejja, investigazzjoni jew proċedimenti f'konformità mad-dritt penali jew mal-liġi amministrattiva tal-Istat Membru fejn tkun tinsab l-awtorità kompetenti, l-unità tal-intelligence finanzjarja jew l-awtorità inkarigata bid-dmir pubbliku li tissorvelja l-fergħat ta' pajjiżi terzi. L-ABE tista' tassisti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awtoritajiet responsabbli mis-superviżjoni tal-fergħa ta' pajjiż terz f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849 fil-każ ta' nuqqas ta' qbil dwar il-koordinazzjoni tal-attivitajiet superviżorji skont dan l-Artikolu fuq inizjattiva tagħha stess. F'każ bħal dan, l-ABE għandha taġixxi f'konformità mal-Artikolu 19(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

6. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifika ▌ l-proċeduri u l-metodoloġiji komuni għall-proċess ta' rieżami u ta' evalwazzjoni superviżorji msemmi f'dan l-Artikolu u għall-valutazzjoni tat-trattament tar-riskji materjali**.**

▌

Għall-finijiet tal-punt (a), il-proċeduri u l-metodoloġiji msemmijin fih għandhom jiġu stipulati b'mod li jkun proporzjonat għall-klassifikazzjoni tal-fergħat ta' pajjiżi terzi bħala tal-Klassi 1 jew tal-Klassi 2, u għal kriterji xierqa oħrajn bħan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom.

L-ABE għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

***Artikolu 48oa***
***Standards tekniċi regolatorji dwar il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus.***

***L-ABE għandha, wara li tikkonsulta mal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, toħroġ standards tekniċi regolatorji dwar il-mekkaniżmi għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u:***

***(a) l-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus fl-Istat Membru f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849 fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikoli 27b (2), 48c (4) u 48d (4);***

***(b) l-awtoritajiet imsemmijin fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 48o, fil-kuntest tal-identifikazzjoni ta' ksur serju tar-regoli kontra l-ħasil tal-flus.***

***L-ABE għandha toħroġ dawk l-istandards tekniċi regolatorji sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].***

***Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni li tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.***

*Artikolu 48p*

***Miżuri u setgħat superviżorji***

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikjedu li l-fergħat ta' pajjiż terz jieħdu l-miżuri neċessarji fi stadju bikri sabiex:

(a) jiżguraw li l-fergħat ta' pajjiżi terzi jikkonformaw mar-rekwiżiti li japplikaw għalihom skont din id-Direttiva u skont id-dritt nazzjonali jew sabiex terġa' tinkiseb il-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti; u

(b) jiżguraw li r-riskji materjali li l-fergħat ta' pajjiż terz jkunu skoperti għalihom ikunu koperti u mmaniġġjati b'mod sod u suffiċjenti u li dawk il-fergħat jibqgħu vijabbli.

2. Is-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-paragrafu 1 għandhom jinkludu, tal-anqas, is-setgħa li jirrikjedu li l-fergħat ta' pajjiżi terzi:

a. ikollhom ammont ta' allokazzjoni kapitali li jaqbeż ir-rekwiżiti minimi stipulati fl-Artikolu 48e jew li jikkonformaw ma' rekwiżiti kapitali addizzjonali oħrajn. Kwalunkwe ammont addizzjonali ta' allokazzjoni kapitali li għandu jinżamm mill-fergħa ta' pajjiż terz f'konformità ma' dan il-punt għandu jikkonforma mar-rekwiżit stipulat fl-Artikolu 48e;

(b) jissodisfaw rekwiżiti speċifiċi oħrajn tal-likwidità minbarra r-rekwiżit stipulat fl-Artikolu 48f. Kwalunkwe assi likwidi addizzjonali li għandhom jinżammu mill-fergħa ta' pajjiż terz f'konformità ma' dan il-punt għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 48f;

(c) isaħħu l-governanza, il-kontroll tar-riskju jew l-arranġamenti ta' reġistrazzjoni fil-kotba tagħhom;

(d) jirrestrinġu jew jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tan-negozju tagħhom jew tal-attivitajiet li jwettqu, kif ukoll il-kontropartijiet għal dawk l-attivitajiet;

(e) inaqqsu r-riskju inerenti fl-attivitajiet, fil-prodotti u fis-sistemi tagħhom, inklużi l-attivitajiet esternalizzati, u jieqfu jwettqu jew joffru tali attivitajiet jew prodotti;

(f) jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' rappurtar addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 48l(3) jew iżidu l-frekwenza tar-rappurtar regolari;

(g) jagħmlu divulgazzjonijiet pubbliċi***;***

***(ga) jissospendu l-awtorizzazzjoni mogħtija f'konformità mal-Artikolu 48c u jipprojbixxu t-twettiq ta' negozju ġdid.***

*Artikolu 48q*

***Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-kulleġġi tas-superviżuri***

1. L-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw il-fergħat ta' pajjiżi terzi u l-istituzzjonijiet sussidjarji tal-istess grupp ta' pajjiż terz għandhom jikkooperaw mill-qrib u jaqsmu l-informazzjoni ma' xulxin. L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom fis-seħħ arranġamenti bil-miktub ta' koordinazzjoni u ta' kooperazzjoni f'konformità mal-Artikolu 115.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-fergħat ta' pajjiżi terzi tal-Klassi 1 għandhom ikunu soġġetti għas-superviżjoni komprensiva ta' kulleġġ tas-superviżuri f'konformità mal-Artikolu 116, soġġetti għar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) meta jkun ġie stabbilit kulleġġ ta' superviżuri fir-rigward tal-istituzzjonijiet sussidjarji ta' grupp ta' pajjiż terz, il-fergħat ta' pajjiżi terzi tal-Klassi 1 tal-istess grupp għandhom jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak il-kulleġġ tas-superviżuri;

(b) meta l-grupp ta' pajjiż terz ikollu fergħat ta' pajjiżi terzi tal-Klassi 1 f'aktar minn Stat Membru wieħed iżda l-ebda istituzzjoni sussidjarja fl-Unjoni soġġetta għall-Artikolu 116, għandu jiġi stabbilit kulleġġ tas-superviżuri fir-rigward ta' dawk il-fergħat ta' pajjiżi terzi tal-Klassi 1;

(c) meta l-grupp ta' pajjiż terz ikollu fergħat ta' pajjiżi terzi tal-Klassi 1 f'aktar minn Stat Membru wieħed jew tal-anqas fergħa waħda ta' pajjiż terz tal-Klassi 1, u istituzzjoni sussidjarja waħda jew aktar fl-Unjoni li ma tkunx soġġetta għall-Artikolu 116, għandu jitwaqqaf kulleġġ tas-superviżuri fir-rigward ta' dawk il-fergħat ta' pajjiżi terzi u l-istituzzjonijiet sussidjarji.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punti (b) u (c), għandu jkun hemm awtorità kompetenti prinċipali li twettaq l-istess rwol bħas-superviżur konsolidanti f'konformità mal-Artikolu 116. L-awtorità kompetenti prinċipali għandha tkun dik tal-Istat Membru bl-akbar fergħa ta' pajjiż terz f'termini tal-valur totali tal-assi rreġistrati fil-kotba.

4. Minbarra l-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 116, il-kulleġġi tas-superviżuri għandhom:

(a) iħejju rapport dwar l-istruttura u l-attivitajiet tal-grupp ta' pajjiż terz fl-Unjoni u jaġġornaw dan ir-rapport fuq bażi annwali;

(b) jiskambjaw informazzjoni dwar ir-riżultati tal-proċess ta' rieżami u ta' evalwazzjoni superviżorji msemmi fl-Artikolu 48o;

(c) jagħmlu ħilithom sabiex jallinjaw l-applikazzjoni tal-miżuri u tas-setgħat superviżorji msemmijin fl-Artikolu 48p.

5. Il-kulleġġ tas-superviżuri għandu jiżgura koordinazzjoni u kooperazzjoni xierqa mal-awtoritajiet superviżorji rilevanti ta' pajjiżi terzi, fejn xieraq.

6. L-ABE għandha tikkontribwixxi għall-promozzjoni u għall-monitoraġġ tal-funzjonament effiċjenti, effikaċi u konsistenti tal-kulleġġi tas-superviżuri msemmijin f'dan l-Artikolu f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

7. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifika:

(a) il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u l-abbozzi ta' ftehimiet mudell bejn l-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu; u

(b) il-kundizzjonijiet għall-funzjonament tal-kulleġġi tas-superviżuri għall-finijiet tal-Artikoli minn 2 sa 6 ta' dan l-Artikolu.

L-ABE għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 48r*

***Rappurtar lill-ABE***

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ABE dwar dawn li ġejjin:

(a) l-awtorizzazzjonijiet kollha mogħtijin lil fergħat ta' pajjiżi terzi u kwalunkwe bidla sussegwenti fit-tali awtorizzazzjonijiet;

(b) assi u obbligazzjonijiet totali rreġistrati fil-kotba mill-fergħat awtorizzati ta' pajjiżi terzi, kif irrappurtati perjodikament;

(c) l-isem tal-grupp ta' pajjiż terz li tkun tappartjeni għalih il-fergħa awtorizzata.

L-ABE għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha lista tal-fergħat kollha ta' pajjiżi terzi awtorizzati biex joperaw fl-Unjoni f'konformità ma' dan it-Titolu, li tindika l-Istat Membru fejn ikunu awtorizzati joperaw.

# KAPITOLU 2

# Relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi

*Artikolu 48s*

***Kooperazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi dwar is-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata***

1. L-Unjoni tista' tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiż terz wieħed jew aktar rigward il-mezzi ta' eżerċitar tas-superviżjoni fuq bażi konsolidata fuq dawn li ġejjin:

(a) l-istituzzjonijiet li l-impriżi prinċipali tagħhom ikollhom l-uffiċċji prinċipali tagħhom f'pajjiż terz;

(b) l-istituzzjonijiet li jinsabu f'pajjiżi terzi li l-impriżi prinċipali tagħhom, sew jekk ikunu istituzzjonijiet, kumpaniji azzjonarji finanzjarji jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta, ikollhom l-uffiċċji prinċipali tagħhom fl-Unjoni.

2. Il-ftehimiet imsemmijin fil-paragrafu 1, għandhom, partikolarment, ifittxu li jiżguraw li:

(a) l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jkunu jistgħu jiksbu l-informazzjoni neċessarja għas-superviżjoni, fuq il-bażi tas-sitwazzjonijiet finanzjarji konsolidati tagħhom, tal-istituzzjonijiet, tal-kumpaniji azzjonarji finanzjarji u tal-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta li jkunu jinsabu fl-Unjoni li jkollhom

bħala sussidjarji istituzzjonijiet jew istituzzjonijiet finanzjarji li jkunu jinsabu f'pajjiż terz, jew li jkollhom parteċipazzjoni fihom;

(b) l-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jiksbu l-informazzjoni neċessarja għas-superviżjoni tal-impriżi prinċipali li tal-uffiċċji prinċipali tagħhom ikunu jinsabu fit-territorji tagħhom u li jkollhom bħala sussidjarji istituzzjonijiet jew istituzzjonijiet finanzjarji li jkunu jinsabu f'wieħed mill-Istati Membri jew aktar jew li jkollhom parteċipazzjoni fihom; u

(c) l-ABE tkun tista' tikseb mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri informazzjoni li jkunu rċevew mill-awtoritajiet nazzjonali ta' pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 218 tat-TFUE, il-Kummissjoni għandha, bl-assistenza tal-Kumitat tal-Banek Ewropej, teżamina l-eżitu tan-negozjati msemmijin fil-paragrafu 1 u s-sitwazzjoni li tirriżulta.

4. L-ABE għandha tassisti lill-Kummissjoni għall-finijiet ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.;

***(8a) fl-Artikolu 53(1), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"Informazzjoni kunfidenzjali li tali persuni, awdituri jew esperti jirċievu matul it-twettiq tad-dmirijiet tagħhom tista' tiġi ddivulgata biss f'forma sommarja jew aggregata, hekk li l-istituzzjonijiet ta' kreditu individwali ma jistgħux ikunu identifikati, mingħajr preġudizzju għall-każijiet koperti bid-dritt kriminali jew bid-dritt dwar it-tassazzjoni.";***

***(8b) fl-Artikolu 53, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"2. Il-paragrafu 1 ma għandux iwaqqaf lill-awtoritajiet kompetenti milli jiskambjaw informazzjoni ma' xulxin jew jittrażmettu l-informazzjoni lill-BERS, lill-ABE, jew lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) ("ESMA") stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(1) f'konformità ma' din id-Direttiva, mar-Regolament (UE) Nru 575/2013, mar-Regolament (UE) 2019/2033. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(2), mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, mal-Artikoli 31, 35 u 36 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u mal-Artikoli 31 u 36 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, mad-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(3) u ma' direttivi oħra applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jinżammu milli jiskambjaw informazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa, inkluż meta din l-informazzjoni toriġina fi Stat Membru ieħor. Dik l-informazzjoni għandha tkun soġġetta għall-paragrafu 1.***

---

***[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).***

***[2] Ir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li***

***jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 575/2013, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 806/2014 (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 1).***

***[3] Id-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar is-superviżjoni prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li temenda d-Direttivi 2002/87/KE, 2009/65/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE, 2014/59/UE u 2014/65/UE (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 64).";***

***(8c) fl-Artikolu 56, jiżdied is-subparagrafu li ġej:***

***"L-Artikolu 53(1) u l-Artikoli 54 u 55 ma għandhomx jipprekludu l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet tat-taxxa fl-istess Stat Membru.";***

(9) l-Artikoli 65 u 66 jiġu sostwiti b'dan li ġej:

*"Artikolu 65*

***Penali amministrattivi, pagamenti perjodiċi ta' penali u miżuri amministrattivi oħrajn***

1. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat superviżorji tal-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 64 u għad-dritt tal-Istati Membri li jipprevedu u jimponu pieni kriminali, l-Istati Membri għandhom jistipulaw regoli dwar penali amministrattivi, pagamenti perjodiċi ta' penali u miżuri amministrattivi oħrajn fir-rigward ta' ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva u tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali amministrattivi, il-pagamenti perjodiċi ta' penali u miżuri amministrattivi oħrajn għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-obbligi msemmijin fil-paragrafu 1 japplikaw għall-istituzzjonijiet, għall-kumpaniji azzjonarji finanzjarji u għall-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta fil-każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva jew tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ikunu jistgħu jiġu applikati penali amministrattivi, pagamenti perjodiċi ta' penali u miżuri amministrattivi oħrajn, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dritt nazzjonali, għall-membri tal-korp ta' ġestjoni, u għal persuni fiżiċi oħrajn li skont id-dritt nazzjonali jkunu responsabbli għall-ksur.

3. L-applikazzjoni ta' pagamenti perjodiċi ta' penali ma għandhiex tipprevjeni lill-awtoritajiet kompetenti milli jimponu penali amministrattivi għall-istess ksur.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom disponibbli s-setgħat ta' ġbir ta' informazzjoni u investigattivi kollha li jkunu neċessarji għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom. Dawk is-setgħat għandhom jinkludu:

(a) is-setgħa li l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li ġejjin ikunu meħtieġa jipprovdu l-informazzjoni neċessarja kollha biex jitwettqu l-kompiti tal-awtoritajiet kompetenti, inkluża informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'intervalli rikorrenti u f'formati speċifikati għall-finijiet superviżorji u ta' statistika relatati:

(i) istituzzjonijiet stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti;

(ii) kumpaniji azzjonarji finanzjarji stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti;

(iii) kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta stabbiliti fl-Istat Membru kkonċernat;

(iv) kumpaniji azzjonarji b'attività mħallta stabbiliti fl-Istat Membru kkonċernat;

(v) persuni li jappartjenu għall-entitajiet imsemmijn fil-punti minn (i) sa (iv);

(vi) terzi persuni li l-entitajiet msemmijin fil-punti minn (i) sa (iv) ikunu esternalizzawlhom funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali;

(b) is-setgħa li jitwettqu l-investigazzjonijiet neċessarji kollha dwar kwalunkwe persuna msemmija fil-punti (a) minn (i) sa (vi) stabbilita jew li tinsab fl-Istat Membru kkonċernat fejn meħtieġ biex twettaq il-kompiti tal-awtoritajiet kompetenti, inkluża s-setgħa:

(i) li tintalab il-preżentazzjoni ta' dokumenti;

(ii) li jiġu eżaminati l-kotba u r-reġistri tal-persuni msemmijin fil-punti (a) minn (i) sa (vi) u li jsiru kopji jew jittieħdu estratti mit-tali kotba u reġistri;

(iii) li jinkisbu spjegazzjonijiet bil-miktub jew bil-fomm minn kwalunkwe persuna msemmija fil-punti (a) minn (i) sa (vi) jew mir-rappreżentanti jew mill-persunal tagħha;

(iv) li tiġi intervistata kwalunkwe persuna oħra li tagħti l-kunsens tagħha sabiex tiġi intervistata għall-fini li tinġabar informazzjoni relatata mas-suġġett ta' investigazzjoni; u

(v) is-setgħa, soġġetta għal kundizzjonijiet oħrajn stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, li jitwettqu l-ispezzjonijiet neċessarji kollha fil-post fil-bini tan-negozju tal-persuni ġuridiċi msemmijin fil-punti (a) minn (i) sa (vi) u kwalunkwe impriża oħra inkluża fis-superviżjoni konsolidata meta awtorità kompetenti tkun is-superviżur konsolidanti, soġġetta għal notifika minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti kkonċernati. Meta spezzjoni tkun teħtieġ awtorizzazzjoni minn awtorità ġudizzjarja skont id-dritt nazzjonali, għandha ssir applikazzjoni għal tali awtorizzazzjoni.";

5. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, meta l-ordinament ġuridiku tal-Istat Membru ma tipprevedix penali amministrattivi, dan l-Artikolu jista' jiġi applikat b'tali mod li l-penali tinbeda mill-awtorità kompetenti u tiġi imposta mill-awtoritajiet ġudizzjarji, filwaqt li jiġi żgurat li dawk ir-rimedji legali jkunu effettivi u jkollhom effett ekwivalenti għall-penali amministrattivi imposti mill-awtoritajiet kompetenti. Fi kwalunkwe każ, il-penali imposti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Dawk l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet tagħhom li huma jadottaw skont dan il-paragrafu sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva emendatorja] u, mingħajr dewmien, dwar kwalunkwe liġi emendatorja jew emenda sussegwenti li taffettwahom.

*Artikolu 66*

**Penali amministrattivi, pagamenti perjodiċi ta' penali u miżuri amministrattivi oħrajn għal ksur tal-awtorizzazzjoni u rekwiżiti għal akwiżizzjonijiet jew għal ċessjoni ta'**

**holdings materjali, għal trasferimenti materjali ta' assi u ta' obbligazzjonijiet, għal fużjonijiet jew għal diviżjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tagħhom jipprevedu penali amministrattivi, pagamenti perjodiċi ta' penali u miżuri amministrattivi oħrajn tal-anqas meta:

(a) jitwettaq in-negozju ta' ġbir ta' depożiti jew ta' fondi rimborżabbli oħrajn mingħand il-pubbliku mingħajr awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta' kreditu bi ksur tal-Artikolu 9;

(b) jinbdew attivitajiet bħala istituzzjoni ta' kreditu mingħajr ma tinkiseb awtorizzazzjoni minn qabel bi ksur tal-Artikolu 9;

(c) holding kwalifikanti f'istituzzjoni ta' kreditu tiġi akkwistata, direttament jew indirettament, jew tiżdied aktar, direttament jew indirettament, b'tali mod li l-proporzjon tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital miżmum jilħaq jew jaqbeż il-limiti msemmijin fl-Artikolu 22(1) jew li l-istituzzjoni ta' kreditu ssir is-sussidjarja tal-akkwirent, mingħajr ma jinnotifikaw bil-miktub lill-awtoritajiet kompetenti tal-istituzzjoni ta' kreditu li fir-rigward tagħha l-akkwirent ifittex li jakkwista jew iżid il-holding kwalifikanti, matul il-perjodu ta' valutazzjoni, jew kontra l-oppożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, bi ksur ta' dan l-Artikolu;

(d) holding kwalifikanti f'istituzzjoni ta' kreditu tiġi ċeduta, direttament jew indirettament, jew titnaqqas, li bħala konsegwenza, iwassal sabiex il-proporzjon tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital miżmum jaqa' taħt il-limiti msemmijin fl-Artikolu 25 jew l-istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax sussidjarja tal-akkwirent, mingħajr notifika bil-miktub lill-awtoritajiet kompetenti bi ksur ta' dak l-Artikolu;

(e) kumpanija azzjonarja finanzjarja jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta kif definita fl-Artikolu 21a(1) tonqos milli tapplika għall-approvazzjoni bi ksur tal-Artikolu 21a jew tikser xi rekwiżit ieħor stabbilit f'dan l-Artikolu;

(f) akkwirent kif definit fl-Artikolu 27a(1) jakkwista direttament jew indirettament holding ***materjali***▌, jew iżid holding ***materjali*** diġà miżmuma, b'tali mod li ***l-parteċipazzjoni*** mill-akkwirent fl-istituzzjoni ***taqbeż*** il-15 % tal-kapital eliġibbli ***tal-akkwirent*** mingħajr ma l-akkwirent jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti bi ksur ta' dak l-Artikolu;"

(g) kwalunkwe waħda mill-partijiet imsemmijin fl-Artikolu 27d ta' din id-Direttiva ċċedi direttament jew indirettament holding ***materjali*** li taqbeż il-limitu msemmi fl-Artikolu ***27d ta' din id-Direttiva*** mingħajr ma tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti bi ksur ta' dak l-Artikolu▌;

(h) kwalunkwe waħda mill-partijiet imsemmijin fl-Artikolu 27f(1) teżegwixxi trasferiment materjali ta' assi u ta' obbligazzjonijiet mingħajr ma tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti bi ksur ta' dak l-Artikolu;

(i) kwalunkwe waħda mill-partijiet imsemmijin fl-Artikolu 27k(l) tinvolvi ruħha fi proċess ta' fużjoni jew ta' diviżjoni bi ksur ta' dak l-Artikolu.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, il-miżuri li jkunu jistgħu jiġu applikati jkunu jinkludu dawn li ġejjin:

(a) penali amministrattivi:

(i) fil-każ ta' persuna ġuridika, penali amministrattivi pekunjarji sa 10 % tal-valur tal-fatturat nett annwali totali tal-impriża;

(ii) fil-każ ta' persuna fiżika, penali amministrattivi pekunjarji sa mhux aktar minn EUR 5 000 000, jew fl-Istati Membri li l-munita uffiċjali tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fis-17 ta' Lulju 2013;

(iii) penali amministrattivi pekunjarji sa mhux aktar mid-doppju tal-profitti miksubin jew tat-telf evitat minħabba l-ksur meta dawn ikun jistgħu jiġu ddeterminati;

(b) pagamenti perjodiċi ta' penali:

(i) fil-każ ta' persuna ġuridika, il-pagamenti perjodiċi ta' penali sa 5 % tal-valur tal-fatturat medju ta' kuljum li, fil-każ ta' ksur kontinwu, il-persuna ġuridika għandha tkun obbligata tħallas għal kull jum tal-ksur sakemm terġa' tiġi stabbilita l-konformità ma' obbligu*.* ***Il-pagament perjodiku ta' penali*** jista' jiġi impost għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur mid-data stipulata fid-deċiżjoni li tirrikjedi t-terminazzjoni ta' ksur u l-impożizzjoni tal-pagament perjodiku ta' penali;

(ii) fil-każ ta' persuna fiżika, pagamenti perjodiċi ta' penali sa EUR 500 000 li, fil-każ ta' ksur kontinwu, il-persuna fiżika għandha tkun obbligata tħallas għal kull ***ġimgħa*** tal-ksur sakemm terġa' tiġi stabbilita l-konformità ma' obbligu, u li jistgħu jiġu imposti għal perjodu sa sitt xhur mid-data stipulata fid-deċiżjoni li tirrikjedi t-terminazzjoni ta' ksur u li timponi l-pagament perjodiku ta' penali;

(c) miżuri amministrattivi oħrajn:

(i) dikjarazzjoni pubblika li tidentifika l-persuna fiżika, l-istituzzjoni, il-kumpanija azzjonarja finanzjarja jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta, l-impriża prinċipali intermedjarja responsabbli u n-natura tal-ksur;

(ii) ordni li tirrikjedi li l-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli twaqqaf l-imġiba u li ma tirrepetix dik l-imġiba;

(iii) sospensjoni tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonist jew tal-azzjonisti miżmumin responsabbli għall-ksur imsemmi f'paragrafu 1;

(iv) soġġetta għall-Artikolu 65(2), projbizzjoni ▌ temporanja kontra xi membru tal-korp ta' ġestjoni tal-istituzzjoni jew kwalunkwe persuna fiżika oħra, li titqies responsabbli għall-ksur, milli teżerċita funzjonijiet fl-istituzzjoni.

3. Il-valur tal-fatturat nett annwali totali msemmi fil-paragrafu 2, il-punti (a)(i) u (b)(i), ta' dan l-Artikolu għandu jkun ugwali għall-indikatur tan-negozju stabbilit fl-Artikolu 314 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-indikatur tan-negozju għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-aktar informazzjoni finanzjarja superviżorja annwali disponibbli riċenti, sakemm ir-riżultat ma jkunx żero jew negattiv. Jekk ir-riżultat ikun żero jew negattiv, il-bażi għall-kalkolu għandha tkun

l-aktar informazzjoni finanzjarja superviżorja annwali preċedenti riċenti li tipproduċi indikatur ogħla minn żero. Meta l-impriża kkonċernata tkun parti minn grupp, il-valur tal-fatturat nett annwali totali rilevanti għandu jkun il-valur tal-fatturat nett annwali totali li jirriżulta mill-kont konsolidat tal-impriża prinċipali aħħarija.

4. Il-valur tal-fatturat medju ta' kuljum imsemmi fil-paragrafu (2), il-punt (b)(i), għandu jkun il-valur tal-fatturat nett annwali totali msemmi fil-paragrafu 3 diviż bi 365.";

(10) l-Artikolu 67 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punti (d) u (e) jiġu sostwiti b'dan li ġej:

istituzzjoni tonqos milli jkollha fis-seħħ arranġamenti ta' governanza u politiki ta' remunerazzjoni newtrali għall-ġeneru li jkunu meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 74;

(e) l-istituzzjoni ma tkunx irrappurtat informazzjoni jew tipprovdi informazzjoni mhux kompluta jew mhux eżatta fir-rigward tal-konformità mal-obbligu li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbiliti fl-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 lill-awtoritajiet kompetenti bi ksur tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 430(1) ta' dak ir-Regolament;";

(ii) il-punt (j) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(j) istituzzjoni tonqos milli żżomm proporzjon ta' finanzjament stabbli nett bi ksur tal-Artikolu 413 jew 428b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew ripetutament u b'mod persistenti tonqos milli żżomm assi likwidi bi ksur tal-Artikolu 412 ta' dak ir-Regolament;";

(iii) jiżdiedu l-punti minn (r) sa (ab) li ġejjin:

"(r) istituzzjoni tonqos milli tissodisfa r-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbiliti fl-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(s) istituzzjoni jew persuna fiżika tonqos milli tikkonforma ma' obbligu li jirriżulta minn deċiżjoni maħruġa mill-awtorità kompetenti jew ma' obbligu li jirriżulta minn dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 2013/36/UE jew mir-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(t) istituzzjoni li tonqos milli tikkonforma mar-rekwiżiti ta' remunerazzjoni f'konformità mal-Artikoli 92, 94 u 95 ta' din id-Direttiva;

(u) istituzzjoni taġixxi mingħajr il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti meta d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 2013/36/UE jew ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jirrikjedu li l-istituzzjoni tikseb tali permess minn qabel jew tikseb tali permess fuq il-bażi tar-rapport falz tagħha stess jew ma tikkonformax mal-kundizzjonijiet li skont huma jkun ingħata tali permess;

(v) istituzzjoni tonqos milli tissodisfa r-rekwiżiti fir-rigward tal-kompożizzjoni, tal-kundizzjonijiet, tal-aġġustamenti u tat-tnaqqis relatati mal-fondi proprji kif stabbiliti fil-Parti Tnejn tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(w) istituzzjoni tonqos milli tissodisfa r-rekwiżiti fir-rigward tal-iskoperturi l-kbar tagħha għal klijent jew għal grupp ta' klijenti konnessi stabbiliti fil-Parti Erbgħa tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(x) istituzzjoni tonqos milli tissodisfa r-rekwiżiti fir-rigward tal-kalkolu tal-proporzjon ta' ingranaġġ, inkluża l-applikazzjoni ta' derogi stabbiliti fil-Parti Sebgħa tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(y) l-istituzzjoni tonqos milli tirrapporta jew tipprovdi informazzjoni mhux kompluta jew mhux preċiża lill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tad-data msemmija fl-Artikolu 430(1), (2) u (3) u fl-Artikoli 430a u 430b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(z) istituzzjoni tonqos milli tikkonforma mar-rekwiżiti dwar il-ġbir ta' data u l-governanza stabbiliti fil-Parti Tlieta, it-Titolu III, il-Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(aa) istituzzjoni tonqos milli tissodisfa r-rekwiżiti fir-rigward tal-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju jew ir-rekwiżiti ta' fondi proprji jew tonqos milli jkollha fis-seħħ l-arranġamenti ta' governanza stabbiliti fil-Parti Tlieta, it-Titoli minn II sa VI tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(ab) istituzzjoni tonqos milli tissodisfa r-rekwiżiti fir-rigward tal-kalkolu tal-proporzjon ta' kopertura tal-likwidità jew tal-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett kif stabbilit fil-Parti Sitta, it-Titolu I u t-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1) ta' dak ir-Regolament.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, il-miżuri li jistgħu jiġu applikati jinkludu tal-anqas dawn li ġejjin:

(a) penali amministrattivi:

(i) fil-każ ta' persuna ġuridika, penali amministrattivi pekunjarji sa 10 % tal-valur tal-fatturat nett annwali totali tal-impriża;

(ii) fil-każ ta' persuna fiżika, penali amministrattivi pekunjarji sa mhux aktar minn EUR 5 000 000, jew fl-Istati Membri li l-munita uffiċjali tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fis-17 ta' Lulju 2013;

(iii) penali amministrattivi pekunjarji sa mhux aktar mid-doppju tal-profitti miksubin jew tat-telf evitat minħabba l-ksur meta dawn ikun jistgħu jiġu ddeterminati;

(b) pagamenti perjodiċi ta' penali:

(i) fil-każ ta' persuna ġuridika, il-pagamenti perjodiċi ta' penali sa 5 % tal-valur tal-fatturat medju ta' kuljum li, fil-każ ta' ksur kontinwu, il-persuna ġuridika għandha tkun obbligata tħallas għal kull jum tal-ksur sakemm terġa' tiġi stabbilita l-konformità ma' obbligu***. Il-pagament perjodiku ta' penali*** jista' jiġi impost għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur mid-data stipulata fid-deċiżjoni li tirrikjedi t-terminazzjoni ta' ksur u li timponi l-pagament perjodiku ta' penali. Il-valur tal-fatturat medju ta' kuljum imsemmi f'dan il-paragrafu għandu jkun il-valur tal-fatturat nett annwali totali diviż bi 365.

(ii) fil-każ ta' persuna fiżika, pagamenti perjodiċi ta' penali sa EUR 500 000 li, fil-każ ta' ksur kontinwu, il-persuna fiżika għandha tkun obbligata tħallas għal kull jum tal-ksur sakemm terġa' tiġi stabbilita l-konformità ma' obbligu, u li jistgħu jiġu imposti għal perjodu sa sitt xhur mid-data stipulata fid-deċiżjoni li tirrikjedi t-terminazzjoni ta' ksur u li timponi l-pagament perjodiku ta' penali;

(c) miżuri amministrattivi oħrajn:

(i) dikjarazzjoni pubblika li tidentifika l-persuna fiżika, l-istituzzjoni, il-kumpanija azzjonarja finanzjarja jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta, l-impriża prinċipali intermedjarja responsabbli u n-natura tal-ksur;

(ii) ordni li tirrikjedi li l-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli twaqqaf l-imġiba u li ma tirrepetix dik l-imġiba;

(iii) fil-każ ta' istituzzjoni, l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tal-istituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 18;

(iv) soġġetta għall-Artikolu 65(2), projbizzjoni [redacted] temporanja kontra xi membru tal-korp ta' ġestjoni tal-istituzzjoni jew kwalunkwe persuna fiżika oħra, li titqies responsabbli għall-ksur, milli teżerċita funzjonijiet fl-istituzzjoni;

(v) sospensjoni tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonist jew tal-azzjonisti miżmumin responsabbli għall-ksur imsemmi f'paragrafu 1.";

(c) jiżdiedu l-paragrafi 3 u 4 li ġejjin:

"3. Il-valur tal-fatturat nett annwali totali msemmi fil-paragrafu 2, il-punti (a)(i) u (b)(i), ta' dan l-Artikolu għandu jkun ugwali għall-indikatur tan-negozju stabbilit fl-Artikolu 314 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, l-indikatur tan-negozju għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-aktar informazzjoni finanzjarja superviżorja annwali disponibbli riċenti, sakemm ir-riżultat ma jkunx żero jew negattiv. Jekk ir-riżultat ikun żero jew negattiv, il-bażi għall-kalkolu għandha tkun l-aktar informazzjoni finanzjarja superviżorja annwali preċedenti riċenti, li tipproduċi indikatur ogħla minn żero. Meta l-impriża kkonċernata tkun parti minn grupp, il-valur tal-fatturat nett annwali totali rilevanti għandu jkun il-valur tal-fatturat nett annwali totali li jirriżulta mill-kont konsolidat tal-impriża prinċipali aħħarija.

4. Il-valur tal-fatturat medju ta' kuljum imsemmi fil-paragrafu (2), il-punt (b)(i), għandu jkun il-valur tal-fatturat nett annwali totali msemmi fil-paragrafu 3 diviż bi 365."

(11) l-Artikolu 70 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 70*

***Applikazzjoni effettiva tal-penali amministrattivi u eżerċizzju tas-setgħat ta' impożizzjoni ta' penali mill-awtoritajiet kompetenti***

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiddeterminaw it-tip u l-livell ta' penali amministrattivi u ta' miżuri amministrattivi oħrajn, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu kont taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inklużi, fejn xieraq:

(a) il-gravità u d-durata tal-ksur;

(b) il-grad ta' responsabbiltà tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur;

(c) is-saħħa finanzjarja tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur, kif indikat, inkluż mill-valur tal-fatturat totali ta' persuna ġuridika jew l-introjtu annwali ta' persuna fiżika;

(d) l-importanza tal-profitti miksuba jew tat-telf evitat mill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur, sa fejn ikunu jistgħu jiġu ddeterminati;

(e) it-telf għal terzi persuni kkawżat mill-ksur, sa fejn dan ikun jista' jiġi ddeterminat;

(f) il-livell ta' kooperazzjoni tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur mal-awtorità kompetenti;

(g) il-ksur preċedenti mill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur;

(h) kwalunkwe konsegwenza sistemika potenzjali tal-ksur.

(i) applikazzjoni preċedenti ta' pieni kriminali fuq l-istess persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-istess ksur.

2. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom li jimponu penali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-qrib sabiex jiżguraw li l-penali jipproduċu r-riżultati mfittxijin minn din id-Direttiva. Huma għandhom jikkoordinaw ukoll l-azzjonijiet tagħhom sabiex jipprevjenu l-akkumulazzjoni u t-trikkib meta japplikaw penali u miżuri amministrattivi għal każijiet transfruntiera. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet ġudizzjarji meta jittrattaw l-istess każijiet.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw penali fir-rigward tal-istess persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-istess atti jew ommissjonijiet fil-każ ta' akkumulazzjoni ta' proċedimenti u ta' pieni amministrattivi u kriminali tkun qed tikkastiga l-istess ksur. Madankollu, tali akkumulazzjoni ta' proċedimenti u ta' penali għandha tkun strettament neċessarja u proporzjonata sabiex jintlaħqu objettivi differenti u komplementari ta' interess ġenerali. Is-severità tal-penali u tal-miżuri amministrattivi l-oħrajn kollha imposti f'każ ta' akkumulazzjoni ta' proċedimenti amministrattivi u kriminali għandha tkun limitata għal dak li jkun neċessarju fid-dawl tas-serjetà tal-ksur ikkonċernat. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli ċari u preċiżi dwar iċ-ċirkostanzi li fihom l-atti jew l-ommissjonijiet jistgħu jkunu soġġetti

għal tali akkumulazzjoni ta' proċedimenti u penali amministrattivi u proċedimenti u pieni kriminali.

4. L-Istati Membri għandhom jistipulaw regoli li jipprevedu kooperazzjoni sħiħa bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ġudizzjarji sabiex jiżguraw konnessjoni mill-qrib biżżejjed fis-sustanza u fiż-żmien bejn il-proċedimenti amministrattivi u kriminali.

5. Sat-18 ta' Lulju 2029, l-ABE għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ġudizzjarji fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-penali amministrattivi. Barra minn hekk, l-ABE għandha tivvaluta kwalunkwe diverġenza fl-applikazzjoni tal-penali bejn l-awtoritajiet kompetenti f'dan ir-rigward. B'mod partikolari, l-ABE għandha tivvaluta:

(a) il-livell ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ġudizzjarji fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-penali;

(b) il-livell ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fil-kuntest tal-penali applikabbli għal każijiet transfruntiera jew f'każ ta' akkumulazzjoni ta' proċedimenti amministrattivi u kriminali;

(c) l-applikazzjoni u l-livell ta' protezzjoni tal-prinċipju ta' ne bis in idem fir-rigward tal-penali amministrattivi u tal-pieni kriminali mill-Istati Membri;

(d) l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità meta jiġu imposti ż-żewġ penali f'każ ta' akkumulazzjoni ta' proċedimenti amministrattivi u kriminali;

(e) l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti meta jittrattaw każijiet transfruntiera.";

(12) fl-Artikolu 73, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-istituzzjonijiet għandu jkollhom fis-seħħ strateġiji u proċessi sodi, effikaċi u komprensivi sabiex jivvalutaw u jżommu fuq bażi kontinwa l-ammonti, it-tipi u d-distribuzzjoni tal-kapital intern li huma jqisu bħala xieraq sabiex ikopru n-natura u l-livell tar-riskji li huma esposti għalihom jew li jistgħu jkunu esposti għalihom***. Għar-riskji*** ambjentali, soċjali u ta' governanza, ***l-istituzzjonijiet għandhom iqisu b'mod espliċitu t-terminu qasir, medju u fit-tul meta jivvalutaw il-materjalizzazzjoni possibbli ta' dawk ir-riskji.***";"

(13) fl-Artikolu 74, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom arranġamenti ta' governanza robusti, li jinkludu:

(a) struttura organizzazzjonali ċara b'linji ta' responsabbiltà definiti sew, trasparenti u konsistenti;

(b) proċessi effettivi għall-identifikazzjoni, għall-ġestjoni, għall-monitoraġġ u għar-rappurtar tar-riskji li huma jew jistgħu jkunu skoperti għalihom fit-terminu qasir, medju u fit-tul, inklużi r-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza;

(c) mekkaniżmi adegwati ta' kontroll intern, inklużi proċeduri ta' amministrazzjoni u kontabilistiċi sodi;

(d) politiki u prattiki ta' remunerazzjoni li huma konsistenti ma' ġestjoni solida u effettiva tar-riskji u li jippromwovu dan***, inkluż billi jitqies l-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni f'termini ta' riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza***.

Il-politiki u l-prattiki dwar ir-remunerazzjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu newtrali għall-ġeneru.";

(14) l-Artikolu 76 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp ta' ġestjoni japprova u tal-anqas kull sena jirrieżamina l-istrateġiji u l-politiki għat-teħid, għall-ġestjoni, għall-monitoraġġ u għall-mitigazzjoni tar-riskji li l-istituzzjoni tkun jew tista' tkun skoperta għalihom, inklużi dawk miġjubin mill-ambjent makroekonomiku li fih tkun topera fir-rigward tal-istatus taċ-ċiklu tan-negozju, u dawk relatati mal-impatti tal-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza.

***B'deroga mill-paragrafu 1, il-korp ta' ġestjoni ta' istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi għandu jkun soġġett għal rieżamijiet kull sentejn.***";

(b) fil-paragrafu 2 jiżdiedu ***s-subparagrafi*** li ġejjin:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp ta' ġestjoni jiżviluppa pjanijiet speċifiċi***,*** miri kwantifikabbli ***u proċessi*** għall-monitoraġġ u għall-indirizzar tar-riskji li jirriżultaw ***mill-fatturi ESG għal terminu*** qasir, medju u fit-tul***, inklużi dawk li jirriżultaw mit-tranżizzjoni u l-proċess ta' aġġustament għall-objettivi regolatorji applikabbli*** lejn ekonomija sostenibbli fir-rigward tal-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza***, b'mod partikolari bl-objettiv li tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050 kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119***.

***Il-miri u l-miżuri biex jiġu indirizzati r-riskji ESG inklużi fil-pjanijiet imsemmijin fl-ewwel subparagrafu għandhom iqisu l-aħħar rapporti u miżuri preskritti mill-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima, b'mod partikolari fir-rigward tal-kisba tal-miri klimatiċi tal-Unjoni. Il-pjanijiet għandhom jadottaw approċċ olistiku u jkopru l-attivitajiet u l-klijenti kollha tal-banek. Meta l-istituzzjoni tiddivulga informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà f'konformità mad-Direttiva 2013/34/UE, il-pjanijiet imsemmijin fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu konsistenti mal-pjanijiet imsemmijin fl-Artikolu 19a jew fl-Artikolu 29a ta' dik id-Direttiva. B'mod partikolari, il-pjanijiet imsemmijin fl-ewwel subparagrafu għandhom jinkludu azzjonijiet fir-rigward tal-mudell ta' negozju u l-istrateġija tal-istituzzjoni li jkunu konsistenti fiż-żewġ pjanijiet.***

***L-Istati Membri għandhom jiżguraw applikazzjoni proporzjonata tal-ewwel u tat-tieni subparagrafi għall-korp ta' ġestjoni ta' istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi, filwaqt li jindikaw f'liema oqsma tista' tiġi applikata deroga jew proċedura simplifikata.***";

***(ba) fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"Il-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu u, fejn ikun ġie stabbilit, il-kumitat tar-riskju għandu jiddetermina n-natura, l-ammont, il-format, u l-frekwenza tal-informazzjoni dwar ir-riskju li huma jkollhom jirċievu. Bil-għan li jassisti fl-istabbiliment ta' politiki u prattiki sodi ta' remunerazzjoni, il-kumitat tar-riskju għandu, mingħajr preġudizzju għall-kompiti tal-kumitat ta' remunerazzjoni, jeżamina jekk l-inċentivi pprovduti mis-sistema ta' remunerazzjoni jikkunsidrawx ir-riskju, inkluż dak li jirriżulta mill-impatti***

***tal-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza, il-kapital, il-likwidità u l-probabbiltà u ż-żmien meta jsir il-qligħ.***";

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri għandhom, f'konformità mar-rekwiżit ta' proporzjonalità stipulat fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva tal-Kummisjoni 2006/73/KE[*11], jiżguraw li l-istituzzjonijiet ikollhom funzjonijiet ta' kontroll intern indipendenti mill-funzjonijiet operazzjonali u li jkollhom awtorità, statura, riżorsi u aċċess suffiċjenti għall-korp ta' ġestjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-funzjonijiet ta' kontroll intern jiżguraw li r-riskji materjali kollha jiġu identifikati, jitkejlu, u jiġu rrappurtati kif xieraq. Għandhom jiżguraw li l-funzjonijiet ta' kontroll intern ikunu involuti attivament fl-elaborazzjoni tal-istrateġija tal-istituzzjoni fir-rigward tar-riskji u fid-deċiżjonijiet materjali kollha tal-ġestjoni tar-riskji u li l-funzjonijiet ta' kontroll intern ikunu jistgħu jagħtu perspettiva kompluta tal-firxa sħiħa tar-riskji tal-istituzzjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-funzjoni ta' kontroll intern tkun tista' tirrapporta direttament lill-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu, indipendentement mill-membri tal-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni ta' ġestjoni tiegħu jew mill-maniġment superjuri, u tista' tindika preokkupazzjonijiet u twissi lil dak il-korp, fejn xieraq, meta żviluppi speċifiċi tar-riskju jaffettwaw jew ikunu jistgħu jaffettwaw lill-istituzzjoni, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-korp ta' ġestjoni skont din id-Direttiva u r-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Il-kapijiet tal-funzjonijiet ta' kontroll intern għandhom ikunu maniġers superjuri indipendenti b'responsabbiltà distinta għall-funzjonijiet tal-ġestjoni tar-riskji, tal-konformità u tal-awditjar intern. Meta n-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjoni ma jiġġustifikawx il-ħatra ta' persuna speċifika għal kull funzjoni ta' kontroll intern, persuna superjuri oħra fl-istituzzjoni tista' tikkombina r-responsabbiltajiet għal dawk il-funzjonijiet, dment li ma jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess.

Il-kap tal-funzjonijiet ta' kontroll intern ma għandux jitneħħa mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu▌.

---

[*11] Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/73/KE tal-10 ta' Awwissu 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti organizzattivi u l-kundizzjonijiet ta' ħidma tal-kumpaniji tal-investiment u t-termini definiti għall-għanjiet ta' dik id-Direttiva (ĠU L 241, 2.9.2006, p. 26).";

***(14a)*** ***fl-Artikolu 77(4), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tiddefinixxi aktar il-kunċett ta' skoperturi għal riskju tas-suq speċifiku li jkunu materjali f'termini assoluti msemmijin fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 u l-limiti għal numri kbar ta' kontropartijiet u pożizzjonijiet materjali fi strumenti ta' dejn ta' emittenti differenti.";***

(15) l-Artikolu 78 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"Valutazzjoni komparattiva għas-superviżjoni ta' approċċi għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji**";

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw dan kollu li ġej:

(a) li l-istituzzjonijiet permessi jużaw approċċi interni għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ppeżata skont ir-riskju jew tar-rekwiżiti ta' fondi proprji jirrappurtaw ir-riżultati tal-kalkoli tagħhom għall-iskoperturi jew għall-pożizzjonijiet tagħhom li jkunu inklużi fil-portafolli ta' valutazzjoni komparattiva;

(b) li l-istituzzjonijiet li jużaw l-approċċ standardizzat alternattiv stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 1a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jirrappurtaw ir-riżultati tal-kalkoli tagħhom għall-iskoperturi jew għall-pożizzjonijiet tagħhom li jkunu inklużi ***fil-portafolli*** ta' valutazzjoni komparattiva;

(c) li l-istituzzjonijiet li jkollhom il-permess li jużaw approċċi interni skont il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif ukoll istituzzjonijiet ***rilevanti*** li japplikaw l-approċċ standardizzat skont il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2 ta' dak ir-Regolament, jirrappurtaw ir-riżultati tal-kalkoli tal-approċċi użati għall-fini tad-determinazzjoni tal-ammont ta' telf ta' kreditu mistenni għall-iskoperturi jew għall-pożizzjonijiet tagħhom li jkunu inklużi ***fil-portafolli*** ta' valutazzjoni komparattiva, meta tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-istituzzjonijiet iħejju l-kontijiet tagħhom f'konformità mal-istandards kontabilistiċi internazzjonali adottati f'konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002;

(ii) l-istituzzjonijiet iwettqu l-valwazzjoni tal-assi u tal-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali u d-determinazzjoni tal-fondi proprji tagħhom f'konformità mal-istandards kontabilistiċi internazzjonali skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(iii) l-istituzzjonijiet iwettqu l-valutazzjoni tal-assi u l-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali f'konformità mal-istandards kontabilistiċi skont id-Direttiva 86/635/KEE*[12] u jużaw mudell tat-telf ta' kreditu mistenni li huwa l-istess bħal dak li jintuża fl-istandards kontabilistiċi internazzjonali adottati f'konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

L-istituzzjonijiet għandhom jippreżentaw ir-riżultati tal-kalkoli tagħhom imsemmijin fl-ewwel subparagrafu flimkien ma' spjegazzjoni tal-metodoloġiji użati għall-produzzjoni tagħhom u kwalunkwe informazzjoni kwalitattiva, kif mitlub mill-ABE, li tista' tispjega l-impatt ta' dawn il-kalkoli fuq ir-rekwiżiti ta' fondi proprji, lill-awtoritajiet kompetenti tal-anqas kull sena, ***dment li l-ABE ma***

***twettaqx*** l-eżerċizzju b'mod biennali***, filwaqt li l-frekwenza tas-sottomissjoni tista' tvarja b'rabta mal-approċċi differenti msemmijin fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu.***"; .

(c) il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(i) il-formulazzjoni introduttorja tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"L-awtoritajiet kompetenti għandhom, fuq il-bażi tal-informazzjoni ppreżentata mill-istituzzjonijiet f'konformità mal-paragrafu 1, jissorveljaw il-firxa ta' ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju jew ir-rekwiżiti ta' fondi proprji, kif applikabbli, għall-iskoperturi jew għat-tranżazzjonijiet fil-portafoll ta' valutazzjoni komparattiva li jirriżulta mill-approċċi ta' dawk l-istituzzjonijiet. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu valutazzjoni tal-kwalità ta' dawk l-approċċi b'mill-inqas l-istess frekwenza bħall-eżerċizzju tal-ABE msemmi fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lil dawn:";

(ii) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ABE għandha tipproduċi rapport li jassisti lill-awtoritajiet kompetenti fil-valutazzjoni tal-kwalità tal-approċċi interni fuq il-bażi tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.";

(d) fil-paragrafu 5, is-sentenza introduttorja tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-adegwatezza tal-azzjonijiet korrettivi kif imsemmijin fil-paragrafu 4 jikkonformaw mal-prinċipju li tali azzjonijiet iridu jżommu l-objettivi tal-approċċi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, u għalhekk:";

(e) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-ABE tista' toħroġ linji gwida u rakkomandazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 meta tqis li jkunu neċessarji fuq il-bażi tal-informazzjoni u tal-valutazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu sabiex jitjiebu l-prattiki superviżorji jew il-prattiki tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-approċċ fil-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni komparattiva għas-superviżjoni.";

(f) il-paragrafu 8 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, jiżdied il-punt (c) li ġej:

"(c) il-lista ta' istituzzjonijiet ***rilevanti*** msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (c).";

(ii) jiddaħħal it-tieni subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tal-punt (c), meta tiddetermina l-lista ta' istituzzjonijiet ***rilevanti***, l-ABE għandha tqis kunsiderazzjonijiet tal-proporzjonalità.";

---

*12 Id-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1).

(16) il-paragrafu 1 tal-Artikolu 85 huwa emendat kif ġej:

"1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jimplimentaw politiki u proċessi għall-evalwazzjoni u l-ġestjoni tal-iskoperturi għar-riskju operattiv, inklużi r-riskji li jirriżultaw mill-esternalizzazzjoni, u biex jiġu koperti avvenimenti severi ħafna mhux frekwenti. L-istituzzjonijiet għandhom jartikolaw dak li jikkostitwixxi riskju operattiv għall-finijiet ta' dawk il-politiki u l-proċeduri.

(17) jiddaħħal Artikolu 87a ġdid:

*"Artikolu 87a*
***Riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza***

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ikollhom, bħala parti mill-arranġamenti ta' governanza robusti tagħhom, inkluż il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju meħtieġ skont l-Artikolu 74(1), strateġiji, politiki, proċessi u sistemi robusti għall-identifikazzjoni, għall-kejl, għall-ġestjoni u għall-monitoraġġ tar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza fuq sett xieraq ta' perjodi ta' żmien.

2. L-istrateġiji, il-politiki, il-proċessi u s-sistemi msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ikunu proporzjonati għall-iskala, għan-natura u għall-kumplessità tar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza tal-mudell ta' negozju u għall-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet tal-istituzzjoni, u jikkunsidraw terminu qasir, medju u fit-tul ta' mill-inqas 10 snin.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jittestjaw ir-reżiljenza tagħhom għall-impatti negattivi fit-tul tal-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza, kemm fix-xenarju bażi kif ukoll fix-xenarji negattivi f'perjodu ta' żmien partikolari, billi jibdew mill-fatturi relatati mal-klima. Għall-ittestjar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jinkludu numru ta' xenarji ambjentali, soċjali u ta' governanza li jirriflettu l-impatti potenzjali tal-bidliet ambjentali u soċjali u l-ordni pubbliku assoċjat dwar l-ambjent tan-negozju fit-tul. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li għall-ittestjar, l-istituzzjonijiet jużaw xenarji kredibbli, abbażi tax-xenarji elaborati minn organizzazzjonijiet internazzjonali.***

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw u jimmonitorjaw l-iżviluppi tal-prattiki tal-istituzzjonijiet rigward l-istrateġija ambjentali, soċjali u ta' governanza tagħhom u l-ġestjoni tar-riskju, inklużi l-pjanijiet li għandhom jitħejjew f'konformità mal-Artikolu 76, kif ukoll il-progress li jkun sar u r-riskji biex il-mudelli ta' negozju tagħhom jiġu adattati għall-objettivi ***regolatorji applikabbli*** rilevanti lejn ekonomija sostenibbli, filwaqt li jitqiesu ▌ l-politiki relatati dwar l-oriġinazzjoni ta' self, u l-miri u l-limiti relatati mal-ambjent, mas-soċjetà u mal-governanza. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw ir-robustezza ta' dawk il-pjanijiet bħala parti mill-proċess ta' rieżami u ta' evalwazzjoni superviżorji.***

***Fejn rilevanti, għall-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkooperaw mal-awtoritajiet jew il-korpi pubbliċi responsabbli għat-tibdil fil-klima u s-superviżjoni ambjentali.***

5. L-ABE għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, sabiex tispeċifika:

(a) standards minimi u metodoloġiji ta' referenza għall-identifikazzjoni, għall-kejl, għall-ġestjoni u għall-monitoraġġ tar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza;

(b) il-kontenut tal-pjanijiet li għandhom jitħejjew f'konformità mal-Artikolu 76***(2)***, li għandhom jinkludu skedi ta' żmien speċifiċi u miri u objettivi intermedji kwantifikabbli, sabiex jiġu ***mmonitorjati u*** indirizzati r-riskji ***finanzjarji li jirriżultaw minn fatturi ESG, inklużi dawk li jirriżultaw mit-tranżizzjoni u l-proċess ta' aġġustament għall-objettivi regolatorji applikabbli*** lejn ekonomija sostenibbli, ***b'mod partikolari l-objettiv li tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050 kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119***;

(c) kriterji kwalitattivi u kwantitattivi għall-valutazzjoni tal-impatt tar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-istituzzjonijiet fuq terminu qasir, medju u fit-tul;

(d) kriterji għall-istabbiliment tax-xenarji u tal-metodi msemmijin fil-paragrafu 3, inklużi l-parametri u s-suppożizzjonijiet li għandhom jintużaw f'kull wieħed mix-xenarji u r-riskji speċifiċi**.**

***Fejn rilevanti, il-miri, il-metodoloġiji u l-kontenut tal-pjanijiet, inklużi l-kriterji tal-miri u l-impenji inklużi fil-pjanijiet, imsemmijin fid-Direttiva 2013/34/UE għandhom ikunu konsistenti mal-kriterji, il-metodoloġiji u l-miri kif imsemmijin f'(a), (b), (c) u (d) ta' dan il-paragrafu u għandhom ikunu konsistenti mas-suppożizzjonijiet u l-impenji inklużi fil-pjanijiet.***

L-ABE għandha tippubblika ***l-linji*** gwida ***msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu*** sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***12-il*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]***, il-linji gwida msemmija fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja] u l-linji gwida msemmija fil-punti (a) u (c) tal-ewwel subparagrafu sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]***. L-ABE għandha taġġorna dawk il-linji gwida fuq bażi regolari, sabiex tirrifletti l-progress li jkun sar fil-kejl u fil-ġestjoni tal-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza kif ukoll l-iżviluppi tal-objettivi tal-politika tal-Unjoni dwar is-sostenibbiltà.";

(18) l-Artikolu 88 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (e) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(e) il-president tal-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu ta' istituzzjoni ma jistax jeżerċita fl-istess ħin il-funzjonijiet ta' uffiċjal kap eżekuttiv fl-istess istituzzjoni.";

(b) fl-Artikolu 88, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ifasslu, iżommu u jaġġornaw id-dikjarazzjonijiet individwali li jistabbilixxu r-rwoli u d-dmirijiet ta' kull membru tal-korp ta' ġestjoni, tal-maniġment superjuri u tat-titolari ta' funzjonijiet ewlenin u mmappjar tad-dmirijiet, inklużi d-dettalji tal-linji ta' rappurtar u l-linji ta' responsabbiltà, u l-persuni li huma parti mill-arranġamenti ta' governanza kif imsemmi fl-Artikolu 74(1) u d-dmirijiet tagħhom approvati mill-korp ta' ġestjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dikjarazzjonijiet tad-dmirijiet u l-immappjar tad-dmirijiet isiru disponibbli u jiġu kkomunikati fi żmien xieraq, b'talba, lill-awtoritajiet kompetenti.

▌

(19) L-Artikolu 91 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 91*

***Kriterji ta' idoneità għall-membri tal-korp ta' ġestjoni tal-entitajiet***

1. L-istituzzjonijiet u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta, kif approvati skont l-Artikolu 21a(1), ("l-entitajiet"), għandu jkollhom ir-responsabbiltà primarja li jiżguraw li l-membri tal-korp ta' ġestjoni jkunu f'kull ħin ta' reputazzjoni tajba***, jaġixxu b'onestà, integrità u indipendenza*** u jkollhom għarfien, ħiliet u esperjenza suffiċjenti sabiex iwettqu dmirijiethom u jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi minn 2 sa 8 ta' dan l-Artikolu. ***In-nuqqas ta' kundanna kriminali jew ta' prosekuzzjonijiet li jkunu għaddejjin għal reat kriminali ma għandux fih innifsu jkun biżżejjed biex jissodisfa r-rekwiżit li wieħed ikun ta' reputazzjoni tajba u jaġixxi b'onestà u integrità.***

B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-kriterji u r-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu jkunux għadhom issodisfati meta jkollhom raġunijiet raġonevoli sabiex jissuspettaw li qed jitwettaq jew twettaq jew sar tentattiv li jitwettaq ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu fis-sens tal-Artikolu 1 tad-Direttiva (UE) 2015/849, jew ikun hemm riskju akbar ta' dan b'rabta ma' dik l-istituzzjoni.

2. Kull membru tal-korp ta' ġestjoni għandu jiddedika ħin biżżejjed għat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu fl-entitajiet.

3. Kull membru tal-korp ta' ġestjoni għandu jaġixxi b'onestà, b'integrità u b'indipendenza fil-ħsieb sabiex jivvaluta u jikkontesta b'mod effettiv id-deċiżjonijiet tal-maniġment superjuri fejn neċessarju u sabiex jissorvelja u jwettaq monitoraġġ effettiv fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet ta' ġestjoni. Li wieħed ikun membru tal-korp ta' ġestjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu affiljata b'mod permanenti ma' korp ċentrali fih innifsu ma għandux jikkostitwixxi ostakolu sabiex wieħed jaġixxi b'indipendenza tal-ħsieb.

4. Il-korp ta' ġestjoni għandu jkollu għarfien, ħiliet u esperjenza kollettivi sabiex ikun jista' jifhem b'mod adegwat l-attivitajiet tal-istituzzjoni, kif ukoll ir-riskji assoċjati li tkun skoperta għalihom, fuq terminu qasir, medju u fit-tul, filwaqt li jqis il-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza. Il-kompożizzjoni ġenerali tal-korp ta' ġestjoni għandha ***tkun diversifikata biżżejjed biex*** tirrifletti medda adegwatament wiesgħa ta' esperjenza.

5. In-numru ta' karigi ta' direttur li jista' jkollu membru tal-korp ta' ġestjoni fl-istess waqt għandu jqis iċ-ċirkostanzi individwali u n-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjoni. Ħlief meta l-membri tal-korp ta' ġestjoni jirrappreżentaw l-interessi ta' Stat Membru, il-membri tal-korp ta' ġestjoni ta' istituzzjoni li tkun sinifikanti f'termini ta' daqs, ta' organizzazzjoni interna u tan-natura, ta' kamp ta'

applikazzjoni u ta' kumplessità tal-attivitajiet tagħha, għandhom, mill-1 ta' Lulju 2014, ikollhom biss waħda, u mhux aktar, mill-kombinazzjonijiet li ġejjin ta' karigi ta' direttur fl-istess ħin:

(a) kariga ta' direttur eżekuttiv wieħed b'żewġ karigi ta' direttur mhux eżekuttiv;

(b) erba' karigi ta' direttur mhux eżekuttiv.

6. Għall-finijiet tal-paragrafu 5, dawn li ġejjin jgħoddu bħala kariga waħda ta' direttur:

(a) karigi ta' direttur eżekuttiv jew mhux eżekuttiv miżmumin fl-istess grupp.

(b) karigi ta' direttur eżekuttiv jew mhux eżekuttiv miżmumin f'waħda minn dawn li ġejjin:

(i) istituzzjonijiet li huma membri tal-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali sakemm ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(ii) impriżi, inklużi entitajiet mhux finanzjarji, li fihom l-istituzzjoni għandha holding kwalifikanti.

Għall-finijiet tal-punt (a) ta' dan il-paragrafu, grupp għandu jfisser grupp ta' impriżi li huma relatati ma' xulxin kif stabbilit fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*13].

7. Il-karigi ta' direttur f'organizzazzjonijiet li ma jsegwux b'mod predominanti objettivi kummerċjali ma għandhomx jgħoddu għall-finijiet tal-paragrafu 5.

8. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw lill-membri tal-korp ta' ġestjoni sabiex ikollhom kariga waħda ta' direttur mhux eżekuttiv minbarra l-karigi ta' direttur imsemmijin fil-paragrafu 5, il-punti (a) u (b).

9. L-entitajiet għandhom jiddedikaw riżorsi umani u finanzjarji adegwati għall-induzzjoni u għat-taħriġ tal-membri tal-korp ta' ġestjoni***, inkluż dwar riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza u dwar riskji relatati mal-ICT***.

10. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu li l-entitajiet u l-kumitati ta' nominazzjoni rispettivi tagħhom, fejn ikunu stabbiliti, jagħżlu persuni b'sett wiesa' ta' kwalitajiet u ta' kompetenzi meta jaħtru membri ***u jippromwovu d-diversità u l-bilanċ bejn il-ġeneri*** fil-korp ta' ġestjoni. Għal dan l-għan***, l-istituzzjonijiet għandhom*** jistabbilixxu politika li tippromwovi d-diversità fil-korp ta' ġestjoni***, inkluż l-istabbiliment ta' mira għar-rappreżentanza minima tal-ġeneru sottorappreżentat u miżuri konkreti biex jibbilanċjaw il-parteċipazzjoni tal-ġeneru***.

11. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru l-informazzjoni ddivulgata f'konformità mal-Artikolu 435(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u għandhom jagħmlu użu minn dik l-informazzjoni biex jivvalutaw b'mod komparattiv il-prattiki ta' diversità. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu dik l-informazzjoni lill-ABE. L-ABE għandha tuża dik l-informazzjoni għall-valutazzjoni komparattiva tal-prattiki ta' diversità fil-livell tal-Unjoni.

12. L-ABE għandha toħroġ linji gwida dwar dawn li ġejjin:

(a) il-kunċett ta' impenn ta' żmien suffiċjenti ta' membru tal-korp ta' ġestjoni sabiex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu, b'rabta maċ-ċirkostanzi individwali u man-natura, mal-iskala u mal-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjoni;

(b) il-kunċetti ta' onestà, ta' integrità u ta' indipendenza tal-ħsieb ta' membru tal-korp ta' ġestjoni kif imsemmijin fil-paragrafu 3;

(c) il-kunċett ta' għarfien, ta' ħiliet u ta' esperjenza kollettivi adegwati tal-korp ta' ġestjoni kif imsemmi fil-paragrafu 4;

(d) il-kunċett ta' riżorsi umani u finanzjarji adegwati ddedikati għat-trawwim u għat-taħriġ tal-membri tal-korp ta' ġestjoni kif imsemmi fil-paragrafu 9;

(e) il-kunċett ta' diversità li għandu jitqies fl-għażla tal-membri tal-korp ta' ġestjoni kif imsemmi fil-paragrafu 10;

***(ea) il-kriterji biex jiġi determinat fejn ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex jiġi ssuspettat li qed jitwettaq jew twettaq jew sar tentattiv li jitwettaq ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu fis-sens tal-Artikolu 1 tad-Direttiva (UE) 2015/849, jew ikun hemm riskju akbar ta' dan b'rabta ma' istituzzjoni.***

***Għall-fini tat-tfassil tal-linji gwida stipulati fil-paragrafu (ea), l-ABE għandha taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq.***

L-ABE għandha toħroġ dawk il-linji gwida sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta din id-Direttiva emendatorja].

13. Dan l-Artikolu u l-Artikoli minn 91a sa 91d għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri dwar ir-rappreżentanza tal-impjegati fil-korp ta' ġestjoni.";

***13a. L-Artikoli 91a u 91b għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri dwar il-ħatra tal-membri tal-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu minn korpi eletti reġjonali jew lokali jew il-ħatriet fejn il-korp ta' ġestjoni ma jkollu ebda kompetenza fil-proċess tal-għażla u l-ħatra tal-membri tiegħu.***

---

[*13] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 182, 29.6.2013)

(20) jiddaħħlu l-Artikoli minn 91a sa 91d li ġejjin:

*"Artikolu 91a*

***Valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp ta' ġestjoni mill-entitajiet***

1. L-entitajiet kif imsemmijin fl-Artikolu 91(1) għandhom jiżguraw li l-membri tal-korp ta' ġestjoni jissodisfaw il-kriterji u r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 91 minn (1) sa (8) f'kull ħin.

2. L-entitajiet għandhom jivvalutaw l-idoneità tal-membri tal-korp ta' ġestjoni qabel ma dawk il-membri jieħdu l-pożizzjonijiet tagħhom.

Madankollu, fejn ikun strettament neċessarju li membru tal-korp ta' ġestjoni jiġi ssostitwit minnufih, l-entitajiet jistgħu ***jwettqu valutazzjoni tal-idoneità b'inqas reqqa*** ta' tali membri sostituti ***qabel ma*** jkunu ħadu l-pożizzjonijiet tagħhom. ***Għandha***

***titwettaq valutazzjoni kompleta mill-aktar fis possibbli wara li l-membri sostitwiti jkunu ħadu l-karigi tagħhom. L-ABE għandha toħroġ linji gwida li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' valutazzjoni b'inqas reqqa, inkluża gwida dwar il-każijiet li jistgħu jitqiesu urġenti.*** L-entitajiet għandhom ikunu jistgħu jiġġustifikaw kif xieraq it-tali sostituzzjoni immedjata.

***Fil-każ ta' istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi fis-sens tal-Artikolu 4(1), il-punt 145 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u meta ma jkunx possibbli li titwettaq valutazzjoni ex ante, l-entitajiet għandhom jivvalutaw l-idoneità tal-membri tal-korp ta' ġestjoni wara li dawk il-membri jieħdu l-pożizzjonijiet tagħhom.***

***Meta l-entitajiet jikkonkludu, fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-idoneità, li l-membru kkonċernat ma jissodisfax il-kriterji u r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1, l-entitajiet għandhom:***

***(a) jiżguraw li l-membru kkonċernat ma jiħux il-pożizzjoni kkunsidrata, fil-każ li l-valutazzjoni tal-idoneità titlesta qabel ma dak il-membru jieħu l-pożizzjoni;***

***(b) ineħħu lil tali membri mill-korp ta' tmexxija jew jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li tali membri jkunu idonei għall-pożizzjoni kkonċernata, fil-każ li dawk il-membri jieħdu l-pożizzjonijiet tagħhom qabel it-tlestija tal-valutazzjoni.***

3. L-entitajiet għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar l-idoneità tal-membri tal-korp ta' ġestjoni tibqa' aġġornata. Meta jintalbu jagħmlu dan, l-entitajiet għandhom jikkomunikaw din l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti.

***3a. Hekk kif kwalunkwe fatt ġdid jew kwistjonijiet oħra li jistgħu jaffettwaw l-idoneità tal-membru tal-korp ta' ġestjoni jkunu magħrufa mill-entitajiet, l-entitajiet għandhom jinformaw mingħajr dewmien żejjed lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti dwarhom.***

4. L-entitajiet li jġeddu l-mandat tal-membri tal-korp ta' ġestjoni għandhom jinformaw bil-miktub lill-awtoritajiet kompetenti ***mingħajr dewmien żejjed u sa mhux aktar tard minn*** 15-il jum ta' xogħol mid-data ta' dan it-tiġdid tal-mandat.

*Artikolu 91b*

**Valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp ta' ġestjoni tal-entitajiet mill-awtoritajiet kompetenti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw jekk il-membri tal-korp ta' ġestjoni tal-entitajiet kif imsemmijin fl-Artikolu 91(1) jissodisfawx il-kriterji u r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 91 minn (1) sa (8) f'kull ħin.

2. Għall-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-entitajiet għandhom jippreżentaw l-applikazzjoni inizjali tal-membru rilevanti tal-korp ta' ġestjoni lill-awtoritajiet kompetenti mingħajr dewmien żejjed wara li titlesta l-valutazzjoni interna tal-idoneità.

***Fil-każijiet fejn ma jkunx possibbli li l-entità twettaq valutazzjoni interna tal-idoneità qabel ma l-membri tal-korp ta' ġestjoni jieħdu l-pożizzjonijiet tagħhom f'konformità mal-Artikolu 91a il-paragrafu 2, l-applikazzjoni għandha tiġi pprovduta mill-aktar fis possibbli wara l-għażla tal-membru, u fi kwalunkwe każ, mingħajr dewmien żejjed wara li l-membru jieħu l-pożizzjoni.***

***L-applikazzjoni*** għandha tkun akkumpanjata mill-informazzjoni u mid-dokumentazzjoni neċessarja kollha biex l-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-valutazzjoni tal-idoneità b'mod effettiv.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ***jikkompletaw il-valutazzjoni tal-idoneità fi żmien 80 jum ta' xogħol ("perjodu ta' valutazzjoni") mid-data tar-rikonoxximent bil-miktub tal-wasla*** tal-applikazzjoni ***kompleta*** u tad-dokumentazzjoni ***sottostanti*** .

***L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lill-awtorità kompetenti għas-superviżjoni tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849, biex jikkonsultaw, fil-kuntest tal-verifiki tagħhom, u fuq bażi ta' sensittività għar-riskju, l-informazzjoni rilevanti dwar il-membri tal-korp ta' ġestjoni. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu wkoll li jkollhom aċċess għall-bażi tad-data ċentrali tal-AML/CFT imsemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għat-twaqqif ta' Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus – COM/2021/421 final]. L-awtorità kompetenti għas-superviżjoni tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849 għandha tiddeċiedi jekk għandhiex tilqa' tali talba jew le.***

4. L-awtoritajiet kompetenti li jitolbu informazzjoni jew dokumentazzjoni addizzjonali ***mill-entitajiet imsemmijin fil-paragrafu 1 jew minn awtoritajiet oħra jew li jwettqu*** intervisti jew seduti, jistgħu jestendu l-perjodu ta' valutazzjoni għal massimu ta' ***20*** jum ta' xogħol. Madankollu, il-perjodu ta' valutazzjoni ma għandux jaqbeż ***id-90*** jum ta' xogħol. It-talba għal informazzjoni jew għal dokumentazzjoni addizzjonali għandha ssir bil-miktub u għandha tkun speċifika. L-entitajiet għandhom jirrikonoxxu l-wasla tat-talba għal informazzjoni jew għal dokumentazzjoni addizzjonali fi żmien jumejn ta' xogħol u jipprovdu l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni addizzjonali mitluba fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-rikonoxximent bil-miktub tat-talba mill-awtoritajiet kompetenti. ***Jekk l-entitajiet jonqsu milli jipprovdu l-informazzjoni mitluba sa din l-iskadenza, dan għandu jwassal biex il-proċedura tingħalaq mingħajr valutazzjoni ulterjuri mill-awtorità kompetenti. L-għeluq tal-proċedura għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-entità tissottometti applikazzjoni ġdida.***

5. Hekk kif kwalunkwe fatt ġdid jew kwistjonijiet oħra li jistgħu jaffettwaw l-idoneità tal-membru tal-korp ta' ġestjoni jkunu magħrufa mill-entitajiet jew mill-membru rilevanti tal-korp ta' ġestjoni, l-entitajiet għandhom jinformaw mingħajr dewmien żejjed lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti dwarhom.

***Meta l-awtorità kompetenti ssir konxja li l-informazzjoni rilevanti dwar l-idoneità tal-membru tal-korp ta' ġestjoni tkun inbidlet u tali bidla tista' taffettwa l-idoneità tal-membru kkonċernat, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta mill-ġdid l-idoneità tal-membru tal-korp ta' ġestjoni.***

6. L-awtoritajiet kompetenti ***jistgħu jiddeċiedu li ma jivvalutawx mill-ġdid*** l-idoneità tal-membri tal-korp ta' ġestjoni meta jiġġedded il-mandat tagħhom, sakemm ma tkunx inbidlet l-informazzjoni rilevanti li tkun magħrufa mill-awtoritajiet kompetenti u tali bidla tkun tista' taffettwa l-idoneità tal-membru kkonċernat.

7. Meta l-membri tal-korp ta' ġestjoni ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 91 minn (1) sa (8) fi kwalunkwe waqt jew meta l-entitajiet ma jikkonformawx mal-obbligi u mal-iskadenzi stipulati fil-paragrafi 2 jew 4 ta' dan l-Artikolu, l-Istati

Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat neċessarji sabiex:

(a) jipprevjenu lil dawn il-membri milli jkunu parti mill-korp ta' ġestjoni;

(b) ***jissospendu jew*** ineħħu lil dawn il-membri mill-korp ta' ġestjoni;

(c) jirrikjedu li l-entitajiet ikkonċernati jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li tali membru jkun adattat għall-pożizzjoni kkonċernata.

8. F'konformità mal-paragrafi minn 1 sa 7, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-valutazzjoni tal-idoneità qabel ma l-membri tal-korp ta' ġestjoni jieħdu l-pożizzjonijiet tagħhom fl-entitajiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni prinċipali tal-UE li tikkwalifika bħala istituzzjoni kbira;

(b) l-istituzzjoni prinċipali tal-UE li tikkwalifika bħala istituzzjoni kbira ***ħlief jekk tkun affiljata ma' korp ċentrali, f'liema każ, l-idoneità tal-membri tal-korp ta' ġestjoni tal-korp ċentrali biss għandha tiġi vvalutata ex ante***;

(c) korp ċentrali li jikkwalifika bħala istituzzjoni kbira jew li jissorvelja istituzzjonijiet kbar affiljati miegħu;

(d) istituzzjoni awtonoma fl-UE li tikkwalifika bħala istituzzjoni kbira;

(e) sussidjarja rilevanti;

(f) il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji prinċipali fi Stat Membru, kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta prinċipali fi Stat Membru, kumpaniji azzjonarji finanzjarjii prinċipali tal-UE u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta prinċipali tal-UE, li jkollhom istituzzjonijiet kbar jew sussidjarji rilevanti fil-grupp tagħhom.

Madankollu, meta jkun strettament neċessarju li membru tal-korp ta' ġestjoni jiġi ssostitwit minnufih, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jwettqu l-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp ta' ġestjoni wara li jieħdu l-pożizzjonijiet tagħhom. L-entitajiet għandhom ▌jiġġustifikaw kif xieraq ***il-ħtieġa ta' tali*** sostituzzjoni immedjata.

9. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, l-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifika l-informazzjoni jew id-dokumenti ta' akkumpanjament meħtieġa li jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet kompetenti għat-twettiq tal-valutazzjoni tal-idoneità.

L-ABE għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

10. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar il-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għall-għoti tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2. ***Meta tiżviluppa l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni, l-ABE għandha tqis il-prattiki u l-għodod eżistenti.***

L-ABE għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Is-setgħa hija mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 91c*

***Kriterji u valutazzjoni tal-idoneità mill-entitajiet tat-titolari ta' funzjonijiet ewlenin***

1. L-entitajiet kif imsemmijin fl-Artikolu 91(1) għandu jkollhom ir-responsabbiltà primarja li jiżguraw li t-titolari ta' funzjonijiet ewlenin ikunu ta' reputazzjoni tajba, ikollhom onestà u integrità u jkollhom l-għarfien, il-ħiliet u l-esperjenza neċessarji sabiex iwettqu dmirijiethom f'kull ħin.

2. Meta l-entitajiet jikkonkludu, fuq il-bażi tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, li l-persuna ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu, huma ma għandhomx jaħtru dik il-persuna bħala titolari ta' funzjoni ewlenija. L-entitajiet għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw il-funzjonament xieraq ta' dik il-pożizzjoni***, inkluż is-sostituzzjoni tat-titolari ta' funzjoni ewlenija jekk dik il-persuna ma tibqax tikkonforma mal-kriterji ta' idoneità***.

3. L-entitajiet għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar l-idoneità tat-titolari ta' funzjonijiet ewlenin tibqa' aġġornata. Meta jintalbu jagħmlu dan, l-entitajiet għandhom jikkomunikaw dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti.

*Artikolu 91d*

***Valutazzjoni tal-idoneità mill-awtoritajiet kompetenti tal-kapijiet tal-funzjonijiet ta' kontroll intern u tal-uffiċjal kap finanzjarju***

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li qabel ma l-kapijiet tal-funzjonijiet ta' kontroll intern u l-uffiċjal kap finanzjarju jieħdu l-pożizzjonijiet tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw jekk huma jissodisfawx il-kriterji ta' idoneità stabbiliti fl-Artikolu 91c(1), meta dawk il-kapijiet jew l-uffiċjal ikunu se jinħatru għal rwoli fl-entitajiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni prinċipali tal-UE li tikkwalifika bħala istituzzjoni kbira;

(b) l-istituzzjoni prinċipali tal-UE li tikkwalifika bħala istituzzjoni kbira***, ħlief jekk tkun affiljata ma' korp ċentrali, f'liema każ, għandha tiġi vvalutata biss l-idoneità tal-kapijiet tal-funzjonijiet ta' kontroll intern u tal-uffiċjal kap finanzjarju tal-korp ċentrali;***

(c) korp ċentrali li jikkwalifika bħala istituzzjoni kbira jew li jissorvelja istituzzjonijiet kbar affiljati miegħu;

(d) istituzzjoni awtonoma fl-UE li tikkwalifika bħala istituzzjoni kbira;

(e) sussidjarja rilevanti ***meta tkun istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru***.

2. Għall-valutazzjoni tal-idoneità tal-kapijiet tal-funzjonijiet ta' kontroll intern u tal-uffiċjal kap finanzjarju kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-entitajiet imsemmijin f'dan il-paragrafu għandhom jippreżentaw l-applikazzjoni inizjali tal-persuna kkonċernata lill-awtoritajiet kompetenti mingħajr dewmien żejjed wara li titlesta l-valutazzjoni interna

tal-idoneità. Din l-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-informazzjoni u mid-dokumentazzjoni neċessarja kollha biex l-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-valutazzjoni tal-idoneità b'mod effettiv.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikonoxxu bil-miktub il-wasla tal-applikazzjoni u tad-dokumentazzjoni meħtieġa f'konformità mal-paragrafu 2 fi żmien jumejn ta' xogħol.

***L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lill-awtorità kompetenti għas-superviżjoni tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849, biex jikkonsultaw, fil-kuntest tal-verifiki tagħhom, u fuq bażi ta' sensittività għar-riskju, l-informazzjoni rilevanti dwar il-kapijiet tal-funzjonijiet ta' kontroll intern u l-uffiċjal kap finanzjarju. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu wkoll li jkollhom aċċess għall-bażi tad-data ċentrali tal-AML/CFT imsemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għat-twaqqif ta' Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus – COM/2021/421 final]. L-awtorità kompetenti għas-superviżjoni tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849 għandha tiddeċiedi jekk għandhiex tilqa' tali talba jew le.***

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-idoneità tal-kapijiet tal-funzjonijiet ta' kontroll intern u tal-uffiċjal kap finanzjarju fi żmien ***60*** jum ta' xogħol ("perjodu ta' valutazzjoni") mid-data tar-rikonoxximent bil-miktub imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

4. L-awtoritajiet kompetenti li jitolbu ▌ informazzjoni jew dokumentazzjoni addizzjonali ***mill-entitajiet imsemmijin fil-paragrafu 1 jew minn awtoritajiet oħra jew li jwettqu*** intervisti jew seduti, jistgħu jestendu l-perjodu ta' valutazzjoni għal massimu ta' ***20*** jum ta' xogħol. Madankollu, il-perjodu ta' valutazzjoni ma għandux jaqbeż ***id-90*** jum ta' xogħol. It-talba għal informazzjoni jew għal dokumentazzjoni addizzjonali għandha ssir bil-miktub u għandha tkun speċifika. L-entitajiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jirrikonoxxu l-wasla tat-talba għal informazzjoni jew għal dokumentazzjoni addizzjonali fi żmien jumejn ta' xogħol u jipprovdu l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni addizzjonali mitluba fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-rikonoxximent bil-miktub tat-talba mill-awtoritajiet kompetenti. ***Jekk l-entitajiet jonqsu milli jipprovdu l-informazzjoni mitluba sa din l-iskadenza, dan għandu jwassal biex il-proċedura tingħalaq mingħajr valutazzjoni ulterjuri mill-awtorità kompetenti. L-għeluq tal-proċedura għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-entità tissottometti applikazzjoni ġdida.***

5. Hekk kif kwalunkwe fatt ġdid jew kwistjonijiet oħra li jistgħu jaffettwaw l-idoneità ***tal-kapijiet tal-funzjonijiet ta' kontroll intern u tal-uffiċjal kap finanzjarju*** jkunu magħrufa mill-entitajiet imsemmijin fil-paragrafu 1 jew ***mill-kapijiet jew mill-uffiċjal***, l-entitajiet imsemmijin f'dak il-paragrafu għandhom jinformaw mingħajr dewmien żejjed lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti dwarhom.

***5a.Meta l-awtorità kompetenti ssir konxja li l-informazzjoni rilevanti dwar l-idoneità tal-kapijiet tal-funzjonijiet ta' kontroll intern u tal-uffiċjal kap finanzjarju tkun inbidlet u tali bidla tista' taffettwa l-idoneità tal-kapijiet jew tal-uffiċjal ikkonċernati, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta mill-ġdid l-idoneità tagħhom.***

6. Meta l-kapijiet tal-funzjonijiet ta' kontroll intern u l-uffiċjal kap finanzjarju ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 91c(1), jew meta l-entitajiet imsemmijin

fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma jikkonformawx mal-obbligi u mal-iskadenzi fil-paragrafi 2 u 4 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat neċessarji sabiex:

(a) jipprevjenu lil tali kapijiet jew uffiċjal milli jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu;

(b) ***jissospendu jew*** ineħħu lit-tali kapijiet jew uffiċjal;

(c) jirrikjedu li l-entitajiet imsemmijin fil-paragrafu 1 jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li t-tali kapijiet jew uffiċjal ikkonċernat ikun idoneu għall-pożizzjoni kkunsidrata.

7. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifika l-informazzjoni jew id-dokumenti ta' akkumpanjament meħtieġa li jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet kompetenti għat-twettiq tal-valutazzjoni tal-idoneità.

L-ABE għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

8. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar il-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għall-għoti tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2. ***Meta tiżviluppa l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni, l-ABE għandha tqis il-prattiki u l-għodod eżistenti.***

L-ABE għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Is-setgħa hija mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▌9. L-ABE għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, ***dwar l-issodisfar tar-rekwiżiti tal-Artikolu 91c u dwar l-iffaċilitar tal-implimentazzjoni*** u l-applikazzjoni konsistenti tar-rekwiżiti proċedurali stipulati fl-Artikoli minn 91a sa 91d ta' din id-Direttiva u l-applikazzjoni tas-setgħat u tal-azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 91b(7) u 91d(6) ta' din id-Direttiva. L-ABE għandha toħroġ dawk il-linji gwida sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta din id-Direttiva].";

(22) l-Artikolu 92 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punti (e) u (f) jiġu sostwiti b'dan li ġej:

"(e) persunal fil-funzjonijiet ta' kontroll intern ikunu indipendenti mill-unitajiet tan-negozju li jissorveljaw, ikollhom l-awtorità adatta, u jkunu remunerati f'konformità mal-ilħuq tal-objettivi marbutin mal-funzjonijiet tagħhom,

indipendentement mill-prestazzjoni tal-oqsma tan-negozju li jikkontrollaw;

(f) ir-remunerazzjoni tal-persunal anzjan fil-funzjonijiet ta' kontroll intern tkun issorveljata direttament mill-kumitat għar-remunerazzjoni msemmi fl-Artikolu 95 jew, jekk tali kumitat ma jkunx ġie stabbilit, mill-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu;";

(b) fil-paragrafu 3, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) il-membri tal-persunal b'responsabbiltà maniġerjali fuq il-funzjonijiet ta' kontroll intern jew fuq l-unitajiet tan-negozju materjali tal-istituzzjoni;";

(23) l-Artikolu 94 huwa emendat kif ġej:

***(-a) fil-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"(a) meta r-remunerazzjoni tkun irrelatata mal-prestazzjoni, l-ammont totali tar-remunerazzjoni jkun ibbażat fuq kombinazzjoni tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-individwu u tal-unità tan-negozju kkonċernata u tar-riżultati ġenerali tal-istituzzjoni u meta ssir il-valutazzjoni tal-prestazzjoni individwali, għandhom jitqiesu kriterji finanzjarji u mhux finanzjarji, inkluż it-trattament tar-riskji msemmija fl-Artikolu 76, il-paragrafu 2;";***

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (g)(ii), il-ħames inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"- l-istituzzjoni għandha, mingħajr dewmien, tinforma lill-awtorità kompetenti dwar id-deċiżjonijiet meħudin mill-azzjonisti jew mis-sidien jew mill-membri tagħha, inkluż kwalunkwe proporzjon massimu ogħla skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt, u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw l-informazzjoni li taslilhom biex jivvalutaw b'mod komparattiv il-prattiki tal-istituzzjonijiet f'dak ir-rigward. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu dawk il-valutazzjonijiet komparattivi lill-ABE, li għandha tippubblikahom fuq bażi aggregata skont l-Istat Membru domiċiljari f'format ta' rappurtar komuni. L-ABE tista' wkoll tfassal linji gwida sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' dan l-inċiż u tiżgura l-konsistenza tal-informazzjoni miġbura;";

(b) fil-paragrafu 2, it-tielet subparagrafu, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) responsabbiltà maniġerjali u funzjonijiet ta' kontroll intern;";

(c) fil-paragrafu 3, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

'(a) istituzzjoni li ma tkunx istituzzjoni kbira u li l-valur tal-assi tagħha jkun fil-medja u fuq bażi individwali f'konformità ma' din id-Direttiva u mar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ugwali għal EUR 5 biljun jew anqas tul il-perjodu ta' erba' snin immedjatament qabel is-sena finanzjarja kurrenti;";

***(23a) fl-Artikolu 97(4), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"Meta jwettqu rieżami u evalwazzjoni msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-prinċipju tal-proporzjonalità f'konformità mal-kriterji ddivulgati skont il-punt (c) tal-Artikolu 143(1). B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-elementi li ġejjin:***

*(a) jekk l-entità hijiex G-SII skont il-punt 133 tal-Artikolu 4, il-paragrafu 1, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;*

*(b) jekk l-entità u s-sussidjarji tagħha humiex relatati f'konformità mal-Artikolu 22, il-paragrafu 7, tad-Direttiva 2013/34/UE u d-drittijiet nazzjonali applikabbli jirrikjedu impriżi affiljati biex jallokaw il-profitti prinċipalment għall-interessi komuni tal-membri;*

*(c) jekk is-sussidjarji humiex istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi skont il-punt 145 tal-Artikolu 4, il-paragrafu 1, tar-Regolament (UE) 575/2013, jew istituzzjonijiet inqas sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 6, il-paragrafu 4, tar-Regolament (UE) 1024/2013.";*

***(23b) fl-Artikolu 98(1), jiżdied il-punt li ġej:***

***"(ia) il-punt sa fejn l-istituzzjonijiet ikunu stabbilew politiki xierqa u azzjonijiet operazzjonali marbuta mal-miri u l-istadji importanti definiti fil-pjanijiet imsemmijin fl-Artikolu 76(2).";***

(24) fl-Artikolu 98, jiżdied il-paragrafu 9 li ġej:

"9. Ir-rieżami u l-evalwazzjoni mwettqin mill-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkludu l-valutazzjoni tal-proċessi ta' governanza u ta' ġestjoni tar-riskji tal-istituzzjonijiet sabiex jiġu indirizzati r-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza, kif ukoll tal-iskoperturi tal-istituzzjonijiet għar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza. Fid-determinazzjoni tal-adegwatezza tal-proċessi u tal-iskoperturi tal-istituzzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-mudelli ta' negozju ta' dawk l-istituzzjonijiet.

***L-iskoperturi tal-istituzzjoni għar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza għandhom jiġu vvalutati wkoll abbażi tal-pjanijiet tal-istituzzjonijiet kif definit fl-Artikolu 76(2). Il-proċessi ta' governanza u ta' ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjonijiet fir-rigward tar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza għandhom jinġiebu f'konformità mal-objettivi stabbiliti f'dawk il-pjanijiet.***

***Ir-rieżami u l-evalwazzjoni mwettqin mill-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkludu l-pjanijiet u l-miri tal-istituzzjonijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 76(2), kif ukoll il-progress li sar lejn l-indirizzar tar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza li jirriżultaw mill-proċess ta' aġġustament lejn in-newtralità klimatika sal-2050, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119, kif ukoll lejn objettivi ta' politika rilevanti oħra tal-Unjoni b'rabta ma' fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza.";***

(25) fl-Artikolu 100, jiżdiedu l-paragrafi 3 u 4 li ġejjin:

'3. L-istituzzjonijiet u kwalunkwe terza persuna li taġixxi f'kapaċità ta' konsultazzjoni mal-istituzzjonijiet għandhom iżommu lura minn attivitajiet li jistgħu jfixklu t-test tal-istress, bħall-valutazzjoni komparattiva, l-iskambju ta' informazzjoni bejniethom, ftehimiet dwar imġiba komuni, jew l-ottimizzazzjoni tas-sottomissjonijiet tagħhom fit-

testijiet tal-istress. Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet rilevanti oħrajn stipulati f'din id-Direttiva u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħat kollha ta' ġbir ta' informazzjoni u investigattivi li jkunu neċessarji sabiex jidentifikaw dawk l-azzjonijiet.

4. L-ABE, l-EIOPA u l-AETS għandhom, permezz tal-Kumitat Konġunt imsemmi fl-Artikolu 54 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010, jiżviluppaw linji gwida sabiex jiżguraw li l-konsistenza, il-kunsiderazzjonijiet fit-tul u l-istandards komuni għall-metodoloġiji ta' valutazzjoni jiġu integrati fl-ittestjar tal-istress tar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza. ***Il-Kumitat Konġunt għandu jippubblika dawk il-linji gwida sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].*** L-ABE, l-EIOPA u l-AETS għandhom, permezz tal-Kumitat Konġunt imsemmi fl-Artikolu 54 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010, jesploraw kif ir-riskji relatati mas-soċjetà u mal-governanza jistgħu jiġu integrati fl-ittestjar tal-istress.";

(26) l-Artikolu 104 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) is-sentenza introduttorja tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Għall-finijiet tal-Artikolu 97, tal-Artikolu 98(4) u (5) u (9), tal-Artikolu 101(4) u tal-Artikolu 102 ta' din id-Direttiva u tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandu tal-anqas ikollhom is-setgħa li:"

(ii) jiżdied il-punt (m) li ġej:

"(m) li jeħtieġu li l-istituzzjonijiet inaqqsu r-riskji li jirriżultaw min-nuqqas ta' allinjament tal-istituzzjonijiet mal-objettivi ta' politika rilevanti tal-Unjoni u max-xejriet ta' tranżizzjoni usa' relatati mal-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza fuq it-terminu qasir, medju u fit-tul, inkluż permezz ta' aġġustamenti għall-mudelli ta' negozju, għall-istrateġiji ta' governanza u għall-ġestjoni tar-riskju tagħhom.";

***(iia) jiżdied il-punt (ma) li ġej:***

***"(ma) jirrikjedu t-tisħiħ tal-miri, tal-miżuri u tal-azzjonijiet inklużi fil-pjanijiet li għandhom jitħejjew f'konformità mal-Artikolu 76(2) meta jitqies li ż-żamma tal-miri, tal-miżuri u tal-azzjonijiet eżistenti toħloq riskji materjali għas-solidità prudenzjali ta' istituzzjoni fit-terminu qasir, medju u fit-tul.";***

(b) jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

'3. L-ABE għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, sabiex tispeċifika kif l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jidentifikaw li r-riskji tal-aġġustament fil-valwazzjoni tal-kreditu (CVA) tal-istituzzjonijiet, imsemmijin fl-Artikolu 381 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, joħolqu riskji eċċessivi għas-solidità ta' dawk l-istituzzjonijiet.";

(27) l-Artikolu 104a huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta fondi proprji addizzjonali huma meħtieġa sabiex jindirizzaw ir-riskju ta' lieva finanzjarja eċċessiva mhux koperti biżżejjed mill-Artikolu 92(1), il-punt (d), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-livell tal-fondi proprji addizzjonali meħtieġa skont il-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu bħala d-differenza bejn il-kapital meqjus adegwat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, ħlief għall-ħames subparagrafu tiegħu, u r-rekwiżiti ta' fondi proprji rilevanti stabbiliti fil-Partijiet Tlieta u Sebgħa tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.";

(b) jiżdiedu l-paragrafi 6 u 7 li ġejjin:

'6. Meta istituzzjoni ssir marbuta bil-minimu tal-output, għandu japplika dan li ġej ***biex jiġi evitat l-għadd doppju tar-riskji fil-pilastru II***:

(a) l-ammont nominali ta' fondi proprji addizzjonali meħtieġa mill-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 104(1), il-punt (a), sabiex jiġu indirizzati r-riskji għajr ir-riskju ta' lieva eċċessiva ma għandux jiżdied bħala riżultat tal-irbit tal-istituzzjonijiet bil-minimu tal-output;

(b) l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni għandha, mingħajr dewmien żejjed, u mhux aktar tard ***minn 6 xhur qabel it-tmiem*** tal-proċess ta' rieżami u ta' evalwazzjoni li jmiss, tirrieżamina l-fondi proprji addizzjonali li kienet teħtieġ mill-istituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 104(1), il-punt (a), u tneħħi kwalunkwe parti minnhom li tgħodd darbtejn ir-riskji li diġà jkunu koperti bis-sħiħ mill-fatt li l-istituzzjoni tkun marbuta bil-minimu tal-output.

***Hekk kif l-awtorità kompetenti tkun ikkompletat ir-rieżami fil-punt (b), il-punt (a) ma għandux jibqa' japplika.***

***Fis-snin sussegwenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu dan ta' hawn fuq fil-kuntest tal-proċess ta' rieżami u ta' evalwazzjoni superviżorji regolari.***

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u tal-Artikoli 131 u 133 ta' din id-Direttiva, istituzzjoni għandha titqies bħala marbuta bil-minimu tal-output meta l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju tal-istituzzjoni kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 92(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jaqbeż l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju mingħajr minimu tagħha kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 92(4) ta' dan ir-Regolament.

***6a. L-ABE, sat-30 ta' Ġunju 2023, għandha toħroġ linji gwida li jikkomplementaw il-linji gwida tagħha tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar proċeduri u metodoloġija komuni għall-proċess ta' rieżami u ta' evalwazzjoni superviżorji, li għandhom jispeċifikaw aktar kif għandhom jitħaddmu r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 6, u b'mod partikolari:***

***(a) kif l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirriflettu fil-proċess ta' rieżami u ta' evalwazzjoni superviżorji tagħhom il-fatt li istituzzjoni tkun intrabtet bil-minimu tal-output;***

***(b) kif l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet kompetenti għandhom jikkomunikaw u jiddivulgaw l-impatt fuq ir-rekwiżiti superviżorji ta' istituzzjoni li tintrabat bil-minimu tal-output.***

7. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, dment li istituzzjoni tkun marbuta bil-minimu tal-output, l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni ma għandhiex timponi rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali li jgħodd darbtejn ir-riskji li diġà jkunu koperti bis-sħiħ mill-fatt li l-istituzzjoni tkun marbuta bil-minimu tal-output.";

***(27a) fl-Artikolu 104b, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:***

***"4a. Meta istituzzjoni tintrabat bil-minimu tal-output, l-awtorità kompetenti tagħha tista' tirrieżamina l-gwida tagħha dwar fondi addizzjonali kkomunikati lill-istituzzjoni rispettiva biex tiżgura li l-kalibrazzjoni tagħha tibqa' xierqa."***

(28) fl-Artikolu 106, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. L-Istati Membri għandhom jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jirrikjedu li l-istituzzjonijiet:

(a) jippubblikaw l-informazzjoni msemmija fil-Parti Tmienja tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 aktar minn darba fis-sena ▌;

***(aa) jistipulaw skadenzi għas-sottomissjoni tal-informazzjoni ta' divulgazzjoni lill-ABE mill-istituzzjonijiet għajr dawk żgħar u mhux kumplessi, biex din tiġi ppubblikata fuq sit web ċentralizzat tal-ABE;***

(b) jużaw media u postijiet speċifiċi għal pubblikazzjonijiet għajr is-sit web tal-ABE għal divulgazzjonijiet ċentralizzati jew għar-rapporti finanzjarji tal-istituzzjonijiet.;

***Filwaqt li tqis id-dispożizzjonijiet inklużi fil-Parti Tmienja tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-ABE għandha toħroġ linji gwida f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 biex tispeċifika r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. L-ABE għandha toħroġ dawk il-linji gwida sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].***";

(29) L-Artikolu 121 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-kumpanija azzjonarja finanzjarja jew għall-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta f'konformità mal-Artikolu 21a(1), l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-membri tal-korp ta' ġestjoni ta' kumpanija azzjonarja finanzjarja jew ta' kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta jkunu ta' reputazzjoni tajba biżżejjed u jkollhom għarfien, ħiliet u esperjenza suffiċjenti kif imsemmijin fl-Artikolu 91(1) biex iwettqu dawn id-dmirijiet, filwaqt li jqisu r-rwol speċifiku ta' kumpanija azzjonarja finanzjarja jew ta' kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta".

(30) Fit-Titolu VII, il-Kapitolu 3, tiddaħħal it-Taqsima 0 li ġejja:

## "Taqsima 0

## Applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu għal gruppi ta' ditti tal-investiment

*Artikolu 110a*

**Kamp ta' applikazzjoni għal gruppi ta' ditti tal-investiment**

Dan il-Kapitolu japplika għal gruppi ta' ditti tal-investiment, kif definiti fl-Artikolu 4(1), il-punt (25) tar-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, meta tal-anqas ditta tal-investiment waħda f'dak il-grupp tkun soġġetta għar-Regolament (UE) Nru 575/2013 skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033[*14].

Dan il-Kapitolu ma japplikax għal gruppi ta' ditti tal-investiment meta l-ebda ditta tal-investiment f'dak il-grupp ma tkun soġġetta għar-Regolament (UE) Nru 575/2013 skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033.";

______

[*14] Ir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 575/2013, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 806/2014 (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 1).";

(31) l-Artikolu 131 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 5, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Meta O-SII ssir marbuta bil-minimu tal-output, l-awtorità kompetenti jew innominata tagħha, kif applikabbli, ***tista'*** tirrieżamina r-rekwiżit ta' riżerva ta' O-SII tal-istituzzjonijiet biex tiżgura li l-kalibrazzjoni tagħha tibqa' adattata.";

(b) fil-paragrafu 5a, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fi żmien sitt ġimgħat minn meta tasal in-notifika msemmija fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, il-BERS għandu jipprovdi opinjoni lill-Kummissjoni dwar jekk ir-riżerva ta' O-SII titqiesx xierqa. L-ABE tista' wkoll tagħti lill-Kummissjoni l-opinjoni tagħha dwar ir-riżerva f'konformità mal-Artikolu 16a(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

▌

(32) l-Artikolu 133 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li jkun possibbli li tiġi stabbilita riżerva għar-riskju sistemiku tal-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni għas-settur finanzjarju jew għal subsett wieħed jew aktar ta' dak is-settur fuq l-iskoperturi kollha jew fuq subsett tagħhom kif imsemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, biex jipprevjeni u jtaffi r-riskji makroprudenzjali jew sistemiċi li ma humiex koperti bir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u bl-Artikoli 130 u 131 ta' din id-Direttiva, ***inklużi r-riskji tat-tibdil fil-klima,*** fis-sens ta' riskju ta' tħarbit fis-

sistema finanzjarja bil-potenzjal ta' konsegwenzi negattivi serji għas-sistema finanzjarja u għall-ekonomija reali fi Stat Membru speċifiku.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. Meta istituzzjoni tkun marbuta bil-minimu tal-output, għandhom japplikaw dawn it-tnejn li ġejjin:

(a) l-ammont ta' kapital CET1 li huwa meħtieġ li jkollha f'konformità mal-ewwel subparagrafu għandu jkun limitat bl-ammont li ġej:

$$r_T \cdot E_T^* + \sum_i r_i \cdot E_i^*$$

meta:

$E_T$ = l-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju mingħajr minimu tal-istituzzjoni kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 92(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013";

$E_i$ = l-ammont tal-iskopertura għar-riskju mingħajr minimu tal-istituzzjoni għas-subsett ta' skoperturi kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 92(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

$r_T$, $r_i$ = $r_T$ u $r_i$ kif definiti fl-ewwel subparagrafu.

(b) l-awtorità kompetenti jew innominata, kif applikabbli, ***tista'*** tirrieżamina l-kalibrazzjoni tar-rata jew tar-rati tar-riżerva għar-riskju sistemiku, kif applikabbli, sabiex tiżgura li jibqgħu xierqa u ma jingħaddux darbtejn ir-riskji li diġà jkunu koperti mill-fatt li l-istituzzjoni tkun marbuta bil-minimu tal-output.

Il-kalkolu fil-punt (a) għandu japplika sakemm l-awtorità nnominata tkun lestiet ir-reviżjoni stabbilita fil-punt (b) u tkun ippubblikat deċiżjoni ġdida dwar il-kalibrazzjoni tar-rata jew tar-rati tar-riżerva għar-riskju sistemiku f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu. Minn dak il-mument, ma għandux jibqa' japplika l-massimu fil-punt (a).";

(c) fil-paragrafu 8, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

'(c) ir-riżerva għar-riskju sistemiku ma għandhiex tintuża sabiex tindirizza kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(i) riskji li huma koperti mill-Artikoli 130 u 131;

(ii) riskji li huma koperti bis-sħiħ mill-kalkolu stabbilit fl-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.";

(e) il-paragrafi 11 u 12 jiġu sostwiti b'dan li ġej:

"11. Meta l-iffissar jew l-iffissar mill-ġdid ta' rata jew rati ta' riżerva għar-riskju sistemiku fuq kwalunkwe sett jew subsett ta' skoperturi msemmijin fil-paragrafu 5 soġġetti għal riżerva waħda jew aktar għar-riskju sistemiku jirriżulta f'rata kombinata ta' riżerva għar-riskju sistemiku f'livell ogħla minn 3 % u sa 5 % għal kwalunkwe waħda minn dawk l-iskoperturi, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata tal-Istat Membru li tiffissa r-riżerva għandha titlob l-

opinjonijiet tal-Kummissjoni u tal-BERS fin-notifika ppreżentata f'konformità mal-paragrafu 9.

Fi żmien xahar mill-wasla tan-notifika msemmija fil-paragrafu 9, il-BERS għandu jipprovdi opinjoni lill-Kummissjoni dwar jekk ir-rata jew ir-rati tar-riżerva għar-riskju sistemiku jitqisux adattati. Fi żmien xahrejn mill-wasla tan-notifika, il-Kummissjoni, filwaqt li tqis il-valutazzjoni tal-BERS, għandha tipprovdi l-opinjoni tagħha dwar jekk tqisx li r-rata jew ir-rati tar-riżerva għar-riskju sistemiku ma jinvolvux effetti negattivi sproporzjonati fuq is-sistema finanzjarja kollha jew partijiet minnha ta' Stati Membri oħrajn jew tal-Unjoni kollha kemm hi li jifformaw jew joħolqu ostakolu għall-funzjonament xieraq tas-suq intern.

Meta l-opinjoni tal-Kummissjoni tkun negattiva, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata, skont kif japplika, tal-Istat Membru li jistabbilixxi r-riżerva għar-riskju sistemiku għandha tikkonforma ma' dik l-opinjoni jew tagħti r-raġunijiet għalfejn ma għamlitx dan.

Meta istituzzjoni waħda jew aktar li għalihom japplikaw rata waħda jew aktar tar-riżerva għar-riskju sistemiku tkun sussidjarja li l-kumpanija prinċipali tagħha tkun stabbilita fi Stat Membru ieħor, fl-opinjonijiet tagħhom, il-BERS u l-Kummissjoni għandhom jikkunsidraw ukoll jekk l-applikazzjoni tar-rata jew tar-rati tar-riżerva għar-riskju sistemiku għal dawk l-istituzzjonijiet titqiesx xierqa.

Meta l-awtoritajiet tal-istituzzjoni sussidjarja u ta' dik prinċipali ma jaqblux fuq ir-rata jew ir-rati tar-riżerva għar-riskju sistemiku applikabbli għal dik l-istituzzjoni u fil-każ ta' opinjoni negattiva kemm mill-Kummissjoni kif ukoll mill-BERS, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata, skont kif japplika, tista' tirreferi l-kwistjoni lill-ABE u titlob l-assistenza tagħha f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Id-deċiżjoni sabiex tiġi stabbilita rata jew rati tar-riżerva għar-riskju sistemiku għal dawk l-iskoperturi għandha tiġi sospiża sakemm l-ABE tieħu deċiżjoni.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, ir-rikonoxximent tar-rata tar-riżerva għar-riskju sistemiku stabbilita minn Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikolu 134 ma għandux jgħodd għal-limiti msemmijin fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

12. Fejn l-iffissar jew l-iffissar mill-ġdid tar-rata jew tar-rati tar-riżerva għar-riskju sistemiku fuq kull sett jew subsett tal-iskoperturi msemmijin fil-paragrafu 5 soġġett għal rata waħda jew aktar tar-riżerva għar-riskju sistemiku jirriżulta f'rata kombinata ta' riżerva għal riskju sistemiku ogħla minn 5 % għal kwalunkwe waħda minn dawk l-iskoperturi, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata, skont kif japplika, għandha titlob l-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni qabel l-implimentazzjoni tar-riżerva għar-riskju sistemiku.

Fi żmien sitt ġimgħat minn meta tasal in-notifika msemmija fil-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu, il-BERS għandu jipprovdi opinjoni lill-Kummissjoni dwar jekk ir-riżerva tar-riskju sistemiku titqiesx xierqa. L-ABE tista' wkoll tagħti lill-Kummissjoni l-opinjoni tagħha dwar dik ir-riżerva għar-riskju sistemiku f'konformità mal-Artikolu 16a(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, fi żmien sitt ġimgħat mill-wasla tan-notifika.

Fi żmien tliet xhur mill-wasla tan-notifika msemmija fil-paragrafu 9, il-Kummissjoni, filwaqt li tqis il-valutazzjoni tal-BERS u tal-ABE, fejn rilevanti, u jekk tkun sodisfatta li r-rata jew ir-rati tar-riżerva għar-riskju sistemiku ma jinvolvux effetti negattivi sproporzjonati fuq is-sistema finanzjarja kollha jew fuq partijiet minnha ta' Stati Membri oħrajn jew fl-Unjoni inġenerali li jwasslu sabiex jiġi fformat jew jinħoloq ostakolu għall-funzjonament xieraq tas-suq intern, għandha tadotta att li jawtorizza lill-awtorità kompetenti jew lill-awtorità nnominata, skont kif japplika, sabiex tadotta l-miżura proposta.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, ir-rikonoxximent tar-rata tar-riżerva għar-riskju sistemiku stabbilita minn Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikolu 134 ma għandux jgħodd għal-limitu msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.";

(33) l-Artikolu 142 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) pjan u skeda ta' żmien għaż-żieda tal-fondi proprji bl-objettiv li jiġi ssodisfat bis-sħiħ ir-rekwiżit ta' riżerva kkombinata jew, fejn applikabbli, ir-rekwiżit ta' riżerva tal-proporzjon tal-lieva;";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'3. L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-pjan ta' konservazzjoni ta' kapital, u għandha tapprova l-pjan biss jekk tqis li, jekk jiġi implimentat, ikun raġonevolment probabbli li l-pjan jikkonserva jew jakkumula kapital suffiċjenti biex jippermetti lill-istituzzjoni tissodisfa r-rekwiżit ta' riżerva kkombinata tagħha jew, fejn applikabbli, ir-rekwiżit ta' riżerva tal-proporzjon tal-lieva tagħha f'perjodu ta' żmien li jitqies xieraq mill-awtorità kompetenti.";

(c) fil-paragrafu 4, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

'(b) teżerċita s-setgħat tagħha skont l-Artikolu 102 biex timponi restrizzjonijiet aktar stringenti fuq id-distribuzzjonijiet minn dawk meħtieġa mill-Artikoli 141 u 141b, kif ikun applikabbli.";

***(33a) fl-Artikolu 145, jiżdied il-punt li ġej:***

***'(ia) il-kontenut u l-format tal-pjanijiet ta' tranżizzjoni msemmijin fl-Artikolu 76 biex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti ta' din id-Direttiva.";***

(34) fl-Artikolu 161, jitħassar il-paragrafu 3.

*Artikolu 2*

**Emendi għad-Direttiva 2014/59/UE**

Id-Direttiva 2014/59/UE*[15] hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 27, jiżdiedu l-paragrafi 6, 7 u 8 li ġejjin:

'6. Meta jinħatru membri ġodda tal-korp ta' ġestjoni jew tal-maniġment superjuri skont dan l-Artikolu u l-Artikolu 28 ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-valutazzjoni tal-membri tal-korp ta' ġestjoni kif meħtieġ mill-Artikolu 91b(1) tad-Direttiva 2013/36/UE u tat-titolari ta' funzjonijiet

ewlenin kif meħtieġ mill-Artikolu 91d(1) ta' dik id-Direttiva biss wara li jieħdu l-pożizzjoni tagħhom.

L-Artikolu 91a(2) u l-Artikolu 91c(2) tad-Direttiva 2013/36/UE ma għandhomx japplikaw għall-ħatra ta' membri ġodda tal-korp ta' ġestjoni jew tal-maniġment superjuri msemmijin fl-ewwel subparagrafu.

7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li jwettqu l-valutazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 6 mingħajr dewmien żejjed. Għandhom ilestu l-valutazzjonijiet sa mhux aktar tard minn 20 jum ta' xogħol mid-data li fiha jirċievu n-notifika tal-ħatra.

8. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformaw lill-awtorità ta' riżoluzzjoni mingħajr dewmien żejjed dwar l-eżitu tal-valutazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 6.";

(2) fl-Artikolu 34, jiżdiedu l-paragrafi 7, 8, u 9 li ġejjin:

"7. Meta jinħatru membri ġodda tal-korp ta' ġestjoni jew tal-maniġment superjuri skont dan l-Artikolu u l-Artikolu 63 ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-valutazzjoni tal-membri tal-korp ta' ġestjoni kif meħtieġ mill-Artikolu 91b(1) tad-Direttiva 2013/36/UE u tat-titolari ta' funzjonijiet ewlenin kif meħtieġ mill-Artikolu 91d(1) ta' din id-Direttiva biss wara li jieħdu l-pożizzjoni tagħhom.

L-Artikolu 91a(2) u l-Artikolu 91c(2) tad-Direttiva 2013/36/UE ma għandhomx japplikaw għall-ħatra ta' membri ġodda tal-korp ta' ġestjoni jew tal-maniġment superjuri msemmijin fl-ewwel subparagrafu.

L-ewwel u t-tieni subparagrafi għandhom japplikaw ukoll għall-valutazzjoni tal-membri tal-korp ta' ġestjoni tal-istituzzjoni tranżitorja nnominata skont l-Artikolu 41 immedjatament wara li tittieħed azzjoni ta' riżoluzzjoni.

8. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li jwettqu l-valutazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 7 mingħajr dewmien żejjed. Għandhom ilestu l-valutazzjonijiet sa mhux aktar tard minn 20 jum ta' xogħol mid-data li fiha jirċievu n-notifika tal-ħatra.

9. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformaw lill-awtorità ta' riżoluzzjoni mingħajr dewmien żejjed dwar l-eżitu tal-valutazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 7.";

________

*15 Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173 12.6.2014, p. 190)

*Artikolu 3*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sa mhux aktar tard minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva

emendatorja], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amminstrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = jum wara d-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva emendatorja].

Madankollu, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex tinżamm konformità mal-emendi stabbiliti fl-Artikolu 1, il-punt (8), dwar is-superviżjoni prudenzjali ta' fergħat ta' pajjiżi terzi għandhom japplikaw minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar mid-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva emendatorja].

B'deroga mis-subparagrafu preċedenti, l-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar ir-rappurtar dwar il-fergħat ta' pajjiżi terzi fit-Titolu VI, il-Kapitolu 1, it-Taqsima II, is-Subtaqsima 4 tad-Direttiva 2013/36/UE, kif imdaħħlin minn din id-Direttiva, mid-data tal-applikazzjoni stipulata fit-tieni subparagrafu ta' dan l-Artikolu.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 5*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Emenda tad-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward tas-setgħat superviżorji, tas-sanzjonijiet, tal-fergħat ta' pajjiżi terzi, u tar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza, u emenda tad-Direttiva 2014/59/UE |
| **Referenzi** | COM(2021)0663 – C9-0395/2021 – 2021/0341(COD) |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 28.10.2021 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON<br>17.1.2022 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Jonás Fernández<br>25.10.2021 |
| **Eżami fil-kumitat** | 31.3.2022 20.4.2022 13.6.2022 31.8.2022 |
| **Data tal-adozzjoni** | 24.1.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 49<br>–: 2<br>0: 7 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Rasmus Andresen, Anna-Michelle Asimakopoulou, Marek Belka, Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Gilles Boyer, Engin Eroglu, Markus Ferber, Jonás Fernández, Giuseppe Ferrandino, Frances Fitzgerald, José Manuel García-Margallo y Marfil, Valentino Grant, Claude Gruffat, José Gusmão, Eero Heinäluoma, Michiel Hoogeveen, Danuta Maria Hübner, Stasys Jakeliūnas, France Jamet, Othmar Karas, Billy Kelleher, Georgios Kyrtsos, Philippe Lamberts, Aušra Maldeikienė, Pedro Marques, Csaba Molnár, Denis Nesci, Lefteris Nikolaou-Alavanos, Dimitrios Papadimoulis, Piernicola Pedicini, Sirpa Pietikäinen, Eva Maria Poptcheva, Evelyn Regner, Dorien Rookmaker, Joachim Schuster, Ralf Seekatz, Paul Tang, Irene Tinagli, Ernest Urtasun, Inese Vaidere, Johan Van Overtveldt, Stéphanie Yon-Courtin, Marco Zanni |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Herbert Dorfmann, Gianna Gancia, Eider Gardiazabal Rubial, Valérie Hayer, Eugen Jurzyca, Chris MacManus, Ville Niinistö, Erik Poulsen, René Repasi |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Susanna Ceccardi, Andor Deli, Pierre Larrouturou, Alessandro Panza |
| **Data tat-tressiq** | 10.2.2023 |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 49 | + |
|---|---|
| ECR | Denis Nesci |
| ID | Susanna Ceccardi, Gianna Gancia, Valentino Grant, Alessandro Panza, Marco Zanni |
| NI | Andor Deli |
| PPE | Anna-Michelle Asimakopoulou, Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Herbert Dorfmann, Markus Ferber, José Manuel Fernandes, Frances Fitzgerald, José Manuel García-Margallo y Marfil, Danuta Maria Hübner, Othmar Karas, Aušra Maldeikienė, Sirpa Pietikäinen, Ralf Seekatz, Inese Vaidere |
| Renew | Gilles Boyer, Engin Eroglu, Giuseppe Ferrandino, Valérie Hayer, Billy Kelleher, Georgios Kyrtsos, Eva Maria Poptcheva, Erik Poulsen, Stéphanie Yon-Courtin |
| S&D | Marek Belka, Jonás Fernández, Eider Gardiazabal Rubial, Eero Heinäluoma, Pierre Larrouturou, Pedro Marques, Csaba Molnár, Evelyn Regner, René Repasi, Joachim Schuster, Paul Tang, Irene Tinagli |
| Verts/ALE | Rasmus Andresen, Claude Gruffat, Stasys Jakeliūnas, Philippe Lamberts, Ville Niinistö, Piernicola Pedicini, Ernest Urtasun |

| 2 | - |
|---|---|
| ID | France Jamet |
| NI | Lefteris Nikolaou-Alavanos |

| 7 | 0 |
|---|---|
| ECR | Michiel Hoogeveen, Eugen Jurzyca, Dorien Rookmaker, Johan Van Overtveldt |
| The Left | José Gusmão, Chris MacManus, Dimitrios Papadimoulis |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni